

# Il-Ġurnal Uffiċjali C 348 tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 55

14 ta' Novembru 2012

Avviż Nru

Werrej

Pagina

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĞENZJJI TAL-UNJONI EWROPEA

### **Il-Kummissjoni Ewropea**

2012/C 348/01	Kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea — Sena finanzjarja 2011 .....	1
2012/C 348/02	Id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni tal-Qorti mogħtija lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Rapport tal-audit indipendenti .....	130

Prezz:  
EUR 7



## IV

(Informazzjoni)

**INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA**

**KONTIJIET ANNWALI KONSOLIDATI TAL-UNJONI EWROPEA — SENA FINANZJARJA 2011**

(2012/C 348/01)

**WERREJ**

	<i>Paġna</i>
<b>Nota li takkumpanja l-kontijiet konsolidati .....</b>	<b>2</b>
<b>PARTI I: Rapporti finanzjarji konsolidati u noti ta' spjega .....</b>	<b>3</b>
Karta tal-Bilanċi .....	4
Kont tal-Eżitu ekonomiku .....	5
Tabella tal-Flussi tal-Flus .....	6
Dikjarazzjoni tal-bidliet fl-Assi Netti .....	7
Noti mad-dikjarazzjonijiet finanzjarji .....	8
<b>PARTI II: Rapporti konsolidati dwar l-implementazzjoni tal-baġit u noti ta' spjega .....</b>	<b>97</b>
Rapporti konsolidati dwar l-implementazzjoni tal-baġit .....	98
Noti ta' spjega għar-rapporti konsolidati dwar l-implementazzjoni tal-baġit .....	120

**NOTA LI TAKKUMPAŃJA L-KONTIJIET KONSOLIDATI**

Il-kontijiet annwali konsolidati tal-Unjoni Ewropea għas-sena 2011 tħejjew fuq il-bażi tal-informazzjoni ppreżentata mill-istituzzjonijiet u l-korpi skont l-Artikolu 129.2 tar-regolament finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-unjoni ewropea. B'dan niddikjara li huma tħejjew b'konformità mat-titolu vii ta' dan ir-regolament finanzjarju u skont il-prinċipji, regoli u metodi ta' kontabilità stipulati fin-noti mad-dikjarazzjonijiet finanzjarji.

Ksibt l-informazzjoni kollha neċċessarja mingħand l-uffiċjali tal-kontabilità ta' dawn l-istituzzjonijiet u korpi, li ċċertifikaw l-affidabilità tagħha, għall-produzzjoni tal-kontijiet li juru l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-unjoni ewropea u l-implementazzjoni tal-baġit.

B'dan niċċertifika li skont din l-informazzjoni, u wara l-verifikasi li dehruli neċċessarji biex niffirma l-kontijiet tal-kummissjoni ewropea, għandi assigurazzjoni rāgħonevoli li l-kontijiet jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-unjoni ewropea fl-aspetti materjali kollha.

(iżżepp)

Philippe TAVERNE  
L-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni  
18 ta' Lulju 2012

## PARTI I

**Rapporti finanzjarji konsolidati u noti ta' spjega (¹)****WERREJ**

	<i>Paġna</i>
Karta tal-Bilanċi .....	4
Kont tal-Eżitu Ekonomiku .....	5
Tabella tal-Flussi tal-Flus .....	6
Dikjarazzjoni tal-Bidliet fl-Assi Netti .....	7
Noti mad-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji: .....	8
1. Politiki sinifikanti tal-kontabilità .....	8
2. Noti mal-Karta tal-Bilanċi .....	19
3. Noti mal-Kont tal-Eżitu Ekonomiku .....	39
4. Noti mat-Tabella tal-Flussi tal-Flus .....	49
5. Assi u Obbligazzjonijiet Kontinġenti u divulgazzjonijiet oħra .....	49
6. Korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri .....	53
7. Attivitajiet ta' għoti u teħid b'self tal-UE .....	77
8. Ġestjoni tar-riskju finanzjarju .....	85
9. Divulgazzjonijiet tal-partijiet relatati .....	90
10. Avvenimenti wara d-data tal-karta tal-bilanċ .....	92
11. Kamp ta' applikazzjoni tal-konsolidazzjoni .....	93

(¹) Ta' min jingħad li minħabba t-tqarrib tal-figuri f'miljuni ta' euro, jista' jidher li xi dejta finazjarja fit-tabelli ta' hawn taħt ma taqbilx fl-għadd finali

## KARTA TAL-BILANĊI

EUR miljuni

	Nota	31.12.2011	31.12.2010
ASSI MHUX KURRENTI:			
Assi intanġibbli	2.1	149	108
Proprijetà, impjanti u tagħmir	2.2	5 071	4 813
Investimenti fit-tul:			
Investimenti kkontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità	2.3	374	492
Assi finanzjarji: Assi lesti biex jinbiegħu	2.4	2 272	2 063
Assi finanzjarji: Self fit-tul	2.5	41 400	11 640
Riċevibbli u rekuperabbi fit-tul	2.6	289	40
Prefinanzjament fit-tul	2.7	44 723	44 118
		<b>94 278</b>	<b>63 274</b>
ASSI KURRENTI:			
Inventarji	2.8	94	91
Investimenti għal żmien qasir:			
Assi finanzjarji: Assi lesti biex jinbiegħu	2.9	3 619	2 331
Riċevibbli u rekuperabbi għal perjodu qasir:			
Assi finanzjarji: Self għal perjodu qasir	2.10	102	2 170
Riċevibbli u rekuperabbi oħrajn	2.11	9 477	11 331
Prefinanzjament għal perjodu qasir	2.12	11 007	10 078
Flus u ekwivalenti ta' flus	2.13	18 935	22 063
		<b>43 234</b>	<b>48 064</b>
ASSI TOTALI		<b>137 512</b>	<b>111 338</b>
OBBLIGAZZJONIJIET MHUX KURRENTI:			
Benefiċċi tal-pensjoni u benefiċċi oħrajn tal-impjegati	2.14	(34 835)	(37 172)
Provvedimenti għat-tul	2.15	(1 495)	(1 317)
Obbligazzjonijiet finanzjarji fit-tul	2.16	(41 179)	(11 445)
Obbligazzjonijiet oħrajn fit-tul	2.17	(2 059)	(2 104)
		<b>(79 568)</b>	<b>(52 038)</b>
OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI:			
Provvedimenti għal perjodu qasir	2.18	(270)	(214)
Obbligazzjonijiet finanzjarji għal perjodu qasir	2.19	(51)	(2 004)
Kontijiet pagabbli	2.20	(91 473)	(84 529)
		<b>(91 794)</b>	<b>(86 747)</b>
TOTAL TA' OBBLIGAZZJONIJIET		<b>(171 362)</b>	<b>(138 785)</b>
ASSI NETTI		<b>(33 850)</b>	<b>(27 447)</b>
Riżervi	2.21	3 608	3 484
Ammonti li għandhom jingħabru mill-Istati Membri (1)	2.22	(37 458)	(30 931)
ASSI NETTI		<b>(33 850)</b>	<b>(27 447)</b>

(1) Fl-1 ta' Diċembru 2011, il-Parlament Ewropew adotta baġit li jipprovdha għall-ħlas tal-obbligazzjonijiet għal perjodu qasir tal-Unjoni mirriżorsi propri li fl-2012 iridu jingħabru mill-Istati Membri, jew jintalbu lilhom. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal (ir-Regolament tal-Kunsill 259/68 tad-29 ta' Frar 1968 kif emdant), l-Istati Membri għandhom jiggarrantixu b'mod konġunt l-obbligazzjoni għall-pensioni.

## KONT TAL-EŻITU EKONOMIKU

	Nota	2011	2010	EUR miljuni
DĦUL OPERATTIV				
Dħul mir-riżorsi propri u l-kontribuzzjonijiet	3.1	124 677	122 328	
Dħul operattiv ieħor	3.2	5 376	8 188	
		<b>130 053</b>	<b>130 516</b>	
SPEJJEŻ OPERATTIVI				
Spejjeż amministrattivi	3.3	(8 976)	(8 614)	
Spejjeż operattivi	3.4	(123 778)	(103 764)	
		<b>(132 754)</b>	<b>(112 378)</b>	
BILANĊ (NEGATTIV)/POŽİTTIV MINN ATTIVITAJIET OPERATTIVI				<b>18 138</b>
Dħul finanzjarju	3.5	1 491	1 178	
Spejjeż finanzjarji	3.6	(1 355)	(661)	
Moviment fl-obbligazzjoni tal-pensjonijiet u beneficiċċi oħrajin tal-impiegati		1 212	(1 003)	
Sehem mill-bilanċ negattiv nett tal-assoċjati u l-impriżi konġunti	3.7	(436)	(420)	
<b>EŻITU EKONOMIKU GĦAS-SENA</b>		<b>(1 789)</b>	<b>17 232</b>	

## TABELLA TAL-FLUSSI TAL-FLUS

EUR miljuni

	Nota	2011	2010
<b>Eżitu ekonomiku għas-sena</b>		(1 789)	17 232
Attivitajiet operattivi	4.2		
Ammortizzazzjoni		33	28
Deprezzament		361	358
(Żieda)/tnaqqis fis-self fit-tul		(29 760)	(876)
(Żieda)/tnaqqis fil-prefinanzjament fit-tul		(605)	(2 574)
(Żieda)/tnaqqis fir-riċevibbli u rekuperabbbi fit-tul		(249)	15
(Żieda)/tnaqqis fl-inventarji		(3)	(14)
(Żieda)/tnaqqis fil-prefinanzjament għal perjodu qasir		(929)	(642)
(Żieda)/tnaqqis fir-riċevibbli u rekuperabbbi għal perjodu qasir		3 922	(4 543)
Żieda/(tnaqqis) fil-provvedimenti għat-tul		178	(152)
Żieda/(tnaqqis) fl-obbligazzjonijiet finanzjarji fit-tul		29 734	886
Żieda/(tnaqqis) fl-obbligazzjonijiet oħrajn fit-tul		(45)	(74)
Żieda/(tnaqqis) fil-provvedimenti għal perjodu qasir		56	1
Żieda/(tnaqqis) fl-obbligazzjonijiet finanzjarji għal perjodu qasir		(1 953)	1 964
Żieda/(tnaqqis) fil-kontijiet pagabbli		6 944	(9 355)
Bilanċ pożittiv tas-sena preċedenti meħud bħala dħul mhux fi flus		(4 539)	(2 254)
Movimenti oħrajn mhux fi flus		(75)	(149)
Żieda/(tnaqqis) fl-obbligazzjoni tal-pensjoni u tal-benefiċċji tal-impiegati		(2 337)	(70)
Attivitajiet ta' investiment	4.3		
(Żieda)/tnaqqis fl-assi intanġibbli u l-proprietà, l-impjanti u t-tagħmir		(693)	(374)
(Żieda)/tnaqqis f-investimenti fit-tul		(91)	(176)
(Żieda)/tnaqqis f-investimenti għal żmien qasir		(1 288)	(540)
<b>FLUSSI NETTI TAL-FLUS</b>		(3 128)	(1 309)
Żieda/(tnaqqis) netti fi flus u ekwivalenti		(3 128)	(1 309)
Flus u ekwivalenti fil-bidu tas-sena	2.13	22 063	23 372
Flus u ekwivalenti fi tmiem is-sena	2.13	18 935	22 063

## DIKJARAZZJONI TAL-BIDLIET FL-ASSI NETTI

EUR miljuni

	Riżervi (A)		Ammonti li għandhom jintalbu mingħand l-Istati Membri (B)		Assi netti = (A) + (B)
	Riżerva tal-valur ġust	Riżervi oħrajn	Bilanċ Pożittiv/(Ne- gattiv) Akkumulat	Eżitu ekonomiku tas-sena	
<b>BILANĊ FIL-31 DIĊEMBRU 2009</b>	<b>69</b>	<b>3 254</b>	<b>(52 488)</b>	<b>6 887</b>	<b>(42 278)</b>
Moviment fir-riżerva tal-Fond ta' Garanzija		273	(273)		0
Movimenti fil-valur ġust	(130)				(130)
Oħrajn		4	(21)		(17)
Allokazzjoni tal-eżitu ekonomiku 2009		14	6 873	(6 887)	0
Riżultat tal-baġit 2009 attribwit lill-Istati Membri			(2 254)		(2 254)
Eżitu ekonomiku għas-sena				17 232	17 232
<b>BILANĊ FIL-31 ta' Diċembru 2010</b>	<b>(61)</b>	<b>3 545</b>	<b>(48 163)</b>	<b>17 232</b>	<b>(27 447)</b>
Moviment fir-riżerva tal-Fond ta' Garanzija		165	(165)		0
Movimenti fil-valur ġust	(47)				(47)
Oħrajn		2	(30)		(28)
Allokazzjoni tal-eżitu ekonomiku 2010		4	17 228	(17 232)	0
Riżultat tal-baġit 2010 attribwit lill-Istati Membri			(4 539)		(4 539)
Eżitu ekonomiku għas-sena				(1 789)	(1 789)
<b>BILANĊ FIL-31 ta' Diċembru 2011</b>	<b>(108)</b>	<b>3 716</b>	<b>(35 669)</b>	<b>(1 789)</b>	<b>(33 850)</b>

## NOTI MAD-DIKJARAZZJONIJET FINANZJARJI

### 1. POLITIKI SINIFIKANTI TAL-KONTABILITÀ

#### 1.1 IR-REGOLI DWAR IL-BAŻI LEGALI U L-KONTABILITÀ

Il-kontijiet tal-Unjoni Ewropea jinżammu skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 (ĠU L 248 tas-16 ta' Settembru 2002), dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament Finanzjarju.

Skont l-Artikolu 133 tar-Regolament Finanzjarju, l-Unjoni Ewropea tipprepara d-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati tagħha tal-2010 fuq il-bażi ta' regoli ta' kontabilità bbażati fuq id-dovuti li huma meħudin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità għas-Settur Pubbliku (IPSAS) jew, jekk ma jkunx spċifikat mod ieħor, mill-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju (IFRS). Dawn ir-regoli ta' kontabilità, adottati mill-Ufficial tal-Kontabilità tal-Kummissjoni, għandhom jiġu applikati mill-istituzzjonijiet u mill-entitajiet kollha tal-UE li bħalissa jaqgħu fl-ambitu tal-konsolidazzjoni sabiex tiġi stabilita ġabrab ta' regoli uniformi għall-kontabilità, il-valutazzjoni u l-preżentazzjoni tal-kontijiet bil-għan li jiġi armonizzat il-proċess tat-tfassil tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji u l-konsolidazzjoni. Il-kontijiet jinżammu fil-munita Euro fuq il-bażi tas-sena kalendara.

#### 1.2 IL-PRINCIPIJ TAL-KONTABILITÀ

L-għan tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji huwa li jipprovdū informazzjoni li tkun utli għal ħafna nies li jkollhom bżonn jużawha dwar il-pożizzjoni finanzjarja, ir-rendiment u l-flus ta' entità. Għal entità tas-settur pubbliku bħall-UE, l-għanijiet huma, b'mod aktar spċifiku, li tiġi pprovduta informazzjoni utli għat-teħid tad-deċiżjonijiet, u li tingħata prova tar-responsabbiltà tal-entità fir-rigward tar-riżorsi fdati lilha.

Il-konkużjonijiet ġenerali (jew il-prinċipi tal-kontabilità) li jridu jiġu segwiti meta jitħejjew id-dikjarazzjonijiet finanzjarji huma stabiliti fir-regola 2 tal-kontabilità tal-UE u huma l-istess bħal dawk deskritti f'IPSAS 1, jiġifieri: preżentazzjoni ġusta, bażi tad-dovuti, negozju avvja, konsistenza tal-preżentazzjoni, aggregazzjoni, tpaċċija u informazzjoni komparattiva.

Il-preparazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji skont ir-regoli u l-prinċipi imsemmija iktar 'il fuq teħtieġ li l-manġiement jagħmel stimi li jaffettwaw l-ammonti rapportati ta' ċerti partiti fil-karta tal-bilanċ ikkonsolidata u fil-kont tal-eżitu ekonomiku kkonsolidat, kif ukoll id-divulgazzjonijiet relatati ta' assi u obbligazzjonijiet kontinġenti.

#### 1.3 KONSOLIDAZZJONI

##### **L-ambitu tal-konsolidazzjoni**

Ir-rapporti finanzjarji kkonsolidati tal-UE jinkludu l-entitajiet ikkontrollati sinifikanti kollha (istituzzjonijiet u aġenzi), assoċjati u impriżi kongħuni, li jammontaw għal 50 entità kontrollata, 5 impriżi kongħuni u 4 assoċjati. Il-lista sħiħa tal-entitajiet ikkonsolidati tinsab fin-nota **11.1**. Meta mqabbel mal-2010, l-ambitu tal-konsolidazzjoni ġie estiż b'7 entitajiet ikkontrollati (istituzzjoni waħda, 6 aġenzi). L-impatt taż-żidiet fuq ir-rapporti finanzjarji kkonsolidati mħuwiex materjali.

##### **Entitajiet ikkontrollati**

Id-deċiżjoni li tiġi inkluża entità fl-ambitu tal-konsolidazzjoni hija bbażata fuq il-kunċett ta' kontroll. L-entitajiet ikkontrollati huma l-entitajiet kollha li l-Unjoni Ewropea għandha, direttament jew indirettament, is-setgħa li tirregola l-politiki finanzjarji u operattivi tagħhom sabiex tkun tista' tibbenefika mill-aktivitajiet ta' dawn l-entitajiet. Din is-setgħa għandha tkun eżerċitabbli fil-preżent. L-entitajiet ikkontrollati huma kkonsolidati għal kollo. Il-konsolidament jibda fl-ewwel data li fiha jeżisti l-kontroll, u jintemm meta ma jkunx għadu jeżisti dan il-kontroll.

L-iktar indikaturi komuni tal-kontroll fl-Unjoni Ewropea huma: il-ħolqien tal-entità permezz ta' trattati ta' twaqqif jew leġiżlazzjoni sekondarja, finanzjament tal-entità mill-baġit ġenerali, l-eżistenza ta' drittijiet għall-vot fl-entitajiet governattivi, awditjar mill-Qorti Ewropea tal-Audituri u kwittanza mill-Parlament Ewropew. Huwa ċar li hemm bżonn li ssir valutazzjoni għal kull entità sabiex jiġi deċiż jekk wieħed mill-kriterji jew il-kriterji kollha kemm huma elenkti hawn fuq humiex biżżejjed biex jikkawżaw il-kontroll.

Skont dan l-aprocċċ, l-istituzzjonijiet (minbarra l-BĊE) u l-aġenziji tal-UE (minbarra l-aġenziji ta' dak li kien it-tieni pilastru) jitqiesu bħala li huma taħt il-kontroll esklussiv tal-UE u għalhekk huma inklużi fl-ambitu tal-konsolidazzjoni. Barra minn hekk il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (KEFA) f'Likwidazzjoni hija kkunsidrata wkoll bħala entità kkontrollata.

It-tranżazzjonijiet u l-bilanċi materjali kollha bejn l-entitajiet ikkонтrollati tal-UE ġew eliminati, filwaqt li l-qligħ u t-telf mhux realizzati fi tranżazzjonijiet bejn l-entitajiet mhumiex materjali u għalhekk ma ġewx eliminati.

### Impriżi konġunti

Impriżi konġunta hija arranġament b'kuntratt bejn l-Unjoni Ewropea u parti waħda jew aktar ("l-impren-dituri") li bih dawn jidħlu għal attivitā ekonomika soġġetta għal kontroll konġunt. Kontroll konġunt huwa l-kondiżjoni ta' kontroll, direttament jew indirettament, mistiehem b'kuntratt fuq attivitā li tinkorpora potenzjal ta' servizz.

Parteċipazzjonijiet fl-impriżi konġunti huma kontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità inizjalment rikonoxxut mal-kost. L-interess tal-Unjoni Ewropea fir-riżultati tal-entitajiet tagħha kkontrollati b'mod konġunt huwa rikonoxxut fil-kont tal-eżitu ekonomiku, u l-interess tagħha fil-movimenti fir-riżervi huwa rikonoxxut fir-riżervi. Il-prezz inizjali kif ukoll il-movimenti kollha (kontribuzzjonijiet ulterjuri, sehem tar-riżultati u movimenti tar-riżerva, indebolimenti, u dividendi) jaġħtu l-valur finanzjarju tal-assoċjat fil-kontijiet fid-data tal-karta tal-bilanċi.

Il-qligħ u telf mhux realizzati fuq tranżazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-entitajiet tagħha kkontrollati b'mod konġunt mhumiex materjali u għalhekk ma ġewx eliminati. Il-politika tal-kontabilità tal-impriżi konġunti tista' tkun differenti minn dawk adottati mill-Unjoni Ewropea għal tranżazzjonijiet u avvenimenti simili fċirkostanzi li jixbxhuhom.

### Assoċjati

L-assoċjati huma entitajiet li fuqhom l-Unjoni Ewropea għandha, direttament jew indirettament, influenza sinifikanti, iż-żda mhux kontroll. Huwa ssoponut li jkun hemm influenza sinifikanti jekk l-Unjoni Ewropea jkollha, direttament jew indirettament, 20% jew aktar mid-drittijiet tal-vot.

Parteċipazzjonijiet fassōċjati huma kontabilizzati permezz tal-metodu tal-ekvità, inizjalment rikonoxxut mal-kost. Is-sehem tal-Unjoni Ewropea mir-riżultati tal-assoċjati tagħha huwa rikonoxxut fil-kont tal-eżitu ekonomiku, u s-sehem tagħha mill-movimenti fir-riżervi huwa rikonoxxut fir-riżervi. Il-prezz inizjali kif ukoll il-movimenti kollha (kontribuzzjonijiet ulterjuri, sehem tar-riżultati u movimenti tar-riżerva, indebolimenti, u dividendi) jaġħtu l-valur skont il-kotba tal-assoċjat fil-kontijiet fid-data tal-karta tal-bilanċi. Distri-buzzjonijiet riċevuti minn assoċjati inaqqsu l-ammont kontabbli tal-assi. Qligħ u telf mhux realizzati fuq tranżazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-assoċjati tagħha mhumiex materjali u għalhekk ma ġewx eliminati.

Il-politika tal-kontabilità tal-assoċjati tista' tkun differenti minn dik adottata mill-Unjoni Ewropea għal tranżazzjonijiet u avvenimenti simili fċirkostanzi li jixbxhuhom. F'każiġiet fejn l-Unjoni Ewropea jkollha 20 % jew aktar minn fond ta' kapital ta' riskju, l-UE ma tfittix li teżerċita influenza sinifikanti. Għalhekk dawn il-fondi jitqiesu bħala strumenti finanzjarji disponibbli għall-bejħ u ma jiġix applikat il-metodu tal-ekvità.

### Entitajiet mhux ikkonsolidati li l-fondi tagħhom huma ġestiti mill-Kummissjoni

Il-fondi tal-Iskema tal-Assigurazzjoni tal-Mard għall-persunal tal-Unjoni Ewropea, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp u l-Fond ta' Garanzija tal-Parteċipanti huma ġestiti mill-Kummissjoni fisimhom, madankollu, peress li dawn l-entitajiet mhumiex ikkонтrollati mill-Unjoni Ewropea, mhumiex ikkonsolidati f'dawn il-kontijiet – ara nota **11.2** għal aktar dettalji dwar l-ammonti kkonċernati.

#### 1.4 BAŻI TAL-PREPARAZZJONI

##### 1.4.1 Munita u bażi għall-konverżjoni

###### Munita funzjonali u tar-rapportar

Id-dikjarazzjonijiet finanzjarji huma ppreżentati f'miljuni ta' euro għaliex l-euro huwa l-munita funzjonali u tar-rapportar tal-Unjoni Ewropea.

### Tranżazzjonijiet u bilanċi

Tranżazzjonijiet fi flus barranin jinqelbu f'euro bir-rati tal-kambju prevalent i fid-dati tat-tranżazzjonijiet. Qligħ u telf tal-kambju li jirriżultaw mis-saldu ta' tranżazzjonijiet ta' muniti barranin u mit-traduzzjoni bir-rati tal-kambju tal-aħħar tas-sena ta' assi monetarji u obbligazzjonijiet denominati f'muniti barranin huma rikonoxxuti fil-kont tal-eżitu ekonomiku.

Metodi ta' konverżjoni differenti japplikaw għall-proprietà, impjanti u tagħmir u assi intanġibbli, li jżommu l-valur tagħhom f'euro bir-rati li kienu japplikaw fid-data meta nxtraw.

Il-bilanċi tal-aħħar tas-sena ta' assi u obbligazzjonijiet monetarji denominati f'muniti barranin huma kkonvertiti f'euro fuq il-bażi tar-rati tal-kambju li japplikaw fil-31 ta' Diċembru:

Rati tal-Kambju tal-EURO

Munita	31.12.2011	31.12.2010
BGN	1,9558	1,9558
CZK	25,7870	25,0610
DKK	7,4342	7,4535
EEK	N/A	15,6466
GBP	0,8353	0,8607
HUF	314,5800	277,9500
LVL	0,6995	0,7094
LTL	3,4528	3,4528
PLN	4,4580	3,9750
RON	4,3233	4,2620
SEK	8,9120	8,9655
CHF	1,2156	1,2504
JPY	100,2000	108,6500
USD	1,2939	1,3362

Bidliet fil-valur ġust ta' titoli monetarji denominati f'munita barranija u kklassifikati bħala disponibbli għall-bejgħ li jirrigwardaw differenza fit-traduzzjoni huma rikonoxxuti fil-kont tal-eżitu ekonomiku. Differenzi fit-traduzzjoni fuq assi u obbligazzjonijiet finanzjarji mhux monetarji kontabilizzati bil-valur ġust permezz ta' qligħ jew telf huma rikonoxxuti fil-kont tal-eżitu ekonomiku. Id-differenzi fit-traduzzjoni fuq assi finanzjarji mhux monetarji kklassifikati bħala li huma disponibbli għall-bejgħ huma inklużi fir-riżerva tal-valur ġust.

#### 1.4.2 Użu ta' stimi

B'konformità mal-IPSAS u l-prinċipji tal-kontabilità aċċettati b'mod ġenerali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji neċċessarjament jinkludu ammonti bbażati fuq stimi u suppożizzjonijiet mill-amministrazzjoni fuq il-bażi tal-aktar informazzjoni affidabbli disponibbli. Stimi sinifkanti jinkludu, imma mhumiex limitati għal, ammonti għall-obbligazzjonijiet tal-benefiċċċi tal-impiegati, provvedimenti, riskju finanzjarju fuq inventarji u kontijiet riċevibbli, dħul u ħlasijiet dovuti, assi u obbligazzjonijiet kontinġenti, u l-grad ta' indeboliment ta' assi intanġibbli u proprietà, impjanti u tagħmir. Ir-riżultati attwali jistgħu jkunu differenti minn dawk l-istimi. Il-bidliet fl-istimi huma riflessi fil-perjodu li fih isiru magħrufa.

## 1.5 KARTA TAL-BILANĊI

### 1.5.1 Assi intanġibbli

Liċenzji akkwistati ta' softwer tal-kompjuter huma kontabilizzati skont kemm ikunu nxtraw bl-ammortizzazzjoni u t-telf mill-indeboliment akkumulati mnaqqa minn dan. L-assi huma ammortizzati fuq il-bażi ta' 'linja ditta' fuq it-tul tal-ħajja utli stmati tagħhom. Assi intanġibbli żviluppati internament huma kapitallizzati meta jiġu sodisfatti l-kriterji relevanti tar-regoli tal-kontabilità tal-UE. L-ispejjeż kapitalizzabbi jinkludu l-ispejjeż kollha attribwibbli direttament meħtieġa sabiex jinħoloq, jiġi prodott, u jithejjha l-ass sabiex ikun jista' jopera bil-mod maħsub mill-manġment. Spejjeż assoċjati mal-aktivitajiet ta' riċerka, spejjeż ta' żvilupp mhux kapitalizzabbi u spejjeż tal-manutenzjoni huma rikonoxxuti bħala spejjeż hekk kif jiġġarrbu.

### 1.5.2 Proprietà, impjanti u tagħmir

Il-proprietà, l-impjanti u t-tagħmir kollha huma kontabilizzati skont kemm ikunu nxtraw bid-deprezzament u t-telf mill-indeboliment akkumulati mnaqqa minn dan. Il-prezz storiku jinkludi l-infıq li jkun attribwibbli direttament għall-akkwist jew il-kostruzzjoni tal-assi.

L-ispejjeż sussegwenti huma inklużi fl-ammont kontabbi tal-assi jew rikonoxxuti bħala assi separat, kif ikun jixraq, biss meta huwa probabbli li l-benefiċċi ekonomiċi, jew potenzjal ta' servizz, futuri assoċjati ma' dak l-element ikunu se jmorru għand l-Unjoni Ewropea u l-prezz tiegħu jkun jista' jitkejjel b'mod affidabbli. Kwalunkwe tiswija u manteniment ieħor jiġu debitati lill-kont tal-eżitu ekonomiku matul il-perjodu finanzjarju li fis-xebha. Ladarba l-Unjoni Ewropea ma tissellix flus sabiex tiffinanzja l-akkwist ta' proprietà, impjanti u tagħmir, m'hemm l-ebda spiża ta' self relatata ma' dan.

L-art u l-opri tal-arti mhumiex deprezzati għax jitqiesu li għandhom ħajja utli infinita. Assi taħt kostruzzjoni mhumiex deprezzati għax għadhom mhumiex disponibbli għall-użu. Id-deprezzament fuq assi oħrajn jiġi kkalkolat bil-metodu tal-linja ditta' biex tiġi allokkata l-ispiża oriġinali tagħhom lill-valuri residwi tagħhom fuq it-tul maħsub taż-żmien tal-utilità tagħhom, kif ġej:

Rati ta' deprezzament

Tip ta' assi	Rata ta' diprezzament linear
Bini	4 %
Impjant, makkinarju u tagħmir	10 % sa 25 %
Għamara	10 % sa 25 %
Armar	10 % sa 33 %
Vetturi	25 %
Hardwer tal-kompjuter	25 %
Assi tanġibbli oħra	10 % sa 33 %

Qliġ jew telf fuq disponimenti huma determinati billi jitqabblu d-dħul, bl-ispejjeż tal-bejġi imnaqqa minnu, mal-ammont kontabbi tal-assi ċedut u huma inklużi fil-kont tal-eżitu ekonomiku.

### Kirjet

Il-kiri ta' assi tanġibbli, fejn l-Unjoni Ewropea għandha sostanzjalment ir-riskji u l-vantaġġi kollha ta' proprietà, huwa kklassifikat bħala kiri finanzjarju. Il-kiri finanzjarju huwa kkapitalizzat fil-bidunett tal-kirja skont l-inqas mill-valur ġust tal-assi mikrija u l-valur preżenti tal-ħlasijiet minimi tal-kiri. Kull ħlas tal-kiri huwa allokat bejn l-obbligazzjoni u l-ħlasijiet finanzjarji sabiex tinkiseb rata kostanti fuq il-bilanċ finanzjarju pendenti. L-obbligi tal-kiri, wara li jkunu tnaqqsu d-drittijiet finanzjarji, huma inklużi f'obbligazzjonijiet oħrajn (ta' skadenza twila u qasira.) L-element ta' imgħax tal-ispiża finanzjarja huwa ddebitat lill-kont tal-eżitu ekonomiku matul il-perjodu tal-kiri b'mod li jiprodu rata perjodika kostanti ta' imgħax fuq il-bilanċ li jibqa' tal-obbligazzjoni għal kull perjodu. L-assi akkwistati taħt kiri finanzjarju huma deprezzati matul l-iqsar bejn iż-żmien tal-utilità tal-assi u t-terminu tal-kiri.

Kiri fejn sid il-kera jżomm sehem sinifikanti mir-riskji u l-benefiċċi marbuta mal-proprietà huwa kklassifikat bħala kiri operattiv. Ħlasijiet li jsiru taħt kiri operattiv huma ddebitati lill-kont tal-eżitu ekonomiku fuq bażi ta' linja drittul il-perjodu tal-kirja.

#### **1.5.3 Indeboliment ta' assi mhux finanzjarji**

Assi li għandhom żmien ta' utilità indefinit mħumiex soġġetti għall-ammortizzazzjoni u huma ttestjati kull sena fir-rigward tal-indeboliment. Assi li huma soġġetti għall-ammortizzazzjoni huma eżaminati fir-rigward tal-indeboliment kull darba li avvenimenti jew bidliet fiċ-ċirkostanzi jindikaw il-possibbiltà li l-ammont kontabilizzat jista' ma jkunx rekuperabbi. Telf minħabba indeboliment huwa rikonoxxut għall-ammont li bih l-ammont kontabbli tal-assi jaqbeż l-ammont rekuperabbi tiegħu. L-ammont li jista' jkun irkuprat huwa l-ogħla mill-valur ġust tal-assi, bl-ispejjeż tal-bejgħ imnaqqs minnu, u l-valur tiegħu fl-użu.

Il-valuri residwi u l-ħajja utli tal-assi intanġibbli u l-proprietà, l-impjanti u t-tagħmir jiġu eżaminati, u aġġustati jekk ikun hemm bżonn, tal-inqas darba fis-sena. L-ammont kontabbli ta' assi jiġi mnaqqas immedjatamente għall-ammont li jista' jerġa' jiġi rkuprat jekk l-ammont kontabbli tal-assi jkun akbar mill-ammont li hu stmat li jista' jerġa' jiġi rkuprat tiegħu. Jekk ir-raqunijiet għall-indebolimenti rikonoxxuti fis-snin preċedenti ma japplikawx iktar, it-telf tal-indebolimenti jitreggħa' lura skont dan.

#### **1.5.4 Investimenti**

##### **Parteċipazzjonijiet f'Assoċjati u f'Impriżi Konġunti**

Parteċipazzjonijiet f'assoċjati u f'impriżi konġunti huma kontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità. L-ispejjeż tal-ekwità huma aġġustati biex jirriflettu s-sehem ta' żidiet jew tnaqqis fl-assi netti tal-assoċjati u l-impriżi konġunti li huma attribwibbli lill-Unjoni Ewropea wara rikonoxximent inizjali jekk ikun hemm indikazzjonijiet ta' indeboliment u mnaqqsa għall-ammont rekuperabbi aktar baxx jekk meħtieġ. L-ammont rekuperabbi huwa stabbilit kif deskrirt taħt **1.5.3**. Jekk ir-raquni għall-indeboliment ma tibqax tapplika iktar tard, it-telf tal-indeboliment jitreggħa' lura lejn l-ammont kontabbilizzat li kien ikun stabbilit li kieku ma ġie rikonoxxut l-ebda telf ta' indeboliment.

##### **Investimenti f'Fondi ta' Kapital tar-Riskju**

###### **Klassifikazzjoni u kej**

Investimenti f'Fondi ta' Kapital tar-Riskju huma kklassifikati bħala assi disponibbli għall-bejgħ (ara **1.5.5**) u ġhalhekk, għandhom jintwerew skont il-valur ġust tagħhom bil-qligħ u t-telf li jirriżulta mill-bidli fil-valur ġust (inklużi differenzi fit-traduzzjoni) rikonoxxuti fir-riżerva tal-valur ġust.

###### **Kunsiderazzjonijiet tal-valur ġust**

Ladarba m'għandhomx prezzi tas-suq ikkwotat f'suq attiv, l-investimenti f'Fondi ta' Kapital tar-Riskju huma vvalutati linja b'linja abbażi tal-inqas mill-prezz tax-xiri jew il-valur tal-assi netti ("NAV") attribwibbli. Qligħ mhux realizzat li jirriżulta mill-kejjal tal-valur ġust jiġi rikonoxxut permezz ta' riżervi u telf mhux realizzat jiġi valutat għal indebolimenti sabiex jiġi determinat jekk huwiex rikonoxxut bħala telf ta' indebolimenti fil-kont tal-eżitu ekonomiku jew bħala tibdil fir-riżerva tal-valur ġust.

#### **1.5.5 Assi finanzjarji**

##### **Klassifikazzjoni**

L-Unjoni Ewropea tikklassifika l-assi finanzjarji tagħha fil-kategoriji li ġejjin: assi finanzjarji b'valur ġust minn qligħ jew telf; ammonti misluħa u riċevibbli; investimenti miżmura sad-data tal-maturità; u assi finanzjarji disponibbli għall-bejħ. Il-klassifikazzjoni tal-istumenti finanzjarji hija ddeterminata mar-rikonoxximent inizjali u terġa' tiġi evalwata f'kull data tal-karta tal-bilanċi.

###### **(i) Assi finanzjarji b'valur ġust minn qligħ jew telf**

Assi finanzjarji huma kklassifikati f'din il-kategorija jekk ikunu akkwistati principally bl-iskop li jinbiegħu fi żmien qasir jew jekk ikun hekk indikat mill-Unjoni Ewropea. Id-derivattivi huma wkoll ikkategorizzati f'din il-kategorija. L-assi f'din il-kategorija jiġi kklassifikati bħala assi kurrenti jekk ikunu mistennija li jiġi realizzati fi żmien 12-il xahar mid-data tal-karta tal-bilanċi.

(ii) *Self u ammonti riċevibbli*

Self u ammonti riċevibbli huma assi finanzjarji mhux derivattivi bi ħlasijiet fissi jew li jistgħu jiġu determinati li mħumiex ikkwotati f'suq attiv. Dawn jinħolqu meta l-UE tipprovd flus, oġġetti jew servizzi direttament lil debitur bl-ebda intenzjoni li tinnegozja r-riċevibbli. Dawn huma inklużi fl-assi mhux kurrenti, minbarra fil-każ ta' maturitajiet ta' inqas minn 12-il xahar mid-data tal-karta tal-bilanċi.

(iii) *Investimenti miżmuma sal-maturità*

Investimenti miżmuma sal-maturità huma assi finanzjarji mhux derivattivi bi ħlasijiet fissi jew li jistgħu jiġu ddeterminati, u maturitajiet fissi li l-Unjoni Ewropea jkollha l-intenzjoni u l-abilità li żżomm sakemm jimmaturaw. Matul din is-sena finanzjarja, l-Unjoni Ewropea ma kellhiex investimenti f'din il-kategorija.

(iv) *Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ*

Assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ huma assi mhux derivattivi li jew huma kklassifikati f'din il-kategorija jew li m'huma kklassifikati fl-ebda waħda mill-kategoriji l-oħrajn. Huma kklassifikati jew bħala assi kurrenti jew bħala assi mhux kurrenti, skont il-perjodu ta' żmien li fi l-UE bi ħsiebha tiddisponi minnhom. Investimenti fentajiet mhux ikkonsolidati u investimenti oħra ta' ekwità (eż. Operazzjonijiet ta' Kapital tar-Riskju) li mħumiex kontabilizzati bl-użu tal-metodu tal-ekwità huma wkoll ikklassifikati bħala assi finanzjarji disponibbli għall-bejgħ.

### Rikonoxximent u valutazzjoni inizjali

Xiri u bejgħ ta' assi finanzjarji bil-valur ġust minn qligħ jew telf, dawk miżmuma sal-maturità u dawk disponibbli għall-bejgħ jiġi rikonoxxuti fid-data tan-negozju – id-data li fiha l-Unjoni Ewropea tikkommetti ruħha li tixtri jew tbigħ l-assi. Is-self huwa rikonoxxut meta l-flus jingħataw lil min jissellef. L-strumenti finanzjarji huma rikonoxxuti inizjalment bil-valur ġust flimkien mal-ispejjeż tat-tranżazzjoni għall-assi finanzjarji kollha li ma jkunux kontabilizzati bil-valur ġust minn qligħ jew telf. Assi finanzjarji kontabilizzati b'valur ġust minn qligħ jew telf huma rikonoxxuti inizjalment bil-valur ġust u l-ispejjeż tat-tranżazzjoni huma mniżżla fil-kont tal-eżitu ekonomiku.

Il-valur ġust ta' assi finanzjarji fir-rikonoxximent inizjali huwa normalment il-prezz tat-tranżazzjoni (jiġifieri l-valur ġust tal-konsiderazzjoni riċevuta). Madankollu, meta jingħata self fit-tul li m'għandux imgħax jew li għandu imgħax inqas mill-kundizzjonijiet tas-suq, il-valur ġust tiegħu jista' jkun stmat bħala l-valur preżenti tal-ħlasijiet futuri kollha skontati skont ir-rata ta' imgħax prevalent fis-suq għal strument simili bi klassifikazzjoni tal-kreditu simili.

Self mogħi fuq fondi missellfa huwa mkejjel fl-ammont nominali tiegħu, li huwa kkunsidrat li jkun il-valur ġust tas-self. Ir-raġunament għal dan huwa kif ġej:

- L-“ambjent tas-suq” għas-self tal-UE huwa spċificu ferm u differenti mis-suq tal-kapital użat sabiex jinħarġu bonds kummerċjali jew tal-gvern. Minħabba li s-selliefa f'dawn is-swieq għandhom l-opportunità li jagħżlu investimenti alternattivi, il-possibbiltà tal-opportunità hija meqjusa fil-prezzijiet tas-suq. Madankollu, din l-opportunità għal investimenti alternattivi ma teżistix għall-UE li ma għandhiex il-permess li tinvesti flus fuq is-swieq tal-kapital; tista' tieħu b'self fondi bil-għan li tislef bl-istess rata biss (eż. BOP) jew rata mnaqqsa mqabbla mas-suq kummerċjali (eż. l-EFSM fl-2011). Dan ifisser li ma hemm l-ebda għażla ta' self jew investmenti alternativi disponibbli għall-UE għas-somom missellfa. Għaldaqstant, ma hemm l-ebda kost tal-opportunità u konsegwentement, ma hemm l-ebda bażi għal tqabbil mar-rati tas-suq. Fil-fatt, l-operazzjoni stess ta' għoti b'self tal-UE tirrappreżenta s-suq. Essenżjalment, minħabba li l-“alternattiva” tal-ispiża fuq l-opportunità mhixiex applikabbli, il-prezz tas-suq ma jirriflettix is-sostanza tat-tranżazzjoni jiet ta' għoti b'self tal-UE b'mod ġust. Għaldaqstant, ma jkunx xieraq li jiġi determinat il-valur ġust tal-għoti b'self tal-UE fir-rigward tal-bonds kummerċjali jew tal-gvern.
- Barra minn hekk, minħabba li ma hemm l-ebda attivitā tas-suq jew tranżazzjoni jiet simili ma' xhiex wieħed jista' jqabbel, ir-rata tal-imgħax li għandha tintuża mill-Unjoni Ewropea għall-ivvalutar ġust tal-operazzjoni tagħha ta' għoti b'self taħt l-EFSM, il-BOP u self simili ieħor, għandha tkun ir-rata tal-imgħax mitluba.
- Barra minn hekk, għal dan is-self, hemm effetti kumpensatorji bejn l-għoti u t-teħid b'self minħabba natura dahar ma' dahar tagħhom. Għalhekk, l-imgħax effettiv għas-self huwa ekwivalenti għar-rata tal-imgħax effettiva għat-teħid b'self relatati. L-ispejjeż tat-tranżazzjoni magħmula mill-UE u mbagħad iddebitati mill-ġdid lill-benefiċċarju tas-self huma direttament rikonoxxuti fil-kont tal-eżitu ekonomiku.

L-strumenti finanzjarji ma jibqgħux rikonoxxuti meta d-drittijiet li wieħed jirċievi flussi tal-flus mill-investimenti jiskadu jew jiġu trasferiti u l-Unjoni Ewropea tkun ittrasferiet sostanzjalment ir-riskji u l-benefiċċi kollha tal-proprietà.

### Kejl sussegamenti

- (i) L-assi finanzjarji bil-valur ġust permezz tal-qligħ u t-telf huma sussegwentement kontabilizzati skont il-valur ġust. Qligħ u telf li jirriżultaw minn bidliet fil-valur ġust tal-kategorija 'strumenti finanzjarji bil-valur ġust minn qligħ jew telf' huma inklużi fil-kont tal-eżitu ekonomiku fil-perjodu meta jseħħu.
- (ii) Self u ammonti riċevibbli u investimenti miżmura sal-maturità huma kontabilizzati bil-prezz ammortizzat bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv. Fil-każ ta' self mogħti fuq fondi meħuda b'self, l-istess rata tal-imgħax effettiv tiġi applikata kemm għall-ammonti mogħtija b'self kif ukoll għal dawk meħuda b'self peress li dan is-self għandu l-karatteristiċi ta' 'operazzjonijiet dahar ma' dahar' u d-differenzi bejn il-kundizzjonijiet u l-ammonti tal-għoti u t-teħid b'self mhumiex materjali. L-ispejjeż tat-tranżazzjoni magħmula mill-UE u mbagħad iddebitati mill-ġdid lill-benefiċjarju tas-self huma direttament rikonoxxuti fil-kont tal-eżitu ekonomiku.
- (iii) Miżmura sal-maturità – bħalissa l-UE ma għandha l-ebda investimenti miżum sal-maturità.
- (iv) L-assi finanzjarji disponibbli għall-bejħ huma sussegwentement kontabilizzati bil-valur ġust. Il-qligħ u t-telf li jirriżultaw minn bidliet fil-valur ġust tal-assi disponibbli għall-bejħ huma rikonoxxuti fir-riżerva tal-valur ġust. Meta assi finanzjarji kklassifikati bħala disponibbli għall-bejħ jinbiegħ jew isofru indeboliment, l-aġġustamenti kumulattivi fil-valur ġust li qabel kienu rikonoxxuti fir-riżerva tal-valur ġust huma rikonoxxuti fil-kont tal-eżitu ekonomiku. L-imgħax fuq assi finanzjarji disponibbli għall-bejħ ikkalkolat bil-metodu tal-imgħax effettiv huwa rikonoxxut fil-kont tal-eżitu ekonomiku. Id-dividendi fuq strumenti ta' ekwitā disponibbli għall-bejħ huma rikonoxxuti meta jiġi stabbilit id-dritt tal-UE li tirċievi ħlas.

Il-valuri ġusti ta' investimenti kkwotati fi swieq attivi huma bbażati fuq il-prezzijiet kurrenti tax-xiri. Jekk is-suq għal ass finanzjarju ma jkunx attiv (u fil-każ ta' titoli mhux ikkwotati), l-Unjoni Ewropea tistabbilixxi valur ġust billi tuża tehniki ta' valutazzjoni. Dawn jinkludu l-użu ta' tranżazzjonijiet distakkat-riċenti, referenza għal strumenti oħrajn li huma sostanzjalment l-istess, analiżi tal-flussi tal-flus skontati, mudelli ta' pprezzar ta' opzjonijiet u tehniki ta' stima oħrajn li huma spiss użati minn parteċipanti fis-suq.

Fil-każżejjiet fejn il-valur ġust ta' investimenti fi strumenti ta' ekwitā li m'għandhomx prezz tas-suq ikkwotat f-suq attiv ma jkunx jista' jiġi vvalutat b'mod li wieħed jista' jorbot fuqu, dawn l-investimenti huma vvalutati skont kemm jiswew, bit-telf minn indeboliment imnaqqas minn dan.

### Indeboliment ta' assi finanzjarji

Ma' kull data tal-karta tal-bilanċ l-Unjoni Ewropea tagħmel stima biex tara jekk hemmx evidenza oġġettiva li xi ass finanzjarju sofra indeboliment. Assi finanzjarji jkunu sofrew indeboliment, u b'hekk jiġi għarrab telf minħabba l-indeboliment biss jekk ikun hemm evidenza oġġettiva ta' indeboliment bħala riżultat ta' avveniment jew avvenimenti li seħħew wara r-rikonoxximent inizjali tal-assi, u dak l-avveniment (jew avvenimenti) ta' telf ikollhom impatt fuq il-flussi tal-flus futuri stmati tal-assi finanzjarju li jistgħu jkunu stmati b'mod affidabbli.

#### (a) Assi riportati bi prezz ammortizzat

Jekk hemm evidenza oġġettiva li ġgħarrab telf minħabba indeboliment fuq self u riċevibbli jew investimenti miżmura sal-maturità kontabilizzati bil-prezz ammortizzat, l-ammont tat-telf jitkejjel bħala d-differenza bejn l-ammont kontabbi tal-assi u l-valur preżenti tal-flussi futuri stmati tal-flus (minbarra telf tal-kreditu fil-ġejjieni li ma ġgħarrab) skontat bir-rata ta' imgħax effettiva oriġinali tal-assi finanzjarju. L-ammont kontabbi tal-assi jitnaqqas u l-ammont tat-telf jiġi rikonoxxut fil-kont tal-eżitu ekonomiku. Jekk self jew investimenti miżum sal-maturità jkollu rata tal-imgħax varjabbli, ir-rata ta' skont għall-kej ja' kwalunkwe telf minħabba indeboliment tkun ir-rata preżenti effettiva tal-imgħax iddeterminata fil-kuntratt. Il-kalkolu tal-valur preżenti ta' flussi ta' flus futuri stmati ta' ass finanzjarju kollateralizzat jirrifletti l-flussi ta' flus li jistgħu jirriżultaw mill-qbid li minnhom jitnaqqsu l-ispejjeż għall-kisba u l-bejħ tas-sigurtà, kemm jekk il-qbid hu probabbli kif ukoll jekk mhux. Jekk, fperjodu sussegamenti, l-ammont tat-telf minħabba indeboliment jonqos u dan it-tnejja skont ċiex minn ġej kollha.

### (b) Assi riportati b'valur ġust

Fil-każ ta' titoli ta' ekwità kklassifikati bħala disponibbli għall-bejħ, tnaqqis sinifikanti jew permanenti (fit-tul) fil-valur ġust tat-titolu taħt il-prezz oriġinali tiegħu jiġi kkunsidrat fid-determinazzjoni ta' jekk it-titoli humiex indeboliti. Jekk kwalunkwe evidenza ta' dan it-tip teżisti għal assi finanzjarji disponibbli għall-bejħ, it-telf kumulattiv – imkejjel bħala d-differenza bejn il-prezz tal-akkwist u l-valur ġust attwali, bit-tnaqqis ta' kwalunkwe telf minħabba indeboliment fuq dak l-ass finanzjarju rikonoxxut précédentement fil-kont tal-eżitu ekonomiku – huwa mnaqqas mir-riżervi u rikonoxxut fil-kont tal-eżitu ekonomiku. Telf minħabba indeboliment rikonoxxut fil-kont tal-eżitu ekonomiku fuq strumenti azzjonarji ma jitreggax lura permezz tal-kont tal-eżitu ekonomiku. Jekk, f-perjodu sussegwenti, il-valur ġust ta' strumenti ta' dejn ikklassejha bħala disponibbli għall-bejħ jiżdied u ż-żieda tista' tkun relatata b'mod oġġettiv ma' avvenimenti li jkun seħħ wara li t-telf minħabba indeboliment kien rikonoxxut, it-telf minħabba indeboliment jitreggħa lura permezz tal-kont tal-eżitu ekonomiku.

#### 1.5.6 *Inventarji*

L-inventarji huma rrapporati skont l-inqas wieħed mill-valur tal-prezz tal-akkwist u l-valur nett realizzabbli. Il-prezz tal-akkwist huwa ddeterminat skont il-metodu ta' joħroġ l-ewwel li daħal l-ewwel (FIFO). L-ispija tal-oġġetti lesti u tax-xogħol li jkun għadu għaddej tħinklu l-ispejjeż tal-materja prima, xogħol direkt, spejjeż diretti oħra ja u spejjeż fissi tal-produzzjoni relatati (ibbażati fuq kapaċċita operazzjonali normali). Il-valur nett realizzabbli huwa l-prezz tal-bejħ stmat fil-kors normali tan-negożju, bl-ispejjeż għat-testija u l-ispejjeż tal-bejħ imma qqa minnu. Meta jinżammu inventarji għad-distribuzzjoni mingħajr ħlas jew bi ħlas nominali, dawn jitkej lu skont l-inqas mill-prezz tal-akkwist u l-prezz kurrenti tas-sostituzzjoni. Il-prezz kurrenti tas-sostituzzjoni huwa l-prezz li l-Unjoni Ewropea ġġarrab kieku kellha takkwista l-assi fid-data tar-rapportar.

#### 1.5.7 *Ammonti ta' prefinanzjament*

Prefinanzjament huwa ħlas maħsub biex jipprovd i-l-benefiċċjarju b'pagament akkont bil-quddiem ta' flus, jiġifieri 'float'. Huwa jista' jinqasam f-numru ta' ħlasijiet fuq perjodu definit fil-ftehim partikolari ta' prefinanzjament. Il-'float' jew il-pagament akkont bil-quddiem jitħallas lura jew jintuża għall-għan li għaliex kien ippordut matul il-perjodu definit fil-ftehim. Jekk il-benefiċċjarju ma jkollux spejjeż eliġibbli, għandu l-obbligu li jrodd lura l-pagament akkont bil-quddiem tal-prefinanzjament lill-Unjoni Ewropea. L-ammont tal-prefinanzjament jitnaqqas (kollu kemm hu jew parażjalment) meta jiġi aċċettati l-ispejjeż eliġibbli u l-ammont mogħtija lura, u dan l-ammont jiġi rikonoxxut bħala spiżza.

Fl-aħħar tas-sena, ammonti pendi ta' prefinanzjament huma stmati bl-ammont(i) oriġinali mħallsa, b'dawn li ġejjin immaqqas minnhom: ammonti mogħtija lura, ammonti eliġibbli minfuqa, ammonti eliġibbli stmati li jkunu għadhom mhumiex ikklerjati sal-aħħar tas-sena, u tniżżej fil-valur.

L-imħax fuq il-prefinanzjamenti huwa rikonoxxut hekk kif dan jiġi ggħad-dan id-dispożizzjonijiet tal-ftehim rilevanti. Stima tad-dħul dovut mill-imħaxxijiet, fuq il-bażi tal-aktar informazzjoni affidabbli, issir fl-aħħar tas-sena u hija inkluża fil-karta tal-bilanċi.

#### 1.5.8 *Riċevibbli*

L-ammonti riċevibbli huma kontabilizzati bl-ammont oriġinali bit-tniżżej fil-valur minħabba indeboliment immaqqas minnu. It-tniżżej fil-valur minħabba indeboliment ta' riċevibbli jiġi stabilit meta jkun hemm evidenza oġġettiva li l-Unjoni Ewropea mhux se tkun tista' tiġi l-ammont kollha dovuti skont it-termini oriġinali tar-riċevibbli. L-ammont tat-tniżżej fil-valur huwa d-differenza bejn l-ammont kontabbli tal-assi u l-ammont li jista' jiġi rkuprat. L-ammont tat-tniżżej fil-valur huwa rikonoxxut fil-kont tal-eżitu ekonomiku. Qiegħed isir ukoll tnaqqis ġenerali għal ordnijiet pendi ta' rkupru li ma jkunux digħi soġġetti għal tnaqqis spċificu. Ara n-nota **1.5.14** aktar 'l-isfel dwar it-trattament ta' dħul dovut fl-aħħar tas-sena.

#### 1.5.9 *Flus u ekwivalenti ta' flus*

Il-flus u l-ekwivalenti huma strumenti finanzjarji u huma definiti bħala assi kurrenti. Dawn jinkludu flus disponibbli, depożiti miżmura mal-banek li jistgħid bla dewmien, investimenti likwidati ħafna oħrajn ta' skadenza qasira b'maturitajiet oriġinali ta' tliet xhur jew inqas.

#### 1.5.10 *Benefiċċiji tal-impiegati*

##### **L-obbligli tal-pensjoni**

L-Unjoni Ewropea topera pjanijet ta' pensjoni b'benefiċċju definit. Filwaqt li l-persunal jikkontribwixxi mis-salarju tiegħu terz ta' kemm hu mistenni li jiswew dawn il-benefiċċji, l-obbligazzjoni mhixiex iffinanzjata. L-obbligazzjoni rikonoxxuta fil-karta tal-bilanċ fir-rigward tal-pjanijet ta' pensjoni b'benefiċċju definit hija l-valur preżenti tal-obbligu tal-benefiċċju definit fid-data tal-karta tal-bilanċi. L-obbligu tal-benefiċċju definit

huwa kkalkolat minn attwarji li jużaw il-metodu ta' unità tal-kreditu stmat. Il-valur preżenti tal-obbligu tal-benefiċċju definit jiġi determinat billi l-ħruġ tal-flus stmat fil-futur jiġi skontat bl-użu ta' rati ta' imgħax ta' bonds tal-gvern li huma denominati fil-munita li l-benefiċċji se jitħallsu biha, u li għandhom termini ta' maturità li joqorbu lejn it-termini tal-obbligazzjoni tal-pensjoni relatata.

Qligħ u telf attwarji li jseħħu minħabba li jsiru aġġustamenti bbażati fuq l-esperjenza, u bidliet fi preżun-zjonijiet attwarji huma rikonoxxuti immedjatament fil-kont tal-eżitu ekonomiku. Spejjeż ta' servizzi mogħtija fil-passat huma rikonoxxuti immedjatament fil-kont tal-eżitu ekonomiku, kemm-il darba l-bidliet fil-pjan tal-pensjoni jkunu marbuta mal-kundizzjoni li l-impiegati jibqgħu fis-servizz għal perjodu ta' żmien speċifikat (il-perjodu ta' assenjazzjoni). F'dan il-każ, l-ispejjeż tas-servizzi mogħtija fil-passat jiġu ammortizzati fuq il-bażi ta' linja dritta waqt il-perjodu ta' assenjazzjoni.

### **Benefiċċji tal-mard wara l-impieg**

L-Unjoni Ewropea tipprovdī benefiċċji tas-saħħa lill-impiegati permezz ta' rimbors tal-ispejjeż mediċi. Għall-amministrazzjoni ta' kuljum inħoloq fond separat. Jibbenefikaw mis-sistema kemm impiegati preżenti, kif ukoll pensjonanti, romol u l-benefiċċiarji tagħhom. Il-benefiċċji mogħtija lill-persuni "inattivi" (pensionanti, orfni, eċċ.) huma kklassifikati bħala "Benefiċċji tal-Impiegati ta' wara l-Impieg". Minħabba n-natura ta' dawn il-benefiċċji, huwa meħtieġ kalkolu attwarju. L-obbligazzjoni fil-karta tal-bilanċ hija ddeterminata b'mod simili bħal fil-każ ta' obbligi tal-pensjoni (ara aktar 'il fuq).

#### **1.5.11 Provvedimenti**

Provvedimenti huma rikonoxxuti meta l-Unjoni Ewropea jkollha obbligu preżenti legali jew kostruttiv b'konsegwenza ta' avvenimenti tal-imgħoddi, huwa probabbli li jkun hemm bżonn ta' ħruġ ta' riżorsi biex jitħallas l-obbligu, u l-ammont ikun jista' jiġi stmat b'mod affidabbli. Mhumiex rikonoxxuti provvedimenti għal telf operattiv fil-futur. L-ammont tal-provvediment huwa l-aħjar stima tal-ispejjeż mistennija li jkunu meħtieġ sabiex jiġi paċut l-obbligu preżenti fid-data tar-rapportar. Fejn il-provvediment jinvolvi għadd kbir ta' elementi, l-obbligu jiġi stmat billi jiġi kkunsidrat kull riżultat possibbi skont il-probabiltajiet assoċċjati tagħhom (il-metodu tal-“valur mistenni”).

#### **1.5.12 Obbligazzjonijiet finanzjarji**

L-obbligazzjonijiet finanzjarji huma kklassifikati bħala obbligazzjonijiet finanzjarji bil-valur ġust permezz tal-qligħ jew it-telf jew bħala obbligazzjonijiet finanzjarji kontabilizzati skont l-ispiża oriġinali ammortizzata (fondi missellfa). Il-fondi missellfa jikkonsistu f'fondi missellfa minn istituzzjonijiet ta' kreditu u djun evidenzjati b'ċertifikati. L-ammonti missellfa huma rikonoxxuti inizjalment skont il-valur ġust, li huwa r-rikavat mill-ħruġ tagħhom (valur ġust tal-kunsiderazzjoni riċevuta) nett mill-ispejjeż tat-tranżazzjoni mġarrba, imbagħad sussegwentement kontabilizzati skont l-ispiża ammortizzata bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv; kwalunkwe differenza bejn ir-rikavat, nett mill-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet, u l-valur tal-fidi hija rikonoxxuta fil-kont tal-eżitu ekonomiku matul il-perjodu tad-djun bil-metodu tal-imgħax effettiv.

Huma kklassifikati bħala obbligli mhux kurrenti, bl-eċċezzjoni ta' maturitajiet ta' inqas minn 12-il xahar wara d-data tal-karta tal-bilanċi. Fil-każ ta' self mogħti fuq fondi missellfa, il-metodu tal-imgħax effettiv ma jistax jiġi applikat separatament għall-għoti u teħid b'self, fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet ta' materjalitā. L-ispejjeż tat-tranżazzjoni magħmula mill-Unjoni Ewropea u mbagħad iddebitati mill-ġdid lill-benefiċċjarju tas-self huma rikonoxxuti direttament fil-kont tal-eżitu ekonomiku.

Obbligazzjonijiet finanzjarji kategorizzati bħala li huma skont il-valur ġust permezz tal-qligħ jew it-telf jinkludu derivattivi meta l-valur ġust tagħħom ikun negattiv. Huma jingħataw l-istess trattament fil-kontijiet bħall-assi finanzjarji skont il-valur ġust permezz tal-qligħ jew it-telf, ara n-nota **1.5.5**.

#### **1.5.13 Ammonti pagabbi**

Parti sinifikanti mill-ammonti pagabbi tal-UE mhijiex marbuta max-xiri ta' oġġetti jew servizzi – iżda minflok hija pretensionijiet ta' spejjeż minn beneficijarji ta' għotjet jew finanzjamenti oħrajn tal-UE li għadhom ma tħallux. Dawn huma mniżżi bħala ammonti pagabbi għall-ammont mitlub meta tasal it-talba għal-ħlas. Wara verifika, aċċettata bħala eliġibbli mill-ġagenti finanzjarji rilevanti. F'dan l-istadju, dawn huma stmati skont l-ammont aċċettat u eliġibbli.

Ammonti pagabbli li jinħolqu mix-xiri ta' oġġetti u servizzi huma rikonoxxuti meta tiġi riċevuta l-fattura ġhall-ammont oriġinali u l-ispejjeż rilevanti jitniżżlu fil-kontijiet meta l-provvisti jew servizzi jaslu u jkunu aċċettati mill-Unjoni Ewropea.

#### **1.5.14 Dħul u spejjeż dovuti u differiti**

Skont ir-regoli tal-kontabilità tal-Unjoni Ewropea, it-tranżazzjonijiet u l-avvenimenti huma rikonoxxuti fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji fil-perjodu li għandhom x'jaqsmu miegħu. Fi tmiem il-perjodu tal-kontabilità, l-ispejjeż dovuti huma rikonoxxuti abbażi tal-ammont stmat tal-obbligu tat-trasferiment tal-perjodu. Il-kalkolu tal-ispejjeż dovuti jsir skont il-linji gwida operattivi u prattiċi dettaljati maħruġa mill-Kummissjoni li għandhom il-mira li jaraw li d-dikjarazzjonijiet finanzjarji jagħtu stampa vera u ġusta.

Id-dħul għandu jkun kontabilizzat ukoll fil-perjodu li huwa relatat miegħu. Fl-aħħar tas-sena, jekk fattura ma tkunx għadha ntbagħtet iżda s-servizz ikun ingħata, il-provvisti jkunu ġew ipprovdu mill-UE, jew ikun jeżisti ftehim kuntrattwali (jiġifieri, b'referenza għal trattat), jiġi rikonoxxut dħul dovut fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji.

Minbarra dan, fi tmiem is-sena, jekk tinħareġ fattura iżda s-servizzi ma jkunux għadhom ingħataw jew l-oġġetti pprovduti jkunu għadhom ma ġewx ikkunsinjati, id-dħul jiġi differit u rikonoxxut fil-perjodu sussegwenti tal-kontabilità.

### **1.6 KONT TAL-EŻITU EKONOMIKU**

#### **1.6.1 Dħul**

##### **Dħul mhux mill-kambju**

Dan jifforma l-maġġoranza l-kbira tad-dħul tal-UE u jinkludi fil-biċċa l-kbira taxxi diretti u indiretti u ammonti ta' riżorsi propri. Barra mit-taxxi, l-Unjoni Ewropea tista' wkoll tirċievi ħlasijiet minn partijiet oħraejn, bħal dazji, multi u donazzjonijiet.

##### **Riżorsi bbażati fuq id-DNG u riżorsi mill-VAT**

Ammonti riċevibbli u dħul relatat huma rikonoxxuti meta l-Kummissjoni Ewropea toħroġ sejħa għall-fondi lill-Istati Membri u titlob il-kontribuzzjoni tagħihom. Huma mkejla skont “l-ammont imsejjaħ” tagħihom. Billi r-riżorsi mill-VAT u mid-DNG huma bbażati fuq stimi tad-dejta għas-sena baġitarja kkonċernata, dawn jistgħu jkunu riveduti skont il-bidliet li jseħħu sakemm toħroġ id-dejta finali mill-Istati Membri. L-effett ta' bidla fl-istima huwa inkluż meta jiġu determinati l-bilanċi pożittivi jew negattivi netti għal dak il-perjodu li fiex tkun seħħet il-bidla.

##### **Riżorsi propri tradizzjonali**

Ammonti riċevibbli u dħul relatat huma rikonoxxuti meta d-dikjarazzjonijiet A rilevanti ta' kull xahar (li jinkludu d-dazji miġbura u l-ammonti dovuti li huma garantiti u mhux kontestati) ikunu riċevuti mingħand l-Istati Membri. Fid-data tar-rapportar, id-dħul miġbur mill-Istati Membri għal dak il-perjodu iżda li jkun għadu mħux imħallas lill-Unjoni Ewropea huwa stmat u rikonoxxut bħala dħul dovut. Id-dikjarazzjonijiet B ta' kull trimestru (li jinkludu dazji li la huma miġbura u lanqas garantiti, kif ukoll ammonti garantiti li ġew ikkontestati mid-debitur) riċevuti mill-Istati Membri huma rikonoxxuti bħala dħul wara li jitnaqqus minnhom l-ispejjeż tal-ġbir (25%) li għalih huma intitolati. Barra minn hekk, tniżżeż fil-valur huwa rikonoxxut għall-ammont stmat tad-differenza fl-irkupru fil-kont tal-eżitu ekonomiku.

##### **Multi**

Ammonti riċevibbli u dħul relatat huma rikonoxxuti meta d-deċiżjoni tal-UE li timponi multa tkun ittieħdet u tkun għiet innotifikata uffiċjalment lid-destinatarju. Jekk ikun hemm dubji dwar is-solvenza tal-impriża, għandu jiġi rikonoxxut tniżżeż fil-valur tal-intitolament. Wara d-deċiżjoni li tiġi imposta l-multa, id-debituri għandhom xahrejn mid-data tan-notifikazzjoni biex:

- jew jaċċettaw id-deċiżjoni, u b'hekk ikollhom iħallsu l-multa fiż-żmien stipulat u l-ammont ikun definitivament miġbur mill-UE;
- jew ma jaċċettaw id-deċiżjoni, u f'dak il-każ jappellaw taħt il-liġi tal-UE.

Madankollu, anki jekk isir appell, is-somma tal-multa għandha titħallas fiż-żmien stipulat ta' tliet xhur billi l-appell m'għandux l-effett ta' sospensijni (Artikolu 278 tat-Trattat tal-UE) jew, inkella, taħt ċerti ċirkostanzi u bil-kundizzjoni li jkun hemm qbil mill-Ufficijal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni, huwa jista' minnflok jippreżenta garanzija bankarja għall-istess ammont.

Jekk l-imprija tappella kontra d-deċiżjoni, u tkun digħi ħallset il-multa provviżorjament, l-ammont jiġi ddivulgat bħala obbligazzjoni kontinġenti. Madankollu, billi appell tad-destinatarju kontra deċiżjoni tal-UE m'għandux effett ta' sospensijni, il-flus riċevuti jintużaw biex jillikwidaw l-ammont riċevibbli. Jekk tiġi riċevuta garanzija minnflok ħlas, il-multa tibqa' bħala ammont riċevibbli. Jekk ikun jidher probabbli li l-Qorti Ġenerali ma tkunx se tiddeċċiedi favur l-UE, jiġi rikonoxxut provvediment sabiex ikopri dan ir-riskju. Jekk minnflok tkun ingħatat garanzija, allura l-ammont riċevibbli pendent ijtnaqqas kif meħtieġ. L-imgħax akkumulat riċevut mill-Kummissjoni Ewropea fuq il-kontijiet bankarji fejn jiġi depożitati ħlasijiet riċevuti huwa rikonoxxut bħala dħul, u kwalunkwe obbligazzjoni kontinġenti tiżdied skont dan.

### Dħul mill-kambju

Dħul mill-bejgħ ta' oġġetti huwa rikonoxxut meta r-riskju u l-benefiċċi sinifikanti tas-sjeda tal-oggetto jiġi trasferiti lix-xernej. Dħul assoċjat ma' tranżazzjoni li tinvvoli l-forniment ta' servizzi huwa rikonoxxut b'referenza għall-istadju ta' twettiq tat-tranżazzjoni fid-data tar-rapportar.

### Dħul u spejjeż minn imgħax

Dħul u spejjeż minn imgħax huma rikonoxxuti fil-kont tal-eżitu ekonomiku bl-użu tal-metodu tal-imgħax effettiv. Dan huwa metodu biex tiġi kkalkolata l-ispīża ammortizzata ta' ass finanzjarju jew ta' obbligazzjoni finanzjarja, u biex jiġi allokat id-dħul mill-imgħax jew l-ispīża tal-imgħax matul il-perjodu rilevanti. Meta tiġi kkalkolata r-rata effettiva tal-imgħax, l-Unjoni Ewropea tistma l-flussi tal-flus billi tikkunsidra t-termini kuntrattwali kollha tal-instrument finanzjarju (pereżempju, għażiex għall-ħlas bil-quddiem) imma ma tikkunsidrax telfiet futuri tal-kreditu. Il-kalkolu jinkludi l-onorari u l-punti kollha mhalla jew riċevuti bejn partijiet fil-kuntratt li huma parti integrali mir-rata effettiva tal-imgħax, mill-ispejjeż tat-tranżazzjoni u mill-primja jew l-iskonti l-oħra jnej kollha.

Ladarba l-valur kontabbli ta' ass finanzjarju jew grupp ta' assi finanzjarji simili jkun tnaqqas bħala riżultat ta' telf minħabba indebolment, id-dħul mill-imgħax jiġi rikonoxxut bl-użu tar-rata tal-imgħax użata biex jiġi skontati l-flussi tal-flus futuri bl-iskop li jitkejjel it-telf minħabba indebolment.

### Dħul minn dividendi

Id-dħul minn dividendi huwa rikonoxxut meta jiġi stabbilit id-dritt li jiġi riċevut ħlas.

#### 1.6.2 Nefqa

Spejjeż tal-kambju li jinħolqu mix-xiri ta' oġġetti u servizzi huma rikonoxxuti meta l-provvisti jiġi fornuti lill-Unjoni Ewropea u aċċettati minnha. Dawn jiġi vvalutati skont il-prezz oriġinali tal-fattura. L-ispejjeż mhux tal-kambju huma speċifiċi għall-UE u jirrappreżżaw il-maġġoranza tan-nefqa tagħha. Dawn huma marbuta ma' trasferimenti lil beneficijarji u jistgħu jkunu ta' tliet tipi: intitolamenti, trasferimenti bi ftehim u għotjiet diskrezzjonali, kontribuzzjonijiet u donazzjonijiet.

It-trasferimenti huma rikonoxxuti bħala spejjeż matul il-perjodu li fih ikunu seħħew l-avvenimenti li jwasslu għat-ṭarġi, bil-kondizzjoni li n-natura tat-trasferiment tkun permessa mir-regolamenti (ir-Regolament Finanzjarju, ir-Regolamenti tal-Persunal, jew regolamenti oħra) jew ikun għie ffismat kuntratt li jawtorizza t-trasferiment; kull kriterju ta' eliġibbiltà jkun intlaħaq mill-beneficijarju; u tkun tista' ssir stima raġonevli tal-ammont.

Meta rikjesta għal ħlas jew pretensjoni ta' spiżza tiġi riċevuta u tissodisa l-kriterji ta' rikonoxximent, hija tiġi rikonoxxuta bħala spiżza għall-ammont eliġibbli. Fl-aħħar tas-sena, spejjeż eliġibbli mġarrba, dovuti lill-beneficijarji imma li jkunu għadhom mhux irrapportati jiġi stmati u rreġistrati bħala spejjeż dovuti.

### 1.7 ASSI U OBBLIGAZZJONIJIET KONTINĠENTI

#### 1.7.1 Assi kontinġenti

Ass kontinġenti huwa ass possibbli li jirriżulta minn avvenimenti tal-imgħoddi u li l-eżistenza tiegħu tiġi kkonfermata biss meta jseħħu jew ma jseħħux avvenimenti jew avvenimenti li mħumiex ċerti fil-futur u li mħumiex totalment fil-kontroll tal-Unjoni Ewropea. Ass kontinġenti jiġi ddivulgat meta d-dħul ta' benefiċċi ekonomiċi jew potenzjal ta' servizz ikun probabbli.

### 1.7.2 **Obbligazzjonijiet kontinġenti**

Obbligazzjoni kontinġenti hija obbligu possibbli li jinħoloq minn avvenimenti tal-imgħoddi u li l-eżistenza tiegħu tiġi kkonfermata biss meta jseħħu jew ma jseħħux avvenimenti li mhumixx ċerti fil-futur u li mhumixx totalment fil-kontroll tal-Unjoni Ewropea; jew obbligu preżenti li jirriżulta minn avvenimenti tal-imgħoddi imma li ma jkunx rikonoxxut għax: mhux probabbli li ħruġ ta' riżorsi li jinkorporaw benefiċċi ekonomiċi, jew potenzjal ta' servizz ikun meħtieġ biex jitħallas l-obbligu, jew, fiċċ-ċirkostanzi rari fejn l-ammont tal-obbligu ma jkunx jista' jiġi vvalutat b'mod affidabbi biziżżejjed.

## 2. NOTI MAL-KARTA TAL-BILANĊI

### ASSI MHUX KURRENTI

#### 2.1 ASSI INTANĠIBBLI

	EUR miljuni
	Amount
Ammont kontabbi gross fil-31 ta' Diċembru 2010	236
Żidiet	80
Disponimenti	(13)
Bidliet oħra	(2)
<b>Ammont kontabbi gross fil-31 ta' Diċembru 2011</b>	<b>301</b>
Ammortizzazzjoni akkumulata fil-31 ta' Diċembru 2010	(128)
Spiża għal ammortizzazzjoni għas-sena	(33)
Disponimenti	8
Bidliet oħra	1
<b>Ammortizzazzjoni akkumulata fil-31 ta' Diċembru 2011</b>	<b>(152)</b>
<b>Ammont riportat nett fil-31 ta' Diċembru 2011</b>	<b>149</b>
<b>Ammont riportat nett fil-31 ta' Diċembru 2010</b>	<b>108</b>

L-ammonti ta' hawn fuq jirrigwardaw primarjament is-softwer tal-komputer.

#### 2.2 PROPRJETÀ, IMPJANTI U TAGĦMIR

Inklużi mal-assi f'kostruzzjoni fil-31 ta' Diċembru 2011 hemm EUR 219-il miljun fass relataji mal-proġett Galileo, is-Sistema Satellitari tal-UE għan-Navigazzjoni Globali, peress li din inbniet bl-assistenza tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA). Meta titlesta, is-sistema sejra tinvolfi 30 satelliti, 2 ċentri ta' kontroll u 16-il stazzjon fuq l-art. L-ammont fuq il-karta tal-bilanċi jirrifletti l-ispejjeż imġarrba mill-Kummissjoni fuq dan il-proġett sa mit-22 ta' Ottubru 2011, id-data li fiha ttellgħu b'suċċess l-ewwel żewġ satelliti tas-sistema. Qabel din id-data, u kif spjegat fil-kontijiet annwali ta' qabel, il-Kummissjoni qieset il-proġett bħala wieħed ffażi ta' riċerka, u għalhekk, b'konformità mar-regoli tal-kontabilità tal-UE, l-ispejjeż kollha mġarrba ntnefqu. Sa mill-bidu tal-proġett u sa tmiem il-perspettiva finanzjarja attwali, il-fażi ta' Validazzjoni fl-Orbita u l-ewwel parti tal-fażi ta' Kapaċità Operattiva sħiħa għandhom kost ippjanat għall-UE ta' EUR 3 788 miljun. Għall-perspettiva finanzjarja li jmiss, huwa previst li sejrin jintefqu EUR 5 500 miljun oħra fuq; l-iż-żvilupp sħiħ tas-sistema, it-tħaddim tagħha, l-iż-żvilupp tas-servizzi ta' Galileo sal-2020 u t-tħejjija tal-ġenerazzjoni li jmiss tal-kostellazzjoni, u dan sejjer jiġi ffianzzjat kompletament mill-baġit tal-UE. Matul dan il-perjodu, ammont ta' EUR 268 miljun ġie rikonoxxut bħala spejjeż għar-riċerka.

Iż-żewġ satelliti li jmiss għandhom jittellgħu fil-Ħarifa 2012 u ladarba jit-testijiet sussegwenti, dan ser iġib fi tmiemha l-fażi ta' Validazzjoni fl-Orbita ("IOV") tal-proġett. Din il-fażi ġiet iffinanzjata b'mod konġunt mill-UE u l-ESA u skont il-ftehim dwar l-għoti konkluż bejn iż-żewġ partijiet, l-ESA għandha tagħmel trasferiment uffiċċiali tal-assi mibniha lejn l-UE. Dan it-trasferiment legali ser ikollu bżonn il-kunsens tal-Kunsill tal-ESA, u ta' min jgħid li kull wieħed mill-Istati Membri tal-ESA minbarra tnejn minnhom (in-Norveġja u l-Isvizzera) huma anki Stati Membri tal-UE. Bħalissa, il-Kummissjoni ma għandha ebda raġuni għaliex temmen li trasferiment bħal dan jista' jiġi imblokkat minn membru/i tal-ESA.

									EUR miljuni
	Art u bini	Impjanti u tagħmir	Għamara u vetturi	Hardwer tal-kompjuter	Assi tanġibbli oħrajn	Kirjet finanzjarji	Assi taħt kostruzzjoni	TOTAL	
Ammont gross riportat fi tmiem is-sena ta' qabel	4 027	492	226	483	214	2 663	335	8 440	
Żidiet	89	37	19	112	22	28	335	642	
Disponimenti	0	(11)	(19)	(44)	(12)	(6)	0	(92)	
Trasferimenti bejn kategoriji tal-assi	22	1	0	4	0	(2)	(24)	1	
Bidliet oħra	(20)	9	3	2	4	2	(1)	(1)	
<b>Ammont gross riportat fi tmiem is-sena</b>	<b>4 118</b>	<b>528</b>	<b>229</b>	<b>557</b>	<b>228</b>	<b>2 685</b>	<b>645</b>	<b>8 990</b>	
Deprezzament akkumulat fi tmiem is-sena ta' qabel	(1 868)	(382)	(167)	(378)	(124)	(708)		(3 627)	
Spiża għad-deprezzament għas-sena	(132)	(47)	(14)	(63)	(22)	(95)		(373)	
Deprezzament imħassar	1	0	0	4	0	7		12	
Disponimenti	0	11	16	44	11	0		82	
Trasferimenti bejn kategoriji tal-assi	0	0	0	(2)	0	1		(1)	
Bidliet oħra	0	(7)	(1)	(1)	(2)	(1)		(12)	
<b>Deprezzament akkumuat fi tmiem is-sena</b>	<b>(1 999)</b>	<b>(425)</b>	<b>(166)</b>	<b>(396)</b>	<b>(137)</b>	<b>(796)</b>		<b>(3 919)</b>	
<b>31 ta' Diċembru 2011 Ammont nett riportat fil-</b>	<b>2 119</b>	<b>103</b>	<b>63</b>	<b>161</b>	<b>91</b>	<b>1 889</b>	<b>645</b>	<b>5 071</b>	
31 ta' Diċembru 2010 ammont nett riportat fil-	2 159	110	59	105	90	1 955	335	4 813	

Spejjeż li għad iridu jitħallsu fir-rigward ta' kirjet finanzjarji u intitolamenti simili jintwerew fl-obbligazzjonijiet għat-tul u għal-żmien qasir fil-karta tal-bilanċ (ara n-noti **2.17** u **2.20.1**). Dawn jinqasmu kif ġej:

#### KIRJIET FINANZJARJI

EUR miljuni

Deskrizzjoni	Spejjeż kumulattivi (A)	Ammonti futuri li għandhom jitħallsu				Valur Totali A + B	Nefqa susseg-wenti fuq assi (C)	Valur tal-assi A + B + C	Deprezzamento (E)	Ammont riportat nett = A + B + C + E
		< 1 sena	> 1 sena	> 5 snin	Total tal-Obbligazzjonijiet (B)					
Art u bini	931	59	280	1 315	1 654	2 585	62	2 647	(771)	<b>1 876</b>
Assi tanġibbli oħrajn	23	7	7	1	15	38	0	38	(25)	<b>13</b>
<b>Total fil-31.12.2011</b>	<b>954</b>	<b>66</b>	<b>287</b>	<b>1 316</b>	<b>1 669</b>	<b>2 623</b>	<b>62</b>	<b>2 685</b>	<b>(796)</b>	<b>1 889</b>
<i>Total fil-31.12.2010</i>	<i>865</i>	<i>65</i>	<i>282</i>	<i>1 390</i>	<i>1 737</i>	<i>2 602</i>	<i>61</i>	<i>2 663</i>	<i>(708)</i>	<i>1 955</i>

### 2.3 INVESTIMENTI KKONTABILIZZATI BL-UŻU TAL-METODU TAL-EKWITÀ

	Nota	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Parteċipazzjonijiet f'Impriżi Konġunti	2.3.1	62	138	
Parteċipazzjonijiet f'Assoċjati	2.3.2	312	354	
<b>Investimenti Totali</b>		<b>374</b>	<b>492</b>	

#### 2.3.1 Parteċipazzjonijiet f'impriżi konġunti

	GJU	SESAR	ITER	IMI	FCH	Total	EUR miljuni
Ammont fil-31.12.2010	0	11	12	78	37	138	
Kontribuzzjonijiet	0	18	92	19	59	188	
Sehem mir-riżultat nett	0	(29)	(104)	(72)	(59)	(264)	
<b>Ammont fil-31.12.2011</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>25</b>	<b>37</b>	<b>62</b>	

Il-parteċipazzjonijiet fl-assoċjati huma kontabbilizzati billi jintuża l-metodu tal-ekwità. L-ammonti kontabilizzati li ġejjin huma attribwibbli għall-UE fuq il-bażi tal-perċentwali tal-parteċipazzjoni tagħha fl-impriżi konġunti:

	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Assi mhux kurrenti	211	176	
Assi kurrenti	123	165	
Obbligazzjonijiet mhux kurrenti	0	0	
Obbligazzjonijiet kurrenti	(314)	(208)	
Dħul	8	7	
Spejeż	(379)	(247)	

#### L-Impriża Konġunta Galileo (GJU) flikwidazzjoni

L-Impriża Konġunta Galileo (GJU) tpoġġiet flikwidazzjoni fi tniem l-2006 u l-proċess għadu għaddej. Billi fl-2011, l-entità kienet inattiva u kienet għadha għaddejja mil-likwidazzjoni, ma kien hemm l-ebda dħul jew infiġ.

#### L-Impriża Konġunta SESAR

L-għan ta' din l-Impriża Konġunta huwa li tiżgura l-modernizzazzjoni tas-sistema tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru Ewropea u l-implementazzjoni rapida tal-Pjan Ewljeni Ewropew tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru permezz tal-koordinazzjoni u l-konċentratzjoni tal-isforzi kollha rilevanti tar-riċerka u l-iżvilupp fl-UE. Fil-31 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni kellha 59.37 % tal-parteċipazzjoni ta' sjeda f'SEASAR. Il-kontribuzzjoni totali (indikattiva) tal-Kummissjoni prevista għal SESAR (mill-2007 sal-2013) hija ta' EUR 700 miljun. Is-sehem mhux rikonoxxut ta' telf għall-perjodu u b'mod kumulattiv huwa ta' EUR 102 miljuni.

#### Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Enerġija tal-Fużjoni ITER (ITER)

ITER tinvvoli lill-Unjoni Ewropea u liċ-Ċina, l-Indja, ir-Russja, il-Korea t'Isfel, il-Ġappun u l-Istati Uniti tal-Amerika. ITER inħolqot sabiex tamministra l-faċilitajiet tal-ITER, sabiex tinkoraggi xixi l-użu tal-faċilitajiet tal-ITER mil-laboratorji u l-istituzzjonijiet u personali l-oħra fil-programmi ta' riċerka u żvilupp tal-enerġija tal-fużjoni tal-membri, u sabiex twettaq kull aktivitā oħra li hija meħtieġa sabiex tilħaq l-għan tagħha. Il-kontribuzzjoni tal-UE (Euratom) lill-ITER Internazzjonali tingħata permezz tal-ġażżejt dwar l-Enerġija tal-Fużjoni, inklużi wkoll il-kontribuzzjoni minn Stati Membri u mill-Isvizzera. Il-kontribuzzjoni totali hija kkunsidrata legalment bħala kontribuzzjoni tal-Euratom lill-ITER minħabba li l-Istati Membri u l-Isvizzera m'għandhomx interassi ta' sjeda fl-ITER. Peress li b'mod legali l-UE għandha l-parteċipazzjoni fl-impriża konġunta ITER Internazzjonali, il-Kummissjoni trid tirrikonoxxi l-parteċipazzjoni fil-kontijiet tagħha. Fil-31 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni kellha 47 % tal-parteċipazzjoni ta' sjeda fl-ITER. Il-kontribuzzjoni totali (indikattiva) tal-Euratom prevista għall-ITER (mill-2007 sal-2041) hija ta' EUR 7 649 miljun. Is-sehem mhux rikonoxxut ta' telf għall-perjodu u b'mod kumulattiv huwa ta' EUR 4 miljuni.

### Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti

Inħolqu sħubijiet pubbliċi-privati fil-forma ta' Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti, li ġew implantati permezz ta' Impriżi Konġunti fis-sens tal-Artikolu 171 tat-Trattat, sabiex jiġu implantati l-għanijiet tal-Asġenda tat-Tkabbir u tal-Impjieg ta' Lisbona. L-IMI u l-FCH huma inklużi f'din l-intestatura imma tlieta oħra jn, ARTEMIS, Clean Sky u ENIAC, għad li legalment jissejh impriżi konġunti, minn perspettiva kontabilistika jridu jitqiesu assoċjati (u b'hekk jiġu inklużi talikwali fin-nota **2.3.2**) għaliex il-Kummissjoni għandha influ-wenza notevoli, u mhux kontroll konġunt, fuqhom.

### L-Inizjattiva Teknoloġika Konġunta IMI dwar Mediċini Innovattivi

L-Impriża Konġunta IMI, tappoġġja r-riċerka farmaċewtika prekompetittiva u l-iżvilupp fl-Istati Membri u l-pajjiżi assoċjati, filwaqt li timmira li żżid l-investiment tar-riċerka fis-settur bijofarmaċewtiku u tippromwovi l-involviment ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SME) fl-attivitàajiet tagħha. Fil-31 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni kellha 96.51% tal-parteċipazzjoni ta' sjieda fl-IMI. Il-kontribuzzjoni indikattiva massima tal-Kummissjoni għandha tammonta għal EUR 1 biljun sal-31.12.2017.

### Impriża Konġunta taċ-Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu FCH

L-għan tal-Impriża Konġunta tal-FCH huwa li tghaqqaq id-irr-iżorsi mis-setturi pubbliċi u privati sabiex issahħħah l-attivitàajiet ta' riċerka bl-iskop li ttejjeb l-effikaċċja ġenerali tal-isforzi Ewropej għar-riċerka u thaffek l-iżvilupp u l-implementazzjoni tat-teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu. Fil-31 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni kellha 89.32% tal-parteċipazzjoni ta' sjieda fl-FCH. Il-kontribuzzjoni indikattiva massima tal-UE għandha tammonta għal EUR 470 miljun sal-31.12.2017.

#### 2.3.2 Parteċipazzjonijiet fl-Assoċjati

	FEI	ARTEMIS	Clean Sky	ENIAC	EUR miljuni Total
Ammont fil-31/12/2010	305	14	14	21	354
Kontribuzzjonijiet	0	11	117	14	142
Sehem mill-bilanċ pożittiv / (negativ) nett	(3)	(25)	(131)	(15)	(174)
Movimenti oħra ta' ekwidità	(10)	0	0	0	(10)
<b>Ammont fil-31/12/2011</b>	<b>292</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>20</b>	<b>312</b>

Il-parteċipazzjonijiet fl-assoċjati huma kontabilizzati billi jintuża l-metodu tal-ekwità. L-ammonti riportati li ġejjin huma attribwibbli għall-UE fuq il-bażi tal-perċentwali tal-parteċipazzjoni tagħha fl-assoċjati:

	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Assi	460	447	
Obbligazzjonijiet	(162)	(93)	
Dħul	28	25	
Bilanċ Pożittiv/(Negattiv)	(167)	(180)	

### Fond Ewropew tal-Investiment (FEI)

Il-Fond Ewoprew tal-Investiment (FEI) huwa l-istituzzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea li tispecializza fil-forniment ta' kapital tar-riskju u garanziji lill-SMEs. Il-Kummissjoni ħallset 20%, bil-bilanċ mhux imħallas kien jikkorrispondi għal ammont ta' EUR 720 miljun.

FEI	Total tal-kapital tal-FEI	Sottoskrizzjoni tal-Kummissjoni	EUR miljuni
Kapital Azzjonarju Totali	3 000	900	
Imħallas	(600)	(180)	
Mhux Imħallas	2 400	720	

### **Impriża Konġunta ARTEMIS**

Din l-entità nħolqot sabiex implimenta Inizjattiva Teknoloġika Konġunta mas-settur privat dwar is-Sistemi Informatiċi Inkorporati. Il-kontribuzzjoni indikattiva massima tal-Kummissjoni għandha tammontu għal EUR 420 miljun. Is-sehem mhux rikonoxxut tat-telf għall-perjodu u b'mod kumulattiv huwa ta' EUR 3 miljun.

### **Impriża Konġunta “Clean Sky”**

L-għan ta' din l-entità huwa li tħaffef l-iżvilupp, il-validazzjoni u l-wiri tat-teknoloġiji tat-trasport li ma jniġġsux l-arja u b'mod partikolari li toħloq Sistema tat-Trasport bl-Ajru radikalment innovattiva bil-għan li tnaqqas l-impatt ambjentali tat-trasport bl-ajru. Il-kontribuzzjoni indikattiva massima tal-Kummissjoni għandha tammontu għal EUR 800 miljun. Is-sehem mhux rikonoxxut tat-telf għall-perjodu u b'mod kumulattiv huwa ta' EUR 5 miljun.

### **Impriża Konġunta ENIAC**

L-għan tal-ENIAC huwa li tiddefinixxi āgħida ta' riċerka miftiehma b'mod komuni fil-qasam tan-nanoelettronika sabiex tistabbilixxi prioritajiet ta' riċerka għall-iżvilupp u l-adozzjoni ta' kompetenzi ewlenin fdak il-qasam. Dawn l-għani jiet għandhom jintlaħqu billi jingħaqdu r-riżorsi mis-settur pubbliku u mis-settur privat sabiex jappoġġjaw l-aktivitajiet ta' R&Z fil-forma ta' proġetti. L-impenn totali tal-UE għandu jammonta għal EUR 450 miljun. Fil-31 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni kellha 96.77% tal-parteċipazzjoni ta' sieda FENIAC.

#### **2.4 ASSI FINANZJARJI: ASSI LESTI BIEX JINBIEGĦU**

	EUR miljuni	EUR miljuni
	31.12.2011	31.12.2010
Il-Fond ta' Garanzija	1 475	1 346
Il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-iżvilupp	188	188
Operazzjonijiet tar-Riskju tal-Kapital	134	137
ETF Start up	234	199
Fond Ewropew tal-Effiċjenza tal-Enerġija għax-Xlokk tal-Emu	111	102
Fond “Green for Growth”	69	20
GEEREF	38	56
Faċilità ta' Mikrofinanzjament għall-Progress	18	14
Investimenti oħrajn	5	1
<b>Total</b>	<b>2 272</b>	<b>2 063</b>

##### **2.4.1 Il-Fond ta' Garanzija**

###### **Assi netti tal-Fond ta' Garanzija <sup>(1)</sup>**

	EUR miljuni	EUR miljuni
	31.12.2011	31.12.2010
Assi lesti għall-bejġħ	1 174	1 154
Flus u ekwivalenti ta' flus	302	193
<b>Assi totali</b>	<b>1 476</b>	<b>1 347</b>
<b>TOTAL TA' OBBLIGAZZJONIJIET</b>	<b>(1)</b>	<b>(1)</b>
<b>Assi netti</b>	<b>1 475</b>	<b>1 346</b>

<sup>(1)</sup> wara l-eliminazzjoni tal-bonds tal-EFSM u l-kontribuzzjoni allokata mill-UE mhalla fi Frar 2012

u self taħt assistenza makrofinanzjarja (MFA) u self tal-Euratom barra l-UE. Huwa strument maħsub għat-tul sabiex ikopri self inadempjenti garantit mill-UE u wieħed jista' għalhekk iħares lejh bħala investiment fit-tul. Dan jixhud l-fatt li kważi 83 % tal-assi disponibbli għall-bejgħ għandhom maturità ta' bejn 1 u 10 snin. Il-Fond huwa mogħni bi ħlasijiet mill-baġit ġenerali tal-UE ekwivalenti għal 9 % tal-valur kapitali tal-operazzjonijiet, id-dħul minn imghaxxjet fuq investimenti magħmula mill-assi tal-Fond, u l-ammonti rkuprati minn debituri inadempjenti u li għalihom il-Fond kellu jattiva l-garanzija tiegħu. Kull bilanċ annwali li jirriżulta għandu jitħallas lura bħala dħul fil-baġit ġenerali tal-UE.

L-UE hija obbligata li tinkludi riżerva ta' garanzija sabiex tkopri s-self lil pajjiżi terzi. Din ir-riżerva hija maħsuba biex tkopri l-ħtiġijiet tal-Fond ta' Garanzija u, fejn ikun hemm bżonn, il-garanziji attivati li jaqbżu l-ammont disponibbli fil-Fond, sabiex dawn l-ammonti jkunu jistgħu jiġi ddebitati lill-baġit. Din ir-riżerva tikkorrispondi għall-ammont fil-mira ta' 9% tas-self pendent fi tniem is-sena.

#### 2.4.2 Assi oħrajn lesti għall-bejgħ fit-tul

Dawn huma investimenti u parteċipazzjonijiet mixtriha biex jgħinu lill-benefiċjarji jiżviluppaw l-aktivitajiet tan-negożju tagħhom.

#### Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ)

Minħabba li l-BERŻ ma huwa ikkwot fuq l-ebda borża u minħabba r-restrizzjonijiet kuntrattwali inklużi fl-artikoli tal-inkorporazzjoni tal-BERŻ li jirrelata, fost l-oħrajn, mal-bejgħ tal-interessi parteċipanti, limitati sal-ispejjeż tax-xiri u awtorizzati biss għall-azzjonisti eżistenti, l-ishma tal-Kummissjoni huma vvalutati skont il-kost nieqes kwalunkwe deprezzament fil-valur għal indeboliment.

BERŻ	Kapital tal-BERŻ totali	EUR miljuni
		Sottoskrizzjoni tal-Kummissjoni
Kapital Azzjonarju Totali	28 380	900
Imħallas	(6 199)	(188)
Mhux imsejjaħ	22 181	712

Taħt l-Operazzjonijiet ta' Kapital tar-Riskju jingħataw ammonti lil intermedjarji finanzjarji għall-iffinanzjar ta' investimenti azzjonarji. Dawn huma amministrati mill-Bank Ewropew tal-Investiment u ffinanzjati skont il-Politika Ewropea tal-Viċinat.

**L-ETF start up** ikopri l-programm tat-Tkabbir u l-Impljegi, il-programm MAP, il-programm CIP u l-Proġett Pilota ta' Trasferiment tat-Teknoloġija, li hu fiduċċarju tal-FEI, b'appoġġ tal-ħolqien u l-finanzjament tal-SMEs li jkunu għadhom kif jiftha billi jinvestu ffondi ta' kapital ta' riskju speċjalizzati. Fi tniem is-sena, ġew impenjati EUR 126 miljun oħrajn relatati mal-ETF Start up u l-Faċilità ta' Finanzjament tal-SMEs, iżda għadhom ma ġewx prelevati mill-partijiet l-oħrajn.

**Il-Fond Ewropew għax-Xlokk tal-Ewropa**, kumpanija tal-investiment b'kapital tal-ishma varjabbi (SICAV) ukoll huwa inkluż taħt din l-intestatura. L-għan globali tal-EFSE huwa li jinkorāġġixxi l-iżvilupp ekonomiku u l-prosperità fix-Xlokk tal-Ewropa billi jipprovd b'mod sostenibbli finanzjament addizzjonali għall-iżvilupp permezz ta' intermedjarji finanzjarji lokali.

L-għan ġenerali tal-Fond “Green for Growth” (preċedentement il-“Fond Ewropew tal-Effiċċjenza tal-Enerġija għax-Xlokk”) huwa li jtejjeb l-effiċċjenza enerġetika u jinkorāġġixxi l-użu tal-enerġiji rinnovabbli fix-Xlokk tal-Ewropa billi jipprovd finanzjament dedikat għan-negożji u d-djar permezz ta' sħubijiet ma' istituzzjonijiet finanzjarji u finanzjament dirett. **GEEREF** huwa fond innovattiv li jipprovd kapital ta' riskju globali permezz ta' investiment privat għal proġetti tal-effiċċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u ekonomiji fi transizzjoni.

#### 2.5 ASSI FINANZJARJI: SELF FIT-TUL

	Nota	31.12.2011	31.12.2010
Self mogħti mill-baġit tal-UE u l-KEFA	2.5.1	170	162
Self mogħti minn fondi misselfa	2.5.2	41 230	11 478
<b>Total</b>		<b>41 400</b>	<b>11 640</b>

### 2.5.1 Self mogħti mill-baġit tal-Unjoni Ewropea u l-KEFA f'Likwidazzjoni

	Self b'kundizzjonijiet speċjali	KEFA f'lukwidazzjoni	Total	EUR miljuni
Total fil-31.12.2010	140	22	162	
Self ġdid	31	0	31	
Ħlas lura	(17)	(5)	(22)	
Differenzi fil-kambju	(4)	—	(4)	
Bidliet fl-ammont riportat	1	2	3	
<b>Total fil-31.12.2011</b>	<b>151</b>	<b>19</b>	<b>170</b>	

Self b'kundizzjonijiet speċjali jingħata b'rati preferenzjali bħala parti mill-koperazzjoni ma' pajiżi mhux membri. L-ammont kollha jsiru dovuti aktar minn 12-il xahar wara tmiem is-sena. Ir-rati tal-imgħax effettivi fuq dan is-self ivarjaw bejn 7.73 % u 14.507 %.

### 2.5.2 Self mogħti minn fondi missellfa

	MFA	Euratom	BOP	EFSM	KEFA f'Likwidazzjoni	Total	EUR miljuni
Total fil-31.12.2010	503	469	12 246	—	264	13 482	
Self ġdid	126	-	1 350	28 000	—	29 476	
Ħlas lura	(36)	(20)	(2 000)	—	—	(2 056)	
Differenzi tal-kambju	—	—	—	—	6	6	
Bidliet fl-ammont kontabbi	2	2	29	344	(4)	373	
<b>Total fil-31.12.2011</b>	<b>595</b>	<b>451</b>	<b>11 625</b>	<b>28 344</b>	<b>266</b>	<b>41 281</b>	
<b>Ammont dovut &lt; 1 sena</b>	<b>5</b>	<b>—</b>	<b>—</b>	<b>—</b>	<b>46</b>	<b>51</b>	
<b>Ammont dovut &gt; 1 sena</b>	<b>590</b>	<b>451</b>	<b>11 625</b>	<b>28 344</b>	<b>220</b>	<b>41 230</b>	

Iż-żieda kbira f'dawn l-ammonti hija dovuta għas-self tal-EFSM maħruġ matul l-2011 u huwa rifless b'żieda fis-self tal-UE (ara n-nota 2.16). Għal iktar tagħrif dwar l-attivitàejiet ta' għoti u teħid b'self, ara n-nota 7.

### 2.6 RIĊEVIBBLI U REKUPERABBLI FIT-TUL

	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Stati Membri	268	14	
Self tal-persunal tal-KEFA	7	9	
Garanziji u depożiti	11	14	
Oħrajn	3	3	
<b>Total</b>	<b>289</b>	<b>40</b>	

Mill-ammonti riċevibbli msemmija hawn fuq, EUR 273 miljun (2010: EUR 14-il miljun) minnhom huma relatati ma' tranżazzjonijiet mhux tal-kambju. Iż-żieda kbira fl-ammonti riċevibbli fit-tul mill-Istati Membri tikkonċerna d-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tal-kontijiet mhux eżegwiti tal-FEAG u l-iż-żilupp rurali. Dawn l-ammonti għandhom jiġu rkuprati f'bosta ħlasijiet parżjali matul l-2012 u l-2013, fil-kuntest ta' assistenza finanzjarja mogħtija lil ċerti Stati Membri. L-ammonti li għandhom jiġu rkuprati fl-2013 huma inklużi fit-tabella ta' hawn fuq filwaqt li l-ammonti li għandhom jiġu rkuprat fl-2012 huma inklużi mal-ammonti riċevibbli għal perjodu qasir (ara n-nota 2.11.1 iktar 'l-isfel).

## 2.7 PREFINANZJAMENT FIT-TUL

	Nota	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Prefinanzjament	2.7.1	40 625	40 298	
Spiża mhalla minn qabel	2.7.2	4 098	3 820	
<b>Total ta' prefinanzjament fit-tul</b>		<b>44 723</b>	<b>44 118</b>	

### 2.7.1 Prefinanzjament

It-twaqqit tal-irkupru jew l-użu tal-prefinanzjament jirregola jekk jiġix divulgat bħala ass ta' prefinanzjament kurrenti jew fit-tul. L-użu huwa definit mill-ftehim sottostanti tal-proġett. Il-ħlas lura kollu jew l-użu qabel tħax-il xahar mid-data ta' rapportar huwa divulgat bħala prefinanzjament għal żmien qasir u għaldaqstant, bħall-assi kurrenti, il-bilanċ huwa fit-tul.

#### Garanziji riċevuti fir-rigward tal-prefinanzjament:

Dawn huma garanziji li l-Kummissjoni Ewropea titlob fċerti każi mingħand il-benefiċjarji meta tħallas il-pagamenti bil-quddiem (prefinanzjament). Hemm żewġ valuri x'jīġi divulgati għal din it-tip ta' garanzija, il-valur "nominali" u dak "kontinwu". Għall-valur "nominali", l-avveniment ġeneratur huwa marbut mal-eż-istenza tal-garanzija. Għall-valur "kontinwu", l-avveniment ġeneratur tal-garanzija huwa l-pagament tal-prefinanzjament u/jew l-approvazzjonijiet sussegwenti. Fil-31 ta' Diċembru 2011 il-valur "nominali" tal-garanziji riċevuti ir-rigward tal-prefinanzjament ammonta għal EUR 1 330 miljun filwaqt li l-valur "kontinwu" ta' dawk il-garanziji kien ta' EUR 1 083 miljun (2010: EUR 1 227 miljun u EUR 1 059 miljun, rispettivament).

Ċerti ammonti ta' prefinanzjament imħallsa skont is-7 Programm Kwadru għar-Riċerka għar-Riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (FP7) huma koperti effettivament minn Fond ta' Garanzija tal-Parteċipanti (PGF) – l-ammont ta' prefinanzjament imħallas fl-2011 ammonta għal EUR 3.3 biljun (2010: EUR 3.2 biljun). Dan il-fond huwa entità separata mill-Unjoni Ewropea u mhuwiex ikkonsolidat fdawn il-kontijiet – nota **11.2.3**.

#### PREFINANZJAMENT FIT-TUL

Tip ta' ġestjoni	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Ġestjoni ċentralizzata diretta	1 219	1 695	
Ġestjoni ċentralizzata indiretta	774	620	
Ġestjoni deċentralizzata	697	441	
Ġestjoni kondiżja	37 249	37 055	
Ġestjoni konġunta	686	487	
<b>Total tal-Prefinanzjament fit-Tul</b>	<b>40 625</b>	<b>40 298</b>	

L-ammonti ta' prefinanzjament fit-tul li huma l-iktar sinifikanti jirrigwardaw l-Azzjonijiet Strutturali għall-perjodu ta' programmar 2007-2013: il-fond għall-iżvilupp regionali (FEŻR), il-fond soċjali ewropew (FSE), il-fond agrikolu Ewropew għall-iżvilupp rurali (FAEŻR), il-fond ta' koeżjoni (FK) u l-fond tas-sajd. Ladarba ħafna mill-proġetti huma għat-tul fin-natura taġħhom, huwa neċċessarju li l-ħlas bil-quddiem relatav iku disponibbli għal aktar minn sena. B'hekk dawn l-ammonti ta' prefinanzjament jintwerew bħala assi għat-tul.

Il-prefinanzjament jirrapreżenta sehem kbir mill-assi totali tal-UE, u b'hekk, jirċievi attenzjoni xierqa u regolari. Ta' min jinnota li l-livell tal-ammonti ta' prefinanzjament fil-bosta programmi jrid ikun biżżejjed biex jiżgura l-float meħtieġa għall-benefiċjarju sabiex iniedi l-proġett, filwaqt li jkunu ssalvagwardjati wkoll l-interessi finanzjarji tal-UE u jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-limiti legali, operattivi u tal-kosteffettività. Dawn l-elementi kollha ttieħdu f'kunsiderazzjoni kif xieraq mill-Kummissjoni fi sforz sabiex jitjieb is-segwitu tal-prefinanzjament.

Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-evoluzzjoni tal-prefinanzjament tikxfet żieda aċċelerata fis-snin 2007 sal-2009, li tikkoinċidi mas-snin bikrija tal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013. Dak il-perjodu ra l-bidu ta' programmi u azzjonijiet ġodda, u l-appoġġ sussegwenti mill-Kummissjoni fl-għamla ta' ħlasijiet ta' prefinanzjament. Is-sena 2011 timmarka l-ewwel tnaqqis fil-livell ta' prefinanzjament, xejra li tikkonferma li ż-żieda esperjenzata fis-snin bikrija tal-Qafas Finanzjarju 2007-2013 hija żvilupp normali marbut mal-profil ta' nfiq tal-programmi multiannwali. Fil-fatt, fl-2011 il-prefinanzjament totali naqas b'1.5% jew b'EUR 743 miljun meta mqabbel mal-2010, evoluzzjoni marbuta l-iktar ma' ammonti ta' ġestjoni kondiviża għal perjodu qasir (ara n-nota **2.12.1**). Madankollu, dan it-tnaqqis huwa kontrobilancijat b'żieda fin-nejfa mħallsa minn qabel, minħabba r-rikonoximent ta' assi ġodda rigward ammonti bil-quddiem tal-iskema ta' assistenza mroddija lura lill-Istati Membri mill-Kummissjoni (ara iktar 'l-isfel).

### 2.7.2 Nefqa mħallsa minn qabel

	EUR miljuni	EUR miljuni
	31.12.2011	31.12.2010
Strumenti tal-Inġinerijsa Finanzjarja	3 378	3 820
Skemi ta' għajnuna	720	—
<b>Total</b>	<b>4 098</b>	<b>3 820</b>

Skont il-qafas tal-programmi ta' koejżjoni u żvilupp rurali 2007-2013, il-pagamenti jistgħu jsiru mill-Baġit tal-UE lill-Istati Membri sabiex issir kontribuzzjoni għall-Inġinerijsa Finanzjarja (kemm jekk fforma ta' self, garanziji jew investimenti tal-ekwità) stabbiliti u mmexxija taħt ir-responsabbiltà tal-Istat Membru. Il-flejjes li ma jintużaww minn dawn l-istituzzjoni jiet sa tniem is-sena huma l-proprietà tal-UE (bħal bil-prefinanzjament standard) u b'hekk huma meqjusa bħala ass fuq il-karta tal-bilanċi tal-Kummissjoni. Madankollu, l-atti legali bażiċi ma jobbligaww lill-Istati Membri sabiex jipprovdu rapporti perjodiċi lill-Kummissjoni dwar l-użu li sar minn dawn il-ħlasijiet minn qabel, u fxi każżejjiet lanqas biss jidentifikawhom fid-dikjarazzjoni tan-nefqa ppreżentati lill-Kummissjoni. Għalhekk, u fuq il-bażi tal-informazzjoni riċevuta mill-Istati Membri fuq l-użu tal-fondi, fi tniem kull sena ssir stima tal-valor ta' dan l-ass.

B'mod parallel mal-inklużjoni tal-FEIs fuq il-karta tal-bilanċi tagħha fl-2010, il-Kummissjoni analizzat ukoll skemi simili fejn il-ħlasijiet minn qabel jitħallsu lill-Istati Membri. Talbet informazzjoni mill-Istati Membri dwar l-użu tagħhom mill-ħlasijiet minn qabel riċevuti minn bosta skemi ta' għajnuna (għajnuna mill-istat, miżuri tas-suq tal-FAEG) u l-kontribuzzjoni mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni. Madankollu, ma kienx hemm biżżejjed informazzjoni fi tniem is-sena 2010 mill-Istati Membri biex il-Kummissjoni tkun tista' toħroġ stima affidabbli tal-ammonti miftuħin fil-31 ta' Diċembru 2010. Issa l-informazzjoni tindika li dawn l-ammonti ma kinux ikunu materjali. Wara ħidma ssoktata matul l-2011, il-Kummissjoni issa tinsab fpożizzjoni li toħroġ stimi aħjar dwar dawn il-ħlasijiet minn qabel miftuħin fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura mill-Istati Membri, u għaldaqstant, ass issa huwa inkluż fuq il-karta tal-bilanċi tal-Kummissjoni il-31 ta' Diċembru 2011, maqsum bejn dak fit-tul (EUR 720 miljun iktar 'il fuq) u għal perjodu qasir (EUR 1 792 miljun, ara n-nota **2.12.2**), skont meta huma maħsubin li jintużaw il-ħlasijiet minn qabel. Ir-rikonoximent ta' dan l-ass għandu l-effett kollaterali li jnaqqas in-nefqa tal-2011 bl-istess ammont.

### ASSI KURRENTI

#### 2.8 INVENTARJI

Deskrizzjoni	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Materjali xjentifċi	78	71	
Oħrajn	16	20	
<b>TOTAL</b>	<b>94</b>	<b>91</b>	

#### 2.9 ASSI FINANZJARI: ASSI DISPONIBBLI GĦALL-BEJGĦ

Assi finanzjarji disponibbli għall-bejġi jinxraw għar-reddi jew qligħ tagħhom bħala investiment, jew jinżammu sabiex tiġi stabbilita struttura partikolari tal-assi jew sors sekondarju ta' likwidità u għalhekk jistgħu jinbiegħu b'rispons għal htiegħ ta' likwidità jew bidliet fir-rati tal-imgħax.

**ASSI LESTI GĦALL-BEJGĦ**

		EUR miljuni
	31.12.2011	31.12.2010
KEFA flikwidazzjoni	1 463	1 283
Investimenti tal-BUFI	1 358	515
Faċilità Finanzjarja għall-Kondiżjoni tar-Riskju	547	419
Strument ta' Garanzija tas-Self għal Proġetti Ten-T	97	111
Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi	151	—
Oħrajn	3	3
<b>Total</b>	<b>3 619</b>	<b>2 331</b>

Fir-rigward tal-ammonti tal-KEFA flikwidazzjoni, l-investimenti kollha disponibbli għall-bejgħ (AFS) huma titoli ta' dejn denominati f'EUR u kkwotati f'suq attiv. Fil-31 ta' Diċembru 2011 it-titoli tad-dejn (mogħiġja bil-valur ġust tagħihom) li jilhqqu l-maturità finali tagħihom matul l-2012 jammontaw għal EUR 481 miljun (2010: EUR 294 miljun).

Filwaqt li sar xiri kemm fil-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiżjoni tar-Riskji kif ukoll fl-Istrument ta' Garanzija tas-Self għal Proġetti Ten-T (ara wkoll in-nota **5.1.2**), iż-żieda l-kbira fuq is-sena ta' qabel hija dovuta l-iktar għall-ammont ikbar ta' multi msarrfa proviżorjament ffond maħluq b'mod speċifiku amministrat mid-DG ECFIN (BUFI). Qabel l-2010, dawn l-ammonti kienu jinżammu fkontijiet tal-bank speċifiċi – ara n-nota **2.13.2**, flus kontanti ristretti.

**2.10 ASSI FINANZJARJI: SELF GĦAL PERJODU QASIR**

Dawn l-ammonti jirrappreżentaw l-iktar self b'maturitajiet finali li fadlilhom inqas minn 12-il xahar wara d-data tal-karta tal-bilanċi (ara n-nota **2.5.2** iktar 'il fuq għal iktar dettalji). Is-sena l-oħra kien hemm ammont ta' EUR 2 biljun inklużi hawnhekk relatati ma' self tal-BOP lill-Ungerja li tħallas lura f'Diċembru 2011. Inklużi f'din l-intestatura hemm depożiti ta' terminu ta' EUR 51 miljun ukoll, primarjament relatati mas-Servizz Ewropew ta' Azzjoni Esterna u c-Ċentru ta' Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea.

**2.11 RIĊEVIBBLI U REKUPERABBLI OĦRAJN**

		Nota	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Riċevibbli kurrenti	2.11.1	6 189	6 786		
Riċevibbli mixxellanji	—	21	20		
Introjtu dovut u spejjeż differenti	2.11.2	3 267	4 525		
<b>Total</b>		<b>9 477</b>		<b>11 331</b>	

It-total ta' hawn fuq fih stima ta' EUR 8 955 miljun (2010: EUR 11 009 miljun) relatati ma' tranżazzjonijiet mhux tal-kambju.

**2.11.1 Riċevibbli kurrenti**

Grupp tal-kont	Fil-31.12.2011			Fil-31.12.2010			EUR miljuni
	Ammont gross	Tniżżejjil fil-valur	Valur Nett	Ammont Gross	Tniżżejjil fil-valur	Valur Nett	
Klijenti	379	(94)	285	207	(79)	128	
Multi	3 369	(244)	3 125	4 584	(406)	4 178	
Stati Membri	4 243	(1 550)	2 693	4 011	(1 625)	2 386	
Oħrajn	89	(3)	86	96	(2)	94	
<b>Total</b>	<b>8 080</b>	<b>(1 891)</b>	<b>6 189</b>	<b>8 898</b>	<b>(2 112)</b>	<b>6 786</b>	

### Klijenti

Dawn huma ordnijiet ta' rkupru mdaħħla fil-kontijiet fi tmiem is-sena bħala intitolamenti stabbiliti li jridu jiġu rkuprati li mhumiex diġà inklużi fintestaturi oħrajn fuq in-naħa tal-assi tal-karta tal-bilanċi.

### Multi

Dawn jikkonċernaw ammonti li jridu jiġu rkuprati relatati ma' multi maħruġin mill-Kummissjoni. Il-garanziji li jammontaw għal total ta' EUR 3 012 miljun ġew riċevuti għall-multi pendent fil-31 ta' Diċembru 2011 (2010: EUR 2 585 miljun) fir-rigward ta' dawn ir-riċevibbli. Ta' min jinnota li EUR 209 miljun tar-riċevibbli kienu dovuti għall-ħlas wara l-31 ta' Diċembru 2011.

### Riċevibbli mill-Istati Membri

	EUR miljuni	
	31.12.2011	31.12.2010
<b>Riċevibbli mill-FAEG u mill-Iżvilupp Rurali</b>		
FAEG	1 439	1 130
FAEŻR	23	—
STŻR	37	19
SAPARD	142	146
Tniżżej fil-valur	(771)	(814)
Total	<b>870</b>	<b>481</b>
<b>VAT imħallsa u rekuperabbi</b>	<b>41</b>	<b>46</b>
<b>Riżorsi propri</b>		
Stabbiliti fil-kont A	29	81
Stabbiliti f'kont separat	1 263	1 285
Tniżżej fil-valur	(779)	(811)
Oħrajn	114	391
Total	<b>627</b>	<b>946</b>
<b>Riċevibbli oħrajn mill-Istati Membri</b>		
Irkupru tal-prefinanzjament mistenni	963	561
Oħrajn	192	352
Total	<b>1 155</b>	<b>913</b>
<b>Total</b>	<b>2 693</b>	<b>2 386</b>

### Riċevibbli FAEG u mill-Iżvilupp Rurali

Din il-partita tkopri primarjament l-ammonti dovuti mill-benefiċjarji tal-FAEG fil-31 ta' Diċembru, kif iddikjarati u ċċertifikati mill-Istati Membri fil-15 ta' Ottubru. Issir stima għall-ammonti riċevibbli li joħorġu wara din id-dikjarazzjoni u sal-31 ta' Diċembru. Il-Kummissjoni qed tikkalkula wkoll tniżżej fil-valur tal-ammonti dovuti minn benefiċjarji, li aktarx ma jiġux irkuprati. Il-fatt li jsir dan l-aġġustament ma jfissir li l-Kummissjoni qiegħda tirrinunzja għall-irkupru ta' dawn l-ammonti fil-futur. Fl-aġġustament hemm inkluż ukoll tnaqqis ta' 20 %, u dan jikkorrispondi għal dak li l-Istati Membri jistgħu jżommu biex ikopru l-ispejjeż amministrattivi.

### Riċevibbli minn riżorsi propri

Għandu jiġi osservat li l-Istati Membri huma intitolati li jżommu 25 % tar-riżorsi propri tradizzjoni bħala spejjeż tal-ġbir, u għalhekk iċ-ċifri ta' hawn fuq huma murija wara dan it-tnaqqis. Abbażi tal-istimi mibgħuta mill-Istati Membri, sar tniżżejjil fil-valur mir-riċevibbli mill-Istati Membri. Madankollu, dan ma jfissirx li l-Kummissjoni qed taċċetta li mhux se jkun hemm irkupru fil-futur tal-ammonti koperti minn dan l-aġġustament fil-valur.

#### 2.11.2 Dħul dovut u spejjeż differiti

	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Dħul dovut	2 952	3 445	
Spejjeż differiti	296	1 061	
Oħrajn	19	19	
<b>Total</b>	<b>3 267</b>	<b>4 525</b>	

L-ammont prinċipali taħt din l-intestatura huwa d-dħul dovut:

	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Riżorsi propri	2 644	2 657	
Dħul agrikolu assenjat Nov. u Diċi.	111	72	
FAEG: deċiżjonijiet ta' korrezzjoni tal-konformità mhux eżegwiti	—	520	
Fondi ta' Koeżjoni, Reġjonali u Rurali: korrezzjonijiet finanzjarji	16	43	
Dħul ieħor dovut	181	153	
<b>Dħul dovut totali</b>	<b>2 952</b>	<b>3 445</b>	

It-tnaqqis kbir fit-tariffi differenti huwa dovut l-iktar għal titjib fit-trattament kontabilistiku tal-fondi ttransferi mill-Istati Membri fl-Instrumenti ta' Inġinerija Finanzjarja li kien għadhom iridu jiġu ddikjarati jew imroddija lura mill-Kummissjoni fl-aħħar tas-sena. Issa dawn l-ammonti huma mnaqqsas mit-tariffi dovuti li huma relatati magħħom.

Dħul dovut ieħor huwa primarjament dħul ta' imgħaxijiet tard, imgħax tal-bank u imgħax fuq prefinanzjament.

#### 2.12 PREFINANZJAMENT GĦAL PERJODU QASIR

	Nota	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Prefinanzjament	2.12.1	8 089	9 123	
Nefqa mhalla minn qabel	2.12.2	2 918	955	
<b>Total ta' prefinanzjament għal perjodu qasir</b>		<b>11 007</b>	<b>10 078</b>	

##### 2.12.1 Prefinanzjament

Tip ta' ġestjoni	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Ġestjoni ċentralizzata diretta	3 048	3 038	
Ġestjoni ċentralizzata indiretta	3 037	2 368	
Ġestjoni deċentralizzata	330	536	

Tip ta' ġestjoni	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Ġestjoni kondiviża	761	2 177	
Ġestjoni konġunta	803	894	
Implimentata minn Istituzzjonijiet u Aġenziji oħra	110	110	
<b>Total ta' Prefinanzjament għal Perjodu Qasir</b>	<b>8 089</b>	<b>9 123</b>	

It-tnejja fil-prefinanzjament għal perjodu qasir taħt il-ġestjoni kondiviża huwa dovut għall-avvanz notevoli fil-proċess tal-għeluq tal-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006 (l-iktar il-fond tal-iżvilupp rurali, il-fond tal-iżvilupp reġjonali u l-fond ta' koeżjoni). Għad li l-ħlasijiet parżjali tal-prefinanzjament tħall-su fl-2011 għall-proġetti l-għodda (programmi relatati mal-perjodu 2007-2013), dawn ġew ikklassifikati taħt l-assi fit-tul kif inhu spjegat fin-nota **2.7**.

### 2.12.2 Nefqa mhalla minn qabel

>	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Strumenti tal-Inġinerijsa Finanzjarja	1 126	955	
Skemi ta' Ghajjnuna	1 792	—	
<b>Total</b>	<b>2 918</b>	<b>955</b>	

Kif inhu spjegat fin-nota **2.7.2**, dawn l-ammonti huma relatati mal-pagamenti li saru lill-Istati Membri skont il-qafas tal-programmi ta' koeżjoni u żvilupp rurali 2007-2013, sabiex jintraddu lura l-ammonti mhalla minn qabel lill-benefiċjarji, iżda li għadhom ma ntużawx sal-aħħar tas-sena. L-ammonti msemmija iktar 'il fuq huma mistennija li jintużaw matul l-2012.

### 2.13 FLUS U EKWIVALENTI TA' FLUS

>	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
<b>Flus kontanti mhux marbuta:</b>			
Kontijiet mat-Teżori u l-Banek Ċentrali	7 450	10 123	
Kontijiet kurrenti	1 099	1 150	
Kontijiet imprest	43	39	
Trasferimenti (flus fi tranżitu)	(5)	1	
Depożiti għal żmien qasir u ekwivalenti oħrajn ta' flus	2 028	1 670	
<b>Total</b>	<b>10 615</b>	<b>12 983</b>	
<b>Flus marbuta</b>	<b>8 320</b>	<b>9 080</b>	
<b>Total</b>	<b>18 935</b>	<b>22 063</b>	

#### 2.13.1 Flus mhux marbuta

Il-flus mhux marbuta jkopru l-fondi kollha li l-Kummissjoni żżomm fil-kontijiet tagħha f'kull Stat Membru u pajiż tal-EFTA (teżor jew bank ċentrali), kif ukoll f'kontijiet kurrenti, kontijiet imprest, depożiti bankarji għal żmien qasir u ammonti żgħar ta' flus kontanti.

Ammonti murija bħala depożiti għal żmien qasir huma relatati primarjament ma' flus ġestiti mill-fiduċjarji fisem il-Kummissjoni għall-iskop tal-implementazzjoni ta' programmi partikolari ffinanzjati mill-baġit tal-UE. Fi tmiem is-sena, tieħed impenn ta' EUR 118-il miljun iżda dawn kienu għadhom ma nqibdux mill-partijiet l-oħra.

### 2.13.2 Flus marbuta

Flus marbuta jirreferu għal ammonti riċevuti fir-rigward ta' multi mahrugha mill-Kummissjoni li għalihom il-każ iż-żgħadu miftuħ. Dawn jinżammu fkontijiet ta' depożitu speċifiċi li mhumiex użati għal attivitajiet oħra. Fkaż li jiġi ppreżzentat appell jew ma jkunx magħruf jekk huwiex ser isir appell mill-parti l-oħra, l-ammont sottostanti jintwera bħala obbligazzjoni kontinġenti fin-nota **5.2**.

#### OBBLIGAZZJONIJIET MHUX KURRENTI

### 2.14 IL-PENSIJONI U BENEFIĊĊI OĦRAJN TAL-IMPJEGATI

	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Pensjonijiet – Persunal	30 617	32 801	
Pensjonijiet – oħrajn	777	840	
L-Iskema ta' Assigurazzjoni Konġunta tal-Mard	3 441	3 531	
<b>Total</b>	<b>34 835</b>	<b>37 172</b>	

#### 2.14.1 Pensjonijiet – Persunal

Skont l-Artikolu 83 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-ħlas tal-benefiċċji pprovduti fl-iskema tal-pensjonijiet tal-persunal (PSEO: Skema ta' Pensjonijiet tal-Uffiċjali Ewropej) jiġi ddebitat lill-baġit tal-UE. L-iskema mhix mogħtija fondi, iżda l-Istati Membri jiggarrantixxu l-ħlas ta' dawn il-benefiċċji b'mod kollettiv skont l-iskala stabbilita għall-iffinanzjar ta' dan l-infiq. Minbarra dan, l-uffiċjali jikkontribwixxu terz għall-iffinanzjar fit-tu ta' din l-iskema permezz ta' kontribuzzjoni obbligatorja.

L-obbligazzjonijiet ta' din l-iskema tal-pensjonijiet ġew ivvalutati fuq il-bażi tan-numru ta' persunal u tal-persunal irtirat fil-31 ta' Diċembru 2010 u fuq ir-regoli tar-Regolamenti tal-Persunal applikabbi fid-din id-data. Il-valutazzjoni twettqet skont il-metodoloġija tal-IPSAS 25 u għalhekk skont ir-regola 12 tal-kontabilità tal-UE wkoll). Il-metodu ta' valutazzjoni attwarja użat sabiex tiġi kkalkolata din l-obbligazzjoni huwa magħruf bħala l-metodu tal-kreditu proġettat tal-unità. Is-suppożizzjonijiet attwarji prinċipali disponibbli fid-data tal-valutazzjoni u użati fil-valutazzjoni kienu kif ġej:

Suppożizzjonijiet Attwarji	31.12.2011	31.12.2010
Ir-rata ta' skont nominali	4,9 %	4,6 %
Ir-rata tal-inflazzjoni mistennija	1,8 %	2,1 %
Ir-rata ta' skont reali	3,0 %	2,4 %
Probabbiltà ta' żwieġ: Raġel/Mara	84 %/38 %	84 %/38 %
It-Tkabbir Ġenerali tal-Pagi/rivalutazzjoni tal-pensjonijiet	0 %	0 %
It-Tabella tal-Ħajja tal-Uffiċjali Ċivili Internazzjonali tal-2008	Iva	Iva

It-tnaqqis notevoli fl-obbligazzjoni tal-pensioni huwa spjegat miż-żieda mdaqqsa fir-rata ta' skont applikata, li rriżultat fi gwadann attwarju kbir għas-sena.

**Ċaqlieq fl-obbligazzjoni Grossa tal-Benefiċċi tal-Impjegati**

EUR miljuni

	Obbligazzjoni tal-pensjoni tal-personal	Assigurazzjoni tal-mard
Obbligazzjoni Grossa fi tmiem is-sena ta' qabel	36 639	3 791
Spejeż tas-servizz/normali	1 255	169
Spejeż tal-imgħax	1 716	180
Benefiċċi mhalla	(1 187)	(112)
Qligħ attwarju	(4 226)	(317)
Bidliet minħabba l-ġodda	36	0
Obbligazzjoni grossa fi tmiem is-sena	34 233	3 711
Obbligazzjoni tal-koeffiċċient tal-pensjoni	834	N/A
Tnaqqis ta' taxxi fuq pensjonijiet	(4 450)	N/A
Assi tal-pjan	0	(270)
<b>Obbligazzjoni netta fl-aħħar tas-sena</b>	<b>30 617</b>	<b>3 441</b>

**2.14.2 Pensjonijiet – oħrajn**

Din tirreferi għall-obbligazzjoni li tirrigwarda obbligi tal-pensjonijiet tal-membri u l-eks-membri tal-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja (u l-Qorti Ġeneral) u l-Qorti tal-Audituri, is-Segretarji Ġeneral tal-Kunsill, l-Ombudsman, il-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data u t-Tribunal tas-Servizz Ċivili tal-Unjoni Ewropea. Hija inkluża wkoll taħt din l-intestatura obbligazzjoni li tirrigwarda l-pensjonijiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew.

**2.14.3 L-Iskema ta' Assigurazzjoni Konġunta tal-Mard**

Isir ukoll kalkolu tal-obbligazzjoni stmata li l-UE għandha rigward il-kontribuzzjonijiet tagħha għall-Iskema ta' Assigurazzjoni Konġunta tal-Mard fir-rigward tal-personal irtirat tagħha. Din l-obbligazzjoni grossa ġiet ivvalutata għal EUR 3 711-il miljun u l-assi tal-pjan ta' EUR 270 miljun jitnaqqsu mill-obbligazzjoni grossa biex jinstab l-ammont nett. Ir-rata tal-iskont u t-tkabbir ġenerali fis-salarji użati fil-kalkoli huma l-istess bħal dawk użati fil-valutazzjoni tal-pensjoni tal-personal.

**2.15 PROVVEDIMENTI GĦAT-TUL**

EUR miljuni

	Ammont fil-31.12.2010	Provvedimenti addizzjonal	Ammonti mhux użati mreġġa' lura	Ammonti użati	Trasferiment għal perjodu qasir	Bidla fl-istima	Ammont fil-31.12.2011
Kawżi legali	306	95	(29)	(4)	0	0	368
Żarmar tas-siti nukle-ari	905	0	0	(8)	(29)	137	1 005
Finanzjarji	86	41	0	0	(30)	3	100
Oħrajn	20	4	(2)	0	0	0	22
<b>Total</b>	<b>1 317</b>	<b>140</b>	<b>(31)</b>	<b>(12)</b>	<b>(59)</b>	<b>140</b>	<b>1 495</b>

## Kawżi legali

Din hija l-istima ta' ammonti li huwa probabbli li jitħallsu iktar minn 12-il xahar wara tmiem is-sena fir-rigward ta' numru ta' kawżi legali li jinsabu għaddejjin. L-ikbar sehem jikkonċerha kawżi tal-qorti pendent fi tmiem is-sena fir-rigward tal-korrezzjonijiet finanzjarji għan-nefqa tal-FAEG u kawżi oħrajn tal-qorti li jikkonċernaw in-nefqa agrikola.

## Żarmar tas-siti nukleari

Fl-2008, konsorzu ta' esperti indipendenti wettqu aġġornament tal-istudju tagħhom tal-2003 dwar l-ispejjeż stmati taż-żarmar tal-faċilitajiet nukleari tal-JRC u l-programm tal-ġestjoni tal-iskart tagħhom. L-istima riveduta tagħhom ta' EUR 1 222 miljun (preċedentement EUR 1 145 miljun) hija meħuda bħala l-bażi tal-provvediment li għandu jiġi inkluż fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji. Skont ir-regoli tal-kontabilità tal-UE, din l-istima hija indiċizzata għall-inflazzjoni u mbagħad skontata sal-valur preżenti nett tagħha (permezz tal-kurva tal-iswap b'kupun żero tal-Euro). Minħabba t-tul stmat ta' dan il-programm (madwar 20 sena), ta' min jinnota li hemm xi ffit inċertezza dwar din l-istima, u l-ispiża finali tista' tkun differenti mill-ammonti mdaħħla fil-preżent.

## Provvedimenti finanzjarji

Dawn jikkonċernaw il-provvedimenti li jirrappreżentaw it-telf stmat li se jiġġarrab fir-rigward tal-garanziji mogħiġa taħt il-Faċilità ta' Garanzija tal-SME 1998, il-Faċilità ta' Garanzija tal-SME 2001 u l-Faċilità ta' Garanzija tal-SME 2007 taħt is-CIP u l-Faċilità Ewropea ta' Mikrofinanzjament għall-Progress (Garanzija), fejn il-Fond Ewropew għall-Investiment (FEI) huwa awtorizzat li joħroġ garanziji fismu stess iżda li jkunu għall-Kummissjoni u għar-riskju tagħha. Madankollu, hemm limitu massimu għar-riskju finanzjarju marbut mal-garanziji użati u mhux użati. Il-provvedimenti finanzjarji għat-tul huma skontati sal-valur nett preżenti tagħhom (billi tintuża r-rata annwali tas-Swap tal-Euro).

### 2.16 OBBLIGAZZJONIJIET FINANZJARJI FIT-TUL

	Nota	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Self fit-tul	2.16.1	41 200	11 445	
Eliminazzjoni mill-Fond ta' Garanzija (¹)	2.4.1	(21)	—	
	<b>Total</b>	<b>41 179</b>	<b>11 445</b>	

(¹) Il-Fond ta' Garanzija fih bonds tal-EFSM maħruġa mill-Kummissjoni, u b'hekk dawn iridu jiġu eliminati.

#### 2.16.1 Self fit-tul

	MFA	Euratom	BOP	EFSM	KEFA f'Likwidazzjoni	Total	EUR miljuni
Total fil-31.12.2010	503	469	12 246	0	231	13 449	
Ammonti missellfa ġodda	126	0	1 350	28 000	0	29 476	
Ħlas lura	(36)	(20)	(2 000)	0	0	(2 056)	
Differenzi fil-kambju	0	0	0	0	6	6	
Bidliet fl-ammont kontabqli	2	2	29	344	(1)	376	
<b>Total fil-31.12.2011</b>	<b>595</b>	<b>451</b>	<b>11 625</b>	<b>28 344</b>	<b>236</b>	<b>41 251</b>	
<b>Ammont dovut &lt; 1 sena</b>	<b>5</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>46</b>	<b>51</b>	
<b>Ammont dovut &gt; 1 sena</b>	<b>590</b>	<b>451</b>	<b>11 625</b>	<b>28 344</b>	<b>190</b>	<b>41 200</b>	

Din l-intestatura tinkleudi ammonti missellfa dovuti mill-Unjoni Ewropea li jimmaturaw faktar minn sena. L-ammonti missellfa jinkludu djun ippruvati b'ċertifikati li jammontaw għal EUR 41 011-il miljun (2010: EUR 13 211-il miljun). Il-bidliet fl-ammont riportat jikkorrispondu għall-bidla fl-imgħaxijiet dovuti. Għal iktar tagħrif dwar l-aktivitajiet ta' għoti u teħid b'self, ara n-nota 7.

## 2.17 OBBLIGAZZJONIJIET OĦRAJN FIT-TUL

	EUR miljuni	31.12.2011	31.12.2010
Djun ta' Kiri finanzjarju	1 603	1 672	
Bini mħallas bin-nifs	367	382	
Oħrajn	89	50	
<b>Total</b>	<b>2 059</b>	<b>2 104</b>	

### OBBLIGAZZJONIJIET KURRENTI

## 2.18 PROVVEDIMENTI GĦAL PERJODU QASIR

	Ammont fil-31.12.2010	Provvedimenti addizzjonali	Ammonti mhux użati mogħtija lura	Ammonti użati	Trasferimenti minn termini twal	Bidla fl-istima	Ammont fil-31.12.2011
Kawżi legali	29	11	(18)	(5)	0	0	17
Żarmar ta' siti nukleari	21	0	0	(21)	29	0	29
Finanzjarji	140	27	(2)	(33)	30	3	165
Oħrajn	24	56	(1)	(20)	0	0	59
<b>Total</b>	<b>214</b>	<b>94</b>	<b>(21)</b>	<b>(79)</b>	<b>59</b>	<b>3</b>	<b>270</b>

Din l-intestatura tinkleudi l-porzjon ta' provvedimenti li l-ħlas tagħhom huwa dovut f'anqas minn sena.

## 2.19 OBBLIGAZZJONIJIET FINANZJARJI GĦAL PERJODU QASIR

Din l-intestatura hija relatata ma' self (ara n-nota 2.16) li jimmatura matul it-12-il xahar wara d-data tal-karta tal-bilanċi.

## 2.20 KONTIJIET PAGABBIL

	Nota	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Il-porzjon kurrenti tal-obbligazzjonijiet għat-tul	2.20.1	81	78	
Ammonti pagabbli kurrenti	2.20.2	22 211	17 615	
Ammonti pagabbli varji	—	100	97	
Spejjeż dovuti u dħul differit	2.20.3	69 081	66 739	
<b>Total</b>	<b>91 473</b>	<b>84 529</b>		

### 2.20.1 Il-porzjon kurrenti tal-obbligazzjonijiet għat-tul

	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Obbligazzjonijiet ta' kirjet finanzjarji	66	65	
Oħrajn	15	13	
<b>Total</b>	<b>81</b>	<b>78</b>	

### 2.20.2 Ammonti pagabbi kurrenti

Tip	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Stati Membri	22 200	17 035	
Fornituri u oħrajn	1 511	1 292	
Ammonti mhux eliġibbli stmati u prepagamenti pendenti	(1 500)	(712)	
<b>Total</b>	<b>22 211</b>	<b>17 615</b>	

Il-pagabbi kurrenti jikkonċernaw l-aktar dikjarazzjonijiet ta' spejjeż riċevuti mill-UE fil-qafas tal-attivitajiet ta' għotjet. Huma kkreditati għall-ammont tal-pretensjoni mill-mument li tkun riċevuta l-pretensjoni. Jekk il-kontroparti tkun Stat Membru, ikunu kklassifikati bħala tali. L-istess proċedura tintuża għall-fatturi u noti ta' kreditu riċevuti f'attivitajiet ta' akkwist. Il-pretensjonijiet ta' spejjeż iż-żikkonċernati ttieħdu f'kunsiderazzjoni fil-proċeduri tal-għeluq fl-aħħar tas-sena. Għalhekk, wara dawn l-entrati finali, l-ammonti eliġibbli stmati ġew irregistriati fil-kontijiet bħala nefqiet, filwaqt li l-parti li tibqa' tiġi ddivulgata bħala "Ammonti stmati mhux eliġibbli u prepagamenti pendenti" (ara iktar 'l-isfel). Sabiex ma jsirux stimi għoljin wisq tal-assi u l-obbligazzjonijet, ġie deċiż li jiġi ppreżentat l-ammont nett li għandu jitħallas taħt l-obbligazzjonijiet kurrenti.

#### L-Istati Membri

L-ammonti primarji hawnhekk huma relatati ma' pretensjonijiet ta' spejjeż mhux imħallsa għal azzjonijiet tal-Fond Strutturali (EUR 5.8 biljun għall-FSE u EUR 14-il biljun għall-FEŻR u CF).

#### Fornituri u oħrajn

Inklużi f'din l-intestatura hemm ammonti dovuti wara attivitajiet ta' għotjet u tal-akkwist, kif ukoll ammonti pagabbi lil korpi pubbliċi u entitajiet mhux ikkonsolidati (eż. il-FEŻ).

#### Ammonti stmati mhux eliġibbli u prepagamenti pendenti

L-ammonti pagabbi jitnaqqsu b'dik il-parti tat-talbiet għal rimborż riċevuti, iżda li għadhom mħumix ivverifikati, li tqieset li hija inelgibbli. L-ikbar ammonti jikkonċernaw id-DG tal-Azzjonijiet Strutturali. L-ammonti pagabbi jitnaqqsu wkoll bil-parti tat-talbiet għal rimborż li tikkorrispondi għan-nefqa mħallsa minn qabel li jkun għad trid tħallax fi tmiem is-sena (EUR 1 biljun).

### 2.20.3 Spejjeż dovuti u dħul differit

	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Spejjeż dovuti	68 577	66 326	
Dħul differit	490	407	
Ammonti relatati ma' entitajiet ikkonsolidati	14	6	
<b>Total</b>	<b>69 081</b>	<b>66 739</b>	

It-tqassim tal-ispejjeż dovuti huwa kif ġej:

	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
<b>Agrikoltura u Żvilupp Rurali:</b>			
FAEG: Nefqiet 16/10 sa 31/12	33 774	33 015	
FAEG: Għajnuna Diretta	10 701	10 703	
FAEG: Ristrutturar taz-Zokkor	224	400	
FAEG: Oħrajn	23	(303)	
FAEŻR	12 127	10 792	
Total	<b>56 849</b>	<b>54 607</b>	
<b>Azzjonijiet Strutturali:</b>			
FES	56	116	
FEŻR u Fond ta' Koeżjoni	4 791	4 894	
ISPA	172	74	
FSE	1 687	2 182	
Total	<b>6 706</b>	<b>7 266</b>	
<b>Spejjeż oħrajn dovuti:</b>			
R&Z	1 157	1 267	
Oħrajn	3 865	3 186	
Total	<b>5 022</b>	<b>4 453</b>	
<b>Spejjeż dovuti totali</b>	<b>68 577</b>	<b>66 326</b>	

L-ammont kbir ta' dħul differit fil-31 ta' Diċembru 2011 huwa dovut għall-ħlas minn qabel tal-kontribuzz-jonijiet ta' riżorsi proprji minn żewġ Stati Membri fl-2011.

## ASSI NETTI U RIŻERVI

### 2.21 RIŻERVI

	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Riżerva tal-valur ġust	<b>(108)</b>	<b>(61)</b>	
Riżervi oħrajn:			
Fond ta' Garanzija	1 911	1 746	
Riżerva ta' rivalutazzjoni	57	57	
Oħrajn	1 748	1 742	
Total	<b>3 716</b>	<b>3 545</b>	
<b>Total</b>	<b>3 608</b>	<b>3 484</b>	

#### 2.21.1 Riżerva tal-valur ġust

B'konformità mar-regoli tal-kontabilità, l-aġġustamenti għall-valur ġust tal-assi disponibbli għall-bejġħ huma reġistrati fir-riżerva tal-valur ġust. Fl-2011, ammont nett ta' EUR 24 miljun fi tnaqqis akkumulat tal-valur ġust tneħħa mir-riżerva tal-valur ġust u ġie rikonoxxut fil-kont tal-eżitu ekonomiku relatat ma' assi disponibbli għall-bejġħ.

Fir-riżerva tal-valur ġust fi tniem is-sena hemm inklużi EUR 87 miljun fi tniżżil fil-valur ġust relatati ma' bonds tal-gvern Grieg miżmuma mill-UE (valur nominali ta' EUR 129 miljun). Madankollu, ta' min jinnota li dawn il-bonds ġew skambjati kmieni fl-2012 għal bonds ġodda, b'termini simili li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-ristrutturar tad-dejn mill-Involvement tas-Setturi Privat (PSI). Ir-riżultat kien li l-ammonti kollha li kellhom jithallu lura fl-20 ta' Marzu 2012 (EUR 39 miljun) u t-18 ta' Mejju (EUR 15.7 miljun) tħallu lura bis-sħiħ u fil-ħin. Jekk jogħġibok ara n-nota **1.5.5** għal iktar dettalji dwar il-kontabilità tal-valur ġust tal-assi finanzjarji.

### 2.21.2 Riżervi oħra

#### Fond ta' Garanzija

Ara wkoll in-nota **2.4.1** dwar l-operat tal-Fond ta' Garanzija. Din ir-riżerva tirrifletti l-ammont fil-mira ta' 9% tal-ammonti pendenti garantiti mill-Fond li huwa meħtieġ li jinżamm bħala assi.

#### Riżerva ta' rivalutazzjoni

Din ir-riżerva tinvolvi r-rivalutazzjoni ta' ċerti artijiet u bini tal-Kummissjoni li saru qabel l-2005.

#### Riżerva oħra

L-ammont huwa relataż l-iktar mar-riżerva tal-KEFA flikwidazzjoni għall-assi tal-Fond ta' Riċerka għall-Faħam u l-Azzar. Din ir-riżerva nħolqot fil-kuntest tal-istralċ tal-KEFA.

### 2.22 AMMONTI LI GĦANDHOM JINGĀBRU MILL-ISTATI MEMBRI

	EUR miljunni
	Ammont
Ammonti li għandhom jingābru mill-Istati Membri fil-31 ta' Diċembru 2010	<b>30 931</b>
Ritorn tal-bilanċ pożittiv tal-baġit 2010 lill-Istati Membri	4 539
Moviment fir-riżerva tal-Fond ta' Garanzija	165
Movimenti oħra fir-riżervi	34
Eżitu ekonomiku (bilanċ pożittiv) għas-sena	1 789
<b>Ammonti totali li jridu jingābru mill-Istati Membri fil-31 Diċembru 2011</b>	<b>37 458</b>
<b>Maqsuma bejn:</b>	
Benefiċċi tal-Impjegati	34 835
Ammonti oħrajn	2 623

Dan l-ammont jirrapreżenta dik il-parti mill-ispejjeż li digħi għarrbu mill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2011 li jridu jiġi ffinanzjati mill-baġits futuri. Ħafna mill-ispejjeż huma rikonoxuti skont ir-regoli tal-kontabilità dwar id-dovuti fis-sena N għad li fil-fatt jistgħu jithallu fis-sena N+1 u ffinanzjati billi jintuża l-baġit tas-sena N+1. L-inklużjoni fil-kontijiet ta' dawn l-obbligazzjonijiet flimkien mal-fatt li l-ammonti korrispondenti huma ffinanzjati minn baġits futuri, jirriżulta fobbligazzjonijiet li jaqbżu sew l-assi fi tniem is-sena. L-iktar ammonti sinifikanti li għandhom jiġi enfasizzati huma l-attivitàjet tal-FAEG. Fil-fatt, il-parti l-kbira tal-ammonti li jridu jiġi jingābru mill-Istati Membri finqas minn 12-il xahar wara tniem is-sena finanzjarja inkwiżjoni bħala parti mill-baġit tas-sena li jmiss.

Essenzjalment, huma biss l-obbligi tal-benefiċċi tal-impiegati tal-Kummissjoni lejn il-persunal tagħha li jithallu fuq perjodu itwal, filwaqt li jiġi osservat li l-finanzjament tal-pagamenti tal-pensioni mill-baġits annwali huwa għarriġ mill-Istati Membri. Għal skopijiet ta' tagħrif biss, hawn taħt tingħata stima tat-tqassim tal-pagamenti tal-benefiċċi tal-impiegati tal-ġejjieni:

	EUR miljuni
	Ammont
Fperjodu qasir: ammonti li jridu jitħallsu fl-2012	1 335
Fit-tul: ammonti li għandhom jitħallsu wara l-2012	33 500
<b>Obbligazzjoni totali tal-benefiċċċi tal-impreġġati fil-31.12.2011</b>	<b>34 835</b>

Ta' min jinnota wkoll li dawn ta' hawn fuq ma għandhom ebda effett fuq l-eżitu tal-baġit – id-dħul tal-baġit dejjem irid ikun daqs jew jaqbeż in-nefqa tal-baġit u kwalunkwe eċċess ta' dħul jingħata lura lill-Istati Membri.

### 3. NOTI GĦALL-KONT TAL-EŻITU EKONOMIKU

#### 3.1 DĦUL MIR-RIŻORSI PROPRJI U L-KONTRIBUZZJONIJET

	Nota	2011	2010
Dħul mir-riżorsi propri:	3.1.1		
Riżorsi mid-DNG		88 442	91 178
Riżorsi mill-VAT		14 763	12 517
Riżorsi propri tradizzjonali:			
Dazji doganali		16 528	16 065
Imposti fuq iz-zokkor		161	150
Total tar-riżorsi propri tradizzjonali		16 689	16 215
Aġġustamenti tal-baġit	3.1.2	4 533	2 135
Kontribuzzjonijiet ta' pajjiżi terzi (inkl. pajjiżi tal-EFTA)		250	283
<b>Total</b>		<b>124 677</b>	<b>122 328</b>

##### 3.1.1 *Dħul mir-riżorsi propri*

Ir-riżorsi propri huma l-element primarju tad-dħul operattiv tal-UE. B'hekk, il-parti l-kbira tan-nefqa hija ffinanzjata mir-riżorsi propri peress li d-dħul l-ieħor jirrapreżenta biss parti żgħira mill-finanzjament totali. Hemm tliet kategoriji ta' riżorsi propri: ir-riżorsi propri tradizzjonali, ir-riżorsi bbażati fuq il-VAT u r-riżorsi bbażati fuq id-DNG. Ir-riżorsi propri tradizzjonali jikkonsistu fid-dazji agrikoli, l-imposti fuq iz-zokkor u d-dazji doganali. Mekkaniżmu ta' korrezzjoni fir-rigward ta' żbilanċi baġitarji (ir-Rifużjoni tar-Renju Unit) minbarra tnaqqis gross fil-kontribuzzjoni annwali bbażata fuq id-DNG tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isveja huwa wkoll parti mis-sistema tar-riżorsi propri. L-Istati Membri jżommu, għall-ispejjeż tal-ġbir, 25% tar-riżorsi propri tradizzjonali, u l-ammonti ta' hawn fuq huma murija netti minn dan it-naqqis.

Ta' min jinnota li l-ispezzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni u l-awditjar imwettaq mill-Qorti tal-Audituri xeħtu dawl fuq xi nuqqasijiet fis-sistema ta' approvazzjoni u tal-kontabilità tal-Belġju, li jħallu impatt fuq l-affidabilità tal-ammonti ttrasferiti fil-baġit tal-UE skont ir-Riżorsi Propri Tradizzjonali (TOR). Bħalissa hemm pendent i rifużjoni ta' EUR 169 miljun (grossi, EUR 126 miljun netti) mitlubin mill-Belġju li qiegħda tistenna r-riżultat ta' iktar awditjar u kontrolli fuq il-korrettezza tal-ammonti tat-TOR tal-Belġju kkreditati fil-kont tal-Kummissjoni.

##### 3.1.2 *Aġġustamenti tal-baġit*

L-aġġustamenti tal-baġit jinkludu l-bilanċ pożittiv mill-2010 (EUR 4 539 miljun) li b'mod indirett jintradd lura lill-Istati Membri permezz ta' tnaqqis tal-ammonti tar-riżorsi propri li jridu jittraferixxu lill-UE fis-sena ta' wara – b'hekk huwa dħul għall-2011.

### 3.2 DĦUL OPERATTIV IEĦOR

	Nota	2011	2010	EUR miljuni
Multi	3.2.1	868	3 077	
Imposti agrikoli	3.2.2	65	25	
Irkupru ta' spejjeż:	3.2.3			
Ġestjoni ċentralizzata diretta		76	49	
Ġestjoni ċentralizzata indiretta		17	11	
Ġestjoni deċentralizzata		106	71	
Ġestjoni konġunta		3	—	
Ġestjoni kondiviża		845	1 776	
Total		1 047	1 907	
Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi:	3.2.4			
Persunal		1 141	1 073	
Dħul relatati tal-proprietà, l-impjanti u t-tagħmir		94	13	
Dħul amministrattiv ieħor		119	121	
Total		1 354	1 207	
Dħul operattiv mixxelanju:	3.2.5			
Aġġustamenti/ provvedimenti		59	157	
Qligħ mill-kambju		476	460	
Oħrajn		1 507	1 355	
Total		2 042	1 972	
	Total	5 376	8 188	

#### 3.2.1 Multi

Dan id-dħul jirrigwarda multi imposti mill-Kummissjoni għal ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni. Ammonti riċevibbi u dħul relatati huma rikonoxxuti meta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li timponi multa tkun ittieħdet u tkun ġiet innotifikata uffiċjalment lid-destinatarju.

#### 3.2.2 Imposti agrikoli

Dawn l-ammonti jikkonċernaw l-iktar imposti fuq il-ħalib li huma għodda ta' ġestjoni tas-suq bil-għan li tippenalizza lill-produtturi tal-ħalib li jaqbū l-kwantitajiet ta' referenza tagħhom. Peress li mhuwiex marbut ma' pagamenti ta' qabel mill-Kummissjoni, fil-prattika dan jitqies bħala dħul għal skop spċificu.

#### 3.2.3 Irkupru ta' spejjeż

Din l-intestatura tirrappreżenta l-ordnijiet ta' rkupru maħruġa mill-Kummissjoni, u t-tnaqqis mill-ħlasijiet sussegwenti rregistri fis-sistema tal-kontijiet tal-Kummissjoni, għall-irkupru ta' ammonti li kienu mħallsa qabel mill-baġit ġenerali, abbażi ta' kontrolli, verifikasi magħluqa jew analiżi tal-eliġibilità, flimkien ma' ordnijiet ta' rkupru maħruġa mill-Istati Membri lill-benefiċjari tal-infıq tal-FAEG. Hija tinkludi wkoll il-varjazzjoni ta' stimi ta' dħul dovut mit-tmiem is-sena preċedenti sa dak kurrenti. Madankollu, ma turix għal kollo l-irkupri li saru fuq infiċċi tal-UE, partikolarmen għall-oqsma ta' nfiq sinifikanti tal-Azzjonijiet Strutturali, fejn hemm mekkaniżzi spċifici maħsuba biex jiżguraw ir-ritorn ta' flus li ma kienx hemm eliġibilità għalihom, li l-biċċa l-kbira minnhom ma jinvolvux il-ħruġ ta' ordni ta' rkupru. L-irkupru ta' ammonti ta' prefinanzjament ukoll mhuwiex inkluż bħala dħul, f'konformità mar-regoli tal-kontabilità tal-UE.

L-ammont ewljeni, EUR 845 miljun, għandu x'jaqsam mal-ġestjoni kondivija u huwa primarjament imsawwar minn EUR 721 miljun li jikkonċenraw il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u EUR 109 miljun għal Azzjonijiet Strutturali.

#### (a) Agrikoltura: FAEG

Fil-qafas tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG), l-ammonti mniżiżla bħala dħul tas-sena f'din l-intestatura huma ta' EUR 721 miljun, imsawra kif ġej:

- korrezzjonijiet tal-konformità deċiżi matul is-sena, EUR 686 miljun;
- frodi u irregolaritajiet EUR 35 miljun: frimborži ddikjarati mill-Istati Membri u rkuprati matul is-sena ta' EUR 174 miljun mingħajr it-tnaqqis fl-ammonti pendentii ddikjarati mill-Istati Membri li jridu jiġu rkuprati fi tmiem is-sena u li jikkonċernaw frodi u irregolaritajiet ta' EUR 139 miljun (EUR 991 miljun fi tmiem is-sena 2011 meta mqabbla ma' EUR 1 130 miljun fi tmiem is-sena 2010) - ara wkoll in-nota **2.11.1**.

#### (b) Azzjonijiet Strutturali

L-irkupru tal-ispejjeż tal-Azzjonijiet Strutturali inklużi f'din l-intestatura ammonta għal EUR 109 miljun (2010: EUR 279 miljun). L-ammonti ewleni f'din is-sottointestatura jinkludu ordnijiet ta' rkupru maħruġin mill-Kummissjoni bixx jiġi rkuprati spejjeż mhux dovuti li saru fis-snin ta' qabel li jammontaw għal EUR 127 miljun, il-varazzjoni (żieda) tad-dħul dovut fi tmiem is-sena għal EUR 28 miljun (kontrobilanċċat minn korrezzjoni ta' EUR 46 miljun).

L-ordnijiet ta' rkupru jinħarġu biss fil-każijiet li ġejjin:

- deċiżjonijiet formali ta' korrezzjoni finanzjarja mill-Kummissjoni wara s-sejbien ta' nefqa irregolari fl-ammonti mitlubin mill-Istati Membri
- aġġustamenti fl-għeluq ta' programm li jwasslu għal tnaqqis fil-kontribuzzjoni tal-UE fejn Stat Membru ma jkunx iddikjara nefqa eliġibbli biżżejjed biex jiġi għall-imbekk l-prefinanzjament totali u l-pagamenti interim li digħi saru; operazzjonijiet bħal dawn jistgħu jkunu bla deċiżjoni formali tal-Kummissjoni jekk jiġi aċċettati mill-Istat Membru;
- ħlas mill-ġdid tal-ammonti rkuprati wara l-għeluq minħabba l-konklużjoni ta' proċedimenti legali li kienu pendentii fi żmien l-għeluq.

Ordnijiet ta' rkupru oħrajn maħruġin għall-Azzjonijiet Strutturali jikkonċernaw l-irkupru ta' prefinanzjament. Dawn l-ammonti ma jintwerewx bħala dħul, iżda jiġi kkreditati għall-intestatura tal-prefinanzjament fuq il-karta tal-bilanċi.

#### 3.2.4 Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi

Dan id-dħul jiġi minn tnaqqis mis-salarji tal-personal u huwa msawwar l-iktar minn żewġ ammonti - kontribuzzjonijiet tal-pensioni mill-pesonal u taxxi fuq id-dħul.

#### 3.2.5 Dħul operattiv mixxelanju

Ammont ta' EUR 535 miljun (2010: EUR 430 miljun) huwa relatati ma' ammonti riċevuti mill-pajjiżi ta' adeżjoni. Anki l-qligħ mill-kambju, ħlief fuq attivitajiet finanzjarji ttrattati fin-nota **3.5** iktar '1 isfel, huwa inkluż f'din l-intestatura. Dan jiġi minn attivitajiet ta' kuljum u tranżazzjonijiet relatati li jsiru f'muniti li mhumiex l-Euro, kif ukoll ir-rivalutazzjoni ta' tmiem is-sena meħtieġa biex jitħejjew il-kontijiet. Fihom kemm qligħ realizzat kif ukoll mhux realizzat. Kien hemm qligħ nett mill-kambju ta' EUR 94 miljun għas-sena (2010: EUR 23 miljun).

#### 3.3 SPEJJEŻ AMMINISTRATTIVI

	EUR miljuni	
	2011	2010
Spejjeż tal-personal	5 416	5 171
Deprezzament u indeboliment	412	384
Spejjeż amministrattivi oħra	3 148	3 059
<b>Total</b>	<b>8 976</b>	<b>8 614</b>

Inklużi f'din l-intestatura hemm nefqiet ta' EUR 358 miljun relatati ma' kirjiet operattivi - l-ammonti impenjati li jitħallsu matul il-bqija tat-terminu tal-kuntratti ta' kirja huma kif ġej:

Deskriżzjoni	Ammonti li jridu jitħallsu fil-futur				EUR miljuni
	< 1 sena	1- 5 snin	> 5 snin	Total	
Bini	318	1 203	790	2 311	
Materjali tal-informatika u tagħmir ieħor	22	35	1	58	
<b>Total</b>	<b>340</b>	<b>1 238</b>	<b>791</b>	<b>2 369</b>	

### 3.4 SPEJJEŻ OPERATTIVI

	Nota	2011	2010	EUR miljuni
<b>Spejjeż operattivi primarji:</b>	3.4.1			
Ġestjoni ċentralizzata diretta		10 356	10 123	
Ġestjoni ċentralizzata indiretta		4 119	4 045	
Ġestjoni deċentralizzata		766	933	
Ġestjoni kondiviża		104 067	85 432	
Ġestjoni konġunta		1 714	1 868	
<b>Total</b>		<b>121 022</b>	<b>102 401</b>	
<b>Spejjeż operattivi oħra:</b>	3.4.2			
Aġġustamenti/provvedimenti		251	68	
Telf mill-kambju		382	439	
Oħrajn		2 123	856	
<b>Total</b>		<b>2 756</b>	<b>1 363</b>	
		<b>123 778</b>	<b>103 764</b>	

Iż-żieda notevoli fl-ispejjeż operattivi hija dovuta għall-ġestjoni kondiviża fejn l-attivitajiet miżjudha relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, irriżultaw frikonoxximent ikbar tan-nefqa fl-2011. Il-varjazzjonijiet ewlenin huma osservati fl-oqsma ta' koeżjoni u żvilupp reġjonali (EUR 19-il biljun). Minħabba l-għamla relativament stabbli tad-dħul operattiv, din iż-żieda kbira fin-nefqa operattiva rriżultat f-defiċit operattiv fl-2011 ta' EUR 2.7 biljun.

#### 3.4.1 Spejjeż operattivi primarji

L-ispiżha operazzjonali tal-Kummissjoni Ewropea tkopri l-intestaturi differenti tal-qafas finanzjarju u tieħu forom differenti, li jiddependu fuq kif jitħallsu u kif jiġu ġestiti l-flus. Il-biċċa l-kbira tal-infıq jaqa' taħt l-intestatura "Ġestjoni Kondiviża" li tinvolti d-delegazzjoni ta' d-mirrijiet lill-Istati Membri, u dan ikopri oqsma bħall-infıq tal-FAEG u azzjonijiet iffinanzjati permezz tal-Azzjonijiet Strutturali differenti (il-fond tal-iżvilupp reġjonali, il-fond soċjali, il-fond agrikolu għall-iżvilupp rurali, il-fond ta' koeżjoni u l-fond tas-sajd).

#### 3.4.2 Spejjeż operattivi oħra

Telf mill-kambju, minbarra fuq attivitajiet finanzjarji li titkellem dwarhom in-nota 3.6 ta' hawn taħt, iseħħ fl-attivitajiet ta' kuljum u tranżazzjonijiet relatati li jsiru f'muniti li mhumiex l-Euro, kif ukoll fir-rivalutazzjoni tal-aħħar tas-sena meħtieġa sabiex jiġu ppreparati l-kontijiet - dan it-telf huwa kemm realizzat kif ukoll mhux realizzat.

**Spejeż tar-Riċerka u l-Iżvilupp**

	EUR miljuni	
	2011	2010
Spejeż tar-riċerka	327	295
Spejeż tal-iżvilupp mhux kapitalizzati	145	157
<b>Rikonoxxuti bħala spejeż</b>	<b>472</b>	<b>452</b>

**3.5 DĦUL FINANZJARJU**

	EUR miljuni	
	2011	2010
<b>Dħul mid-Dividendi</b>	<b>5</b>	<b>1</b>
<b>Dħul mill-imgħax:</b>		
Fuq prefinanzjament	40	42
Fuq ġħasijiet tard	89	382
Fuq assi disponibbli għall-bejgħ	113	100
Fuq self	921	394
Fuq flus u ekwivalenti	132	110
Oħrajn	5	2
Total	<b>1 300</b>	<b>1 030</b>
<b>Dħul finanzjarju ieħor:</b>		
Qligħ realizzat fuq bejgħ ta' assi finanzjarji	3	11
Oħrajn	178	83
Total	<b>181</b>	<b>94</b>
<b>Aġġustamenti fil-valur preżenti</b>	<b>1</b>	<b>1</b>
<b>Qligħ mill-kambju</b>	<b>4</b>	<b>52</b>
Total	<b>1 491</b>	<b>1 178</b>

**3.6 SPEJJEŻ FINANZJARJI**

	EUR miljuni	
	2011	2010
<b>Spejeż tal-imgħax:</b>		
Kiri	91	93
Fuq fondi missellfa	903	380
Oħrajn	30	23
Total	<b>1 024</b>	<b>496</b>
<b>Spejeż finanzjarji oħra:</b>		
Aġġustamenti għall-provvedimenti finanzjarji	74	60
Spejeż finanzjarji fuq strumenti baġitarji	47	55
Telf realizzat minn indeboliment fuq bejgħ ta' assi finanzjarji AFS	12	5
Telf realizzat fuq bejgħ ta' assi finanzjarji	5	1
Oħrajn	144	42
Total	<b>282</b>	<b>163</b>
<b>Telf mill-kambju</b>	<b>49</b>	<b>2</b>
Total	<b>1 355</b>	<b>661</b>

### 3.7 SEHEM MILL-BILANĊ NEGATTIV NETT TAL-ASSOĊJATI U L-IMPRIŻI KONĠUNTI

Fkonformità mal-metodu tal-kontabilità tal-ekwità, il-Kummissjoni tinkludi s-sehem tagħha mid-defiċit nett tal-impriżi konġunti u l-assoċjati tagħha fil-kont tal-eżitu ekonomiku tagħha (ara wkoll in-noti **2.3.1** u **2.3.2**).

### 3.8 DĦUL MINN TRANŻAZZJONIJIET MHUX TAL-KAMBJU

Fl-2011, fil-kont tal-eżitu ekonomiku ġie rikonoxxut dħul ta' EUR 130 391 miljun (2010: EUR 129 597 miljun) minn tranżazzjonijiet mhux tal-kambju.

### 3.9 RAPPORTAR SKONT IS-SEGMENT

Dan ir-rapport skont is-segmenti jaqsam id-dħul u l-ispejjeż operattivi skont il-qasam ta' politika, fuq il-bażi tal-istruttura ta' Baġit Ibbażat fuq l-Attivitajiet, fi ħdan il-Kummissjoni. Dawn l-oqsma tal-politika jistgħu jingħabru taħt tliet intestaturi akbar - Attivitajiet fi ħdan l-Unjoni Ewropea, Attivitajiet barra l-Unjoni Ewropea, u Servizzi u oħrajn.

“Attivitajiet fi ħdan l-Unjoni Ewropea” hija l-akbar fost dawn l-intestaturi peress li tiġibor taħtha l-ħafna oqsma ta’ politika fi ħdan l-Unjoni Ewropea. “Attivitajiet barra l-Unjoni Ewropea” tikkonċerna l-politiki li jiġu operati barra l-UE, bħall-kummerċ u l-ghajjnuna. “Servizzi u oħrajn” huma l-attivitajiet interni u orizzontali meħtieġa biex l-Istittuzzjonijiet u l-entitajiet tal-UE jiffunzjonaw. Kun af li l-informazzjoni relatata mal-Aġenzija hija inkluża fil-qasam ta’ politika relevanti. Kun af ukoll li r-riżorsi propri u l-kontribuzzjonijiet ma jitqassmux fost il-bosta attivitatjet peress li dawn huma kkalkolati, miġburin u ġestiti mis-servizzi ċentrali tal-Kummissjoni.

EUR miljuni

	Attivitajiet fi ħdan l-UE	Attivitajiet barra l-UE	Servizzi u Oħrajn	KEFA f'Likwidazzjoni	Istituzzjonijiet oħra	Eliminazzjonijiet ta' konsolidazzjoni	Total
Multi	868	0	0	0	0	0	868
Imposti agrikoli	65	0	0	0	0	0	65
Irkupru ta' spejjeż	906	138	3	0	2	(2)	1 047
Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi	142	2	993	0	664	(447)	1 354
Dħul operattiv mixxelanju	2 502	98	580	7	132	(1 277)	2 042
<b>DĦUL OPERATTIV IEĦOR</b>	<b>4 483</b>	<b>238</b>	<b>1 576</b>	<b>7</b>	<b>798</b>	<b>(1 726)</b>	<b>5 376</b>
<b>Spejjeż amministrattivi:</b>							
Spejjeż tal-personal	(2 171)	(325)	(1 250)	0	(1 702)	32	(5 416)
Assi intangħibbi u spejjeż relatati mal-PPE	(109)	(1)	(121)	0	(181)	0	(412)
Spejjeż amministrattivi oħra	(955)	(286)	(858)	0	(1 624)	575	(3 148)
	<b>(3 235)</b>	<b>(612)</b>	<b>(2 229)</b>	<b>0</b>	<b>(3 507)</b>	<b>607</b>	<b>(8 976)</b>
<b>Spejjeż operattivi:</b>							
Ġestjoni ċentralizzata diretta	(7 338)	(3 681)	(179)	0	0	842	(10 356)
Ġestjoni ċentralizzata indiretta	(3 423)	(682)	(32)	0	0	18	(4 119)
Ġestjoni deċentralizzata	(210)	(556)	0	0	0	0	(766)
Ġestjoni kondiviża	(103 988)	(80)	1	0	0	0	(104 067)
Ġestjoni konġunta	(169)	(1 545)	0	0	0	0	(1 714)
Spejjeż operattivi oħrajn	(2 420)	(134)	(399)	(52)	(10)	259	(2 756)
	<b>(117 548)</b>	<b>(6 678)</b>	<b>(609)</b>	<b>(52)</b>	<b>(10)</b>	<b>1 119</b>	<b>(123 778)</b>
<b>SPEJJEŻ OPERATTIVI TOTALI</b>	<b>(120 783)</b>	<b>(7 290)</b>	<b>(2 838)</b>	<b>(52)</b>	<b>(3 517)</b>	<b>1 726</b>	<b>(132 754)</b>
<b>Spejjeż operattivi netti</b>	<b>(116 300)</b>	<b>(7 052)</b>	<b>(1 262)</b>	<b>(45)</b>	<b>(2 719)</b>	<b>0</b>	<b>(127 378)</b>
Dħul mir-riżorsi propri u l-kontribuzzjoni						124 677	
<b>Bilanċ negattiv minn attivitajiet operattivi</b>						<b>(2 701)</b>	
Dħul finanzjarju nett						136	
Moviment fl-obbligazzjoni tal-pensionijiet u beneficijji oħrajn tal-impjegati						1 212	
Sehem tal-assoċjati/bilanċ negattiv ta' intrapriżi konġunti						(436)	
<b>Eżitu ekonomiku għas-sena</b>						<b>(1 789)</b>	

## RAPPORTAR SKONT IS-SEGMENT – ATTIVITAJIET FI ĦDAN L-UE

EUR miljuni

	Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji	Impriża u Industria	Kompetizzjoni	Impjegi	Agrikoltura	Trasport u Enerġija	Ambjent	Riċerka	Is-Soċjetà tal-Informazzjoni
Dħul operattiv ieħor:									
Multi	0	7	858	0	0	0	0	0	0
Imposti agrikoli	0	0	0	0	65	0	0	0	0
Irkupru ta' spejjeż	0	4	0	23	807	7	1	5	24
Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi	0	14	0	0	0	12	0	39	0
Dħul operattiv ieħor	4	54	161	41	121	207	40	723	9
<b>DĦUL OPERATTIV IEĦOR</b>	<b>4</b>	<b>79</b>	<b>1 019</b>	<b>64</b>	<b>993</b>	<b>226</b>	<b>41</b>	<b>767</b>	<b>33</b>
<b>Spejjeż amministrattivi:</b>	<b>(66)</b>	<b>(199)</b>	<b>(89)</b>	<b>(110)</b>	<b>(127)</b>	<b>(374)</b>	<b>(119)</b>	<b>(402)</b>	<b>(133)</b>
Spejjeż tal-personal	(60)	(143)	(83)	(84)	(106)	(255)	(86)	(231)	(107)
Assi intanġibbli u spejjeż relatati mal-PPE	0	(16)	0	(1)	0	(13)	(1)	(4)	0
Infiq amministrattiv ieħor	(6)	(40)	(6)	(25)	(21)	(106)	(32)	(167)	(26)
<b>Spejjeż operattivi:</b>	<b>(66)</b>	<b>(1 116)</b>	<b>(1 492)</b>	<b>(11 044)</b>	<b>(57 063)</b>	<b>(1 427)</b>	<b>(256)</b>	<b>(4 207)</b>	<b>(1 251)</b>
Ġestjoni ċentralizzata diretta	(66)	(665)	0	(148)	(30)	(802)	(239)	(2 739)	(1 230)
Ġestjoni ċentralizzata indiretta	0	(313)	0	(2)	0	(501)	(1)	(1 369)	(14)
Ġestjoni deċentralizzata	0	0	0	(29)	(5)	0	0	0	0
Ġestjoni kondivija	0	0	0	(10 841)	(56 883)	0	0	0	0
Ġestjoni konġunta	0	(94)	0	(6)	0	(68)	0	0	0
Spejjeż operattivi oħra	0	(44)	(1 492)	(18)	(145)	(56)	(16)	(99)	(7)
<b>SPEJJEŻ OPERATTIVI TOTALI</b>	<b>(132)</b>	<b>(1 315)</b>	<b>(1 581)</b>	<b>(11 154)</b>	<b>(57 190)</b>	<b>(1 801)</b>	<b>(375)</b>	<b>(4 609)</b>	<b>(1 384)</b>
<b>Spejjeż operattivi netti</b>	<b>(128)</b>	<b>(1 236)</b>	<b>(562)</b>	<b>(11 090)</b>	<b>(56 197)</b>	<b>(1 575)</b>	<b>(334)</b>	<b>(3 842)</b>	<b>(1 351)</b>
	Ċentru Konġunt tar-Riċerka	Sajd	Is-Suq Intern	Politika Regionali	Tassazzjoni u Dwana	Edukazzjoni u Kultura	Saħħa u Protezzjoni tal-Konsumentur	Ġustizzja, Libertà u Sigurtà	Total tal-Attivitajiet fi ħdan l-UE
Dħul operattiv ieħor:									
Multi	0	0	0	0	0	0	0	3	868
Imposti agrikoli	0	0	0	0	0	0	0	0	65
Irkupru ta' spejjeż	0	5	0	15	0	7	7	1	906
Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi	40	0	1	0	0	1	9	26	142

	Ċentru Konġunt tar-Riċerka	Sajd	Is-Suq Intern	Politika Regionali	Tassazzjoni u Dwana	Edukazzjoni u Kultura	Saħħa u Protezzjoni tal-Konsumentur	Ġustizzja, Libertà u Sigurtà	Total tal-Attività-jiet fi ħdan l-UE
Dħul operattiv ieħor	70	10	206	(2)	1	232	359	266	2 502
<b>DĦUL OPERATTIV IEĦOR</b>	<b>110</b>	<b>15</b>	<b>207</b>	<b>13</b>	<b>1</b>	<b>240</b>	<b>375</b>	<b>296</b>	<b>4 483</b>
<b>Spejeż amministrattivi:</b>	<b>(346)</b>	<b>(60)</b>	<b>(196)</b>	<b>(81)</b>	<b>(94)</b>	<b>(204)</b>	<b>(347)</b>	<b>(288)</b>	<b>(3 235)</b>
Spejeż tal-persunal	(245)	(39)	(134)	(65)	(42)	(107)	(223)	(161)	(2 171)
Assi intanġibbli u spejeż realatati mal-PPE	(26)	0	(7)	0	(2)	(1)	(26)	(12)	(109)
Spejeż amministrattivi oħra	(75)	(21)	(55)	(16)	(50)	(96)	(98)	(115)	(955)
<b>Spejeż operattivi:</b>	<b>(194)</b>	<b>(764)</b>	<b>(59)</b>	<b>(35 821)</b>	<b>(15)</b>	<b>(1 447)</b>	<b>(631)</b>	<b>(695)</b>	<b>(117 548)</b>
Ġestjoni ċentralizzata diretta	(57)	(246)	(24)	(45)	(15)	(163)	(440)	(429)	(7 338)
Ġestjoni ċentralizzata indiretta	0	0	0	0	0	(1 174)	(49)	0	(3 423)
Ġestjoni deċentralizzata	0	0	0	(176)	0	0	0	0	(210)
Ġestjoni kondiviża	0	(514)	0	(35 600)	0	0	0	(150)	(103 988)
Ġestjoni konġunta	0	0	0	0	0	(1)	0	0	(169)
Spejeż operattivi oħra	(137)	(4)	(35)	0	0	(109)	(142)	(116)	(2 420)
<b>SPEJJEŻ OPERATTIVI TOTALI</b>	<b>(540)</b>	<b>(824)</b>	<b>(255)</b>	<b>(35 902)</b>	<b>(109)</b>	<b>(1 651)</b>	<b>(978)</b>	<b>(983)</b>	<b>(120 783)</b>
<b>Spejeż operattivi netti</b>	<b>(430)</b>	<b>(809)</b>	<b>(48)</b>	<b>(35 889)</b>	<b>(108)</b>	<b>(1 411)</b>	<b>(603)</b>	<b>(687)</b>	<b>(116 300)</b>

#### RAPPORTAR SKONT IS-SEGMENTI – ATTIVITAJIET BARRA L-UE

EUR miljuni

	Relazzjonijiet Esterni	Kummerċ	Żvilupp	Tkabbir	Għajnuna Umanitarja	Attivitajiet Totali barra l-UE
Dħul operattiv ieħor:						
Irkupru ta' spejeż	20	0	9	106	3	138
Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi	2	0	0	0	0	2
Dħul operattiv ieħor	10	0	90	(1)	(1)	98
<b>DĦUL OPERATTIV IEĦOR</b>	<b>32</b>	<b>0</b>	<b>99</b>	<b>105</b>	<b>2</b>	<b>238</b>
<b>Spejeż amministrattivi:</b>	<b>(99)</b>	<b>(71)</b>	<b>(331)</b>	<b>(78)</b>	<b>(33)</b>	<b>(612)</b>
Spejeż tal-persunal	(23)	(65)	(167)	(47)	(23)	(325)
Assi intanġibbli u spejeż relatati mal-PPE	(1)	0	0	0	0	(1)
Spejeż amministrattivi oħra	(75)	(6)	(164)	(31)	(10)	(286)
<b>Spejeż operattivi:</b>	<b>(3 381)</b>	<b>(8)</b>	<b>(1 217)</b>	<b>(958)</b>	<b>(1 114)</b>	<b>(6 678)</b>

EUR miljuni

	Relazzjonijiet Esterni	Kummerċ	Żvilupp	Tkabbir	Għajnuna Umanitarja	Attivitajiet Totali barra l-UE
Ġestjoni ċentralizzata diretta	(1 699)	(5)	(833)	(547)	(597)	(3 681)
Ġestjoni ċentralizzata indiretta	(627)	0	(18)	(37)	0	(682)
Ġestjoni deċentralizzata	(209)	0	(37)	(310)	0	(556)
Ġestjoni kondiviża	(80)	0	0	0	0	(80)
Ġestjoni konġunta	(638)	(3)	(326)	(63)	(515)	(1 545)
Spejjeż operattivi oħra	(128)	0	(3)	(1)	(2)	(134)
<b>SPEJJEŻ OPERATTIVI TOTALI</b>	<b>(3 480)</b>	<b>(79)</b>	<b>(1 548)</b>	<b>(1 036)</b>	<b>(1 147)</b>	<b>(7 290)</b>
<b>Spejjeż operattivi netti</b>	<b>(3 448)</b>	<b>(79)</b>	<b>(1 449)</b>	<b>(931)</b>	<b>(1 145)</b>	<b>(7 052)</b>

**RAPPORTAR SKONT IS-SEGMENTI – SERVIZZI U OĦRAJN**

EUR miljuni

	Stampa u Komunikazzjoni	Uffiċċċu ta' kontra l-Frodi	Koordinazzjoni	Persunal u Amministrazzjoni	Eurostat	Baġit	Awditjar	Lingwi	Oħrajn	Total ta' Servizzi u Oħrajn
Dħul operattiv ieħor:										
Irkupru ta' spejjeż	1	0	0	1	0	0	0	1	0	3
Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi	0	7	0	835	0	52	0	99	0	993
Dħul operattiv ieħor	(1)	8	1	30	0	35	0	43	464	580
<b>DĦUL OPERATTIV IEĦOR</b>	<b>0</b>	<b>15</b>	<b>1</b>	<b>866</b>	<b>0</b>	<b>87</b>	<b>0</b>	<b>143</b>	<b>464</b>	<b>1 576</b>
<b>Spejjeż amministrattivi:</b>	<b>(121)</b>	<b>(57)</b>	<b>(188)</b>	<b>(1 299)</b>	<b>(86)</b>	<b>(58)</b>	<b>(11)</b>	<b>(444)</b>	<b>35</b>	<b>(2 229)</b>
Spejjeż tal-persunal	(79)	(44)	(159)	(526)	(70)	(44)	(10)	(353)	35	(1 250)
Assi intanġibbli u spejjeż relatati mal-PPE	(2)	(1)	0	(114)	0	(1)	0	(3)	0	(121)
Spejjeż amministrattivi oħra	(40)	(12)	(29)	(659)	(16)	(13)	(1)	(88)	0	(858)
<b>Spejjeż operattivi:</b>	<b>(134)</b>	<b>(13)</b>	<b>(1)</b>	<b>(24)</b>	<b>(41)</b>	<b>(2)</b>	<b>0</b>	<b>(16)</b>	<b>(378)</b>	<b>(609)</b>
Ġestjoni ċentralizzata diretta	(102)	(13)	0	(19)	(41)	(3)	0	(1)	0	(179)
Ġestjoni ċentralizzata indiretta	(32)	0	0	0	0	0	0	0	0	(32)
Ġestjoni kondiviża	0	0	0	0	0	1	0	0	0	1
Spejjeż operattivi oħra	0	0	(1)	(5)	0	0	0	(15)	(378)	(399)
<b>SPEJJEŻ OPERATTIVI TOTALI</b>	<b>(255)</b>	<b>(70)</b>	<b>(189)</b>	<b>(1 323)</b>	<b>(127)</b>	<b>(60)</b>	<b>(11)</b>	<b>(460)</b>	<b>(343)</b>	<b>(2 838)</b>
<b>Spejjeż operattivi netti</b>	<b>(255)</b>	<b>(55)</b>	<b>(188)</b>	<b>(457)</b>	<b>(127)</b>	<b>27</b>	<b>(11)</b>	<b>(317)</b>	<b>121</b>	<b>(1 262)</b>

#### 4. NOTI MAT-TABELLA TAL-FLUSSI TAL-FLUS

##### 4.1 GĦAN U PREPARAZZJONI TAT-TABELLA TAL-FLUSSI TAL-FLUS

L-informazzjoni dwar il-flussi tal-flus tintuża sabiex tipprovdi bażi għall-valutazzjoni tal-kapaċità tal-UE sabiex tiġġenera flus u ekwivalenti, u l-bżonnijiet tagħha li tuża dawk il-flussi ta' flus.

It-tabella tal-flussi tal-flus tiġi ppreparata permezz tal-metodu indirett. Dan ifisser illi l-bilanç pożittiv jew negattiv nett għas-sena finanzjarja jiġi aġġustat skont l-effetti ta' tranżazzjonijiet ta' natura mhux ta' flus, kull different jew dovuti ta' dħul jew ġlasijiet operattivi ta' flus kemm passati kif ukoll futuri, u partiti ta' dħul jew infiġi assoċjati mal-flussi tal-flus tal-investimenti.

Flussi tal-flus li jiġu minn tranżazzjonijiet f'munita barranija huma rreġistrati fil-munita tar-rapportar tal-Unjoni Ewropea (l-Euro), billi tiġi applikata għall-ammont tal-munita barranija r-rata tal-kambju bejn l-euro u l-munita barranija fid-data tal-fluss tal-flus.

It-tabella tal-flussi tal-flus murija aktar 'il fuq tirrapporta flussi ta' flus matul il-perjodu kklassifikati f'attivitajiet operattivi u dawk ta' investiment (l-UE ma għandhiex attivitat jiet ta' finanzjament).

##### 4.2 ATTIVITAJIET OPERATTIVI

Attivitajiet operattivi huma l-attivitajiet tal-UE li mhumiex attivitat jiet ta' investiment. Dawn huma l-maġġoranza tal-attivitajiet li jsiru. Self mogħti lill-benefiċjarji (u s-self meħud relatax meta applikabbli) mhumiex ikkunsidrat bħala attivitajiet ta' investiment (jew finanzjament) peress illi huma parti mill-objettivi ġenerali u għalhekk huma operazzjonijiet ta' kuljum tal-UE. Attivitajiet operattivi jinkludu wkoll investimenti bħall-FEI, il-BERŻ u l-fondi tal-kapital tar-riskju. Tabilħaqq, l-għan ta' dawn l-attivitajiet huwa li jikkontribwixxu għall-kisba tar-riżultati li jikkostitwixxu l-mira tal-politika.

##### 4.3 ATTIVITAJIET TA' INVESTIMENT

Attivitajiet ta' investiment huma l-akkwist u d-disponiment ta' assi intanġibbli u proprjetà, impjanti u tagħmir u ta' investimenti oħra li mhumiex inklużi fl-ekwivalenti ta' flus. Attivitajiet ta' investiment ma jinkludux self mogħti lil beneficiarji. L-għan huwa li jintwerew l-investimenti reali li jsiru mill-UE.

#### 5. ASSI U OBBLIGAZZJONIJIET KONTINġENTI U DIVULGAZZJONIJIET OĦRA

##### ASSI KONTINġENTI

EUR miljuni

	31.12.2011	31.12.2010
Garanziji riċevuti:		
Garanziji tal-prestazzjoni	300	301
Garanziji oħra	34	30
Assi kontinġenti oħra	19	8
<b>Assi Kontinġenti Totali</b>	<b>353</b>	<b>339</b>

Il-garanziji tal-prestazzjoni jintalbu biex jiġi żgurat li l-benefiċjarji tal-finanzjament mill-UE jissodisfaw l-obbligi tal-kuntratti tagħhom mal-UE.

##### OBBLIGAZZJONIJIET KONTINġENTI

EUR miljuni

	Nota	31.12.2011	31.12.2010
Garanziji mogħtija	5,1	24 394	22 171
Multi – appelli fil-Qorti tal-Ġustizzja	5,2	8 951	9 627
FAEG, żvillupp rurali, qabel l-adeżjoni – sentenzi pendenti tal-qorti	5,3	2 345	1 772

	Nota	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Politika ta' koeżjoni – sentenzi pendenti tal-qorti	5,4	318	—	
Ammonti relatati ma' kawżi legali u tilwim ieħor	5,5	251	458	
Obbligazzjonijiet kontinġenti oħrajn		2	4	
<b>Obbligazzjonijiet Kontinġenti Totali</b>		<b>36 261</b>	<b>34 032</b>	

L-obbligazzjonijiet kontinġenti kollha jiġu ffinanzjati, meta jkunu dovuti, mill-baġit tal-UE fis-snin li ġejjin.

## 5.1 GARANZIJI MOGĦTIJA

### 5.1.1 Fuq self mogħti mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) mir-riżorsi propriji tiegħu

	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Garanzija ta' 65 %	20 362	18 217	
Garanzija ta' 70%	1 992	2 281	
Garanzija ta' 75%	534	695	
Garanzija ta' 100%	724	789	
<b>Total</b>	<b>23 612</b>	<b>21 982</b>	

Il-baġit tal-UE jiggarrantixxi self iffirmat u mogħti mill-BEI mir-riżorsi tiegħu stess lil pajjiżi terzi fil-31 ta' Diċembru 2011 (inkluż self mogħti lil Stati Membri qabel l-adeżjoni). Madankollu, il-garanzija tal-UE hija limitata għal perċentwal tal-massimu tal-linji ta' kreditu awtorizzati: 65 %, 70 %, 75 % jew 100 %. Fejn il-massimu ma jintla ħaq, il-garanzija tal-UE tkopri l-ammont kollu. Fil-31 ta' Diċembru 2011, l-ammont pendenti totali laħaq it-EUR 23 612 miljun u għalda qstant, din hija l-iskopertura massima li għandha l-UE. Fil-31 ta' Diċembru 2011, madwar 83% tal-operazzjonijiet ta' self tal-BEI (operazzjonijiet ta' self sovran u sottosovran) huma koperti b'garanzija komprensiva, filwaqt li fuq l-operazzjonijiet li jifdal, il-BEI jibbenefika minn kopertura ta' riskju politiku biss.

### 5.1.2 Garanziji oħrajn mogħtija

	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSFF)	726	161	
Strument ta' Garanzija tas-Self għal Proġetti Ten-T (LGTT)	39	11	
MEDA: Garanziji tal-Marokk	17	17	
<b>Total</b>	<b>782</b>	<b>189</b>	

### Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSFF)

Taħt il-Faċilità ta' Finanzjament għall-Kondiviżjoni tar-Riskji (RSFF), il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni tintuża bħala provvediment għar-riskju finanzjarju fuq self u garanziji mogħtija mill-BEI għal proġetti ta' riċerka eliġibbli. B'kollox, huwa previst baġit tal-Kummissjoni li jammonta sa EUR 1 biljun għall-perjodu 2007-2013 li minnhom sa EUR 800 miljun huma mill-programm speċifiku "Koperazzjoni" u sa EUR 200 miljun huma mill-programmi speċifiċi "Kapaċitajiet". Il-BEI impenja ruħu li jipprovd i-l-istess ammont.

Sal-31 ta' Diċembru 2011 il-Kummissjoni kkontribwixxet EUR 776 miljun għall-RSFF. Dan ġie investit mill-BEI f'bonds (valur ġust ta' EUR 547 miljun fil-31 ta' Diċembru 2011) u depożiti b'terminu (EUR 240 miljun). L-ammont inkluż bħala obbligazzjoni kontinġenti iktar 'il fuq, EUR 726 miljun, jirrappreżenta t-telf massimu stmat fil-31 ta' Diċembru 2011 li l-Kummissjoni ġġarrab f'każ ta' inadempjenzi fuq self jew garanziji mogħtija mill-BEI fi ħdan il-qafas tal-RSFF. Ta' min jinnota li r-riskju globali tal-Kummissjoni huwa limitat għall-ammont li tikkontribwixxi għall-Faċilità.

### **Strument tal-Garanzija tas-Self għall-Proġetti Ten-T (LGTT)**

L-Instrument tal-Garanzija tas-Self għall-Proġetti Ten-T (LGTT) joħroġ garanziji sabiex jiġi mmitigat ir-riskju għad-dħul fl-ewwel snin tal-proġetti TEN-Transport. Speċifikament, il-garanzija tkun tkopri b'mod sħiħ il-linji ta' kreditu ta' riżerva, li jintużaw biss fkażżejjiet fejn il-flus tal-proġetti ma jkunux biżżejjed sabiex jitħallsu l-ammont dovuti fir-rigward tad-dejn prioritarju. L-instrument sejkun prodott finanzjarju konġunt tal-Kummissjoni u l-BEI u r-regolament TEN-T alloka EUR 500 miljun mill-baġit tal-UE sabiex jiġu alloki matul il-perjodu 2007-2013. Il-BEI sejalloka EUR 500 miljun oħra u għalhekk b'kollo l-ammont disponibbli għall-instrument sejkun ta' EUR 1 biljun.

Sal-31 ta' Diċembru 2011, il-Kummissjoni kkontribwixxiet EUR 155 miljun għall-LGTT. Dan ġie investit mill-BEI f'bonds (valur ġust ta' EUR 97 miljun fil-31 ta' Diċembru 2011) u depożiti għal terminu fiss (EUR 57 miljun). Fi tmiem l-2011, ġew sottoskritti EUR 519-il miljun f'self u b'hekk dawn huma koperti mill-garanzija. L-ammont inkluż bħala obbligazzjoni kontinġenti, EUR 39 miljun, jirrapreżenta t-telf massimu stmat fil-31 ta' Diċembru 2011 li l-Kummissjoni ġġarrab fkaż ta' inadempjenzi fuq self jew garanziji mogħtija mill-BEI fi ħdan il-qafas tal-operazzjonijiet tal-LGTT. Dan jirrapreżenta 7.5% tal-ammont totali għgarantiti. Ta' min jinnota li r-riskju globali tal-Kummissjoni huwa limitat għall-ammont li tikkontribwixxi għall-Instrument.

L-assi tal-istumenti RSFF u LGTT huma inklużi fil-karta tal-bilanċi tal-Kummissjoni bħala Assi lesti għall-bejgħ fperjodu qasir (ara n-nota **2.9**) u flus kontanti (nota **2.13**).

### **MEDA**

Bħala parti mill-programm MEDA, il-Kummissjoni ħolqot mekkaniżmu ta' garanzija permezz ta' fond speċifiku, li se jibbenefikaw minnu żewġ organizzazzjonijiet Marokkini, jiġifieri l-Caisse Centrale de Garantie u l-Fonds Dar Ad-Damane. Fil-31 ta' Diċembru 2011, EUR 17-il miljun kienu jaqgħu taħt il-garanzija tal-Kummissjoni.

### **5.2 MULTI**

Dawn l-ammonti jirrigwardaw multi imposti mill-Kummissjoni għal ksur ta' regoli tal-kompetizzjoni li tħall-su provviżorjament u fejn jew sar appell jew mhux magħruf jekk hux se jsir appell. L-obbligazzjoni kontinġenti tinżamm sa meta deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-każ tkun finali. L-imgħax miksub fuq pagamenti provviżorji huwa inkluż fir-eżitu ekonomiku għas-sena u anki bħala obbligazzjoni kontinġenti biex jirrifletti l-inċerzezza tat-titolu tal-Kummissjoni għal dawn l-ammonti.

### **5.3 SENTENZI PENDENTI TAL-QORTI: FAEG, ŻVILUPP RURALI U QABEL L-ADEŻJONI**

Dawn huma obbligazzjoni kontinġenti lejn l-Istati Membri konnessi mad-deċiżjonijiet ta' konformità tal-FAEG, l-iżvilupp rurali u l-korrezzjonijiet finanzjarji ta' qabel l-addeżjoni b'sentenza pendenti mill-Qorti tal-Ġustizzja. Id-determinazzjoni tal-ammont finali tal-obbligazzjoni u s-sena li fiha l-effett tal-appelli li jirnexxu jiġi attribwit għall-baġit ser jiddependu fuq it-tul tal-proċedura quddiem il-Qorti.

### **5.4 AZZJONIJIET TA' KOEŻJONI – KAWŻI LEGALI PENDENTI**

Dawn huma obbligazzjoni kontinġenti lejn l-Istati Membri marbutin mal-azzjonijiet skont il-politika ta' koeżjoni li għadhom qed jistennew id-data tas-smiġħ jew b'sentenza pendenti tal-Qorti tal-Ġustizzja.

### **5.5 AMMONTI LEGALI RELATATI MA' KAWŻI LEGALI U TILWIM IEĦOR**

Din l-intestatura għandha x'taqsam ma' azzjonijiet għad-danni li fil-preżent qed jinġiebu kontra l-Kummissjoni, tilwim legali ieħor u l-ispejjeż legali stmati. Għandu jiġi osservat li fazzjoni għad-danni taħt l-Artikolu 288 KE l-applikant għandu juri ksur serju biżżejjed, mill-istituzzjoni, ta' regola tal-l-ġiġi maħsuba sabiex tagħti drittijiet lill-individwi, dannu reali li sofra l-applikant, u rabta direttu ta' kawża u effett bejn l-att illegali u d-dannu.

## DIVULGAZZJONIJIET SINIFKANTI OĦRAJN

## IMPENJI KONTRA APPROPRJAZZJONIJIET LI MA NTUŻAWX

	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Impenji kontra appoprjazzjonijiet li għadhom ma ntużawx	165 236	155 642	

Ir-RAL ("Reste à Liquider") tal-baġit huwa ammont li jirrappreżenta l-impenji miftuħa li għalihom għadhom ma sarux il-ħlasijiet/jew id-diżimpenji. Din hija l-konseguenza normali tal-eżistenza ta' programmi multiannwali. Fil-31 ta' Diċembru 2011 ir-RAL tal-baġit laħaq il-EUR 207 443 miljun. L-ammont iddivulgat hawn fuq huwa r-RAL tal-baġit bl-ammonti relatati neqsin li ġew inklużi bħala spejjeż fil-kont tal-eżitu ekonomiku tal-2011.

## IMPENJI LEGALI SINIFKANTI

	31.12.2011	31.12.2010	EUR miljuni
Operazzjonijiet Strutturali	142 916	210 638	
Protokoll ma' pajjiżi Mediterraneani	264	263	
Ftehim dwar is-sajd	37	130	
Program Galileo	320	513	
Programm GMES	400	390	
TEN-T	3 416	3 530	
Impenji kuntrattwali oħra	4 493	3 920	
<b>Total</b>	<b>151 846</b>	<b>219 384</b>	

Dawn l-impenji oriġinaw minħabba li l-Kummissjoni ddeċidiet li tidħol f'impenji legali fit-tul fir-rigward ta' ammonti li kienu għadhom mhumiex koperti minn appoprjazzjonijiet għall-impenji fil-baġit. Dan jista' jirrigwarda programmi multiannwali bħal Azzjonijiet Strutturali jew ammonti li l-Kummissjoni Ewropea hija impenjata li tħallas fil-futur taħt kuntratti amministrativi eżistenti fid-data tal-karta tal-bilanç (eż. relatati mal-provvista ta' servizzi bħal sigurtà, tindif, eċċi, iżda wkoll impenji kuntrattwali li jikkonċernaw proġetti speċifiċi bħal xogħilijiet ta' bini).

## Azzjonijiet Strutturali

It-tabella ta' hawn taħt turi tqabbil bejn l-impenji legali li għalihom għadhom ma sarux impenji tal-baġit u l-impenji massimi fir-rigward tal-ammonti previsti fil-qasas finanzjarju 2007-2013.

	Ammonti tal-perspettiva finan-	Impenji legali	Impenji tal-baġit	Impenji legali bl-	Impenn massimu
	persettiva finan-	konklużi	2007-2011	imnaqqsa minnhom	(= A - C)
	zjarra 2007-2013	(B)	(C)	(B - C)	(= A - C)
Fondi tal-politika ta' koeżjoni	347 550	347 542	240 438	107 104	107 112
Riżorsi Naturali	100 549	100 545	69 818	30 727	30 731
Strumenti għall-Assi-					
tenza ta' Qabel l-Adeż-					
joni	11 259	8 162	6 186	1 976	5 073
<b>Total</b>	<b>459 358</b>	<b>456 249</b>	<b>316 442</b>	<b>139 807</b>	<b>142 916</b>

### **Protokolli ma' pajjiżi tal-Mediterran**

Dawn l-impenji huma relatati ma' protokolli finanzjarji ma' pajjiżi tal-Mediterran li mhumiex membri. L-ammont inkluż hawnhekk huwa d-differenza bejn l-ammont totali tal-protokolli ffirmiti u l-ammont tal-impenji tal-baġit imdaħħla fil-kontijiet. Dawn il-protokolli huma trattati internazzjonali li ma jistgħux jiġu stralċati mingħajr il-qbil taż-żewġ partijiet, għad li l-proċess ta' stralċ huwa għaddej il-ħin kollu.

### **Ftehimiet dwar sajd**

Dawn huma impenji li saru ma' pajjiżi terzi għal operazzjonijiet skont il-ftehimiet internazzjonali dwar is-sajd.

### **Programm Galileo**

Dawn huma ammonti impenjati għall-programm Galileo li jiżviluppa Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni Globali bis-Satellita – ara wkoll in-nota **2.2**.

### **Programm GMES**

Il-Kummissjoni daħlet f-kuntratt mal-ESA għall-perjodu mill-20008 sal-2013 għall-implimentazzjoni tal-komponent tal-ispazju tal-Monitoraġġ Globali tal-Ambjent u s-Sigurtà (GMES). L-ammont totali indikattiv għal dak il-perjodu huwa ta' EUR 728 miljun.

### **Impenji TEN-T**

Dan l-ammont huwa relatat ma' għotjiet fil-qasam tan-netwerk tat-trasport trans-Ewropew (TEN-T) għall-perjodu 2007 - 2013. Il-programm jaġplika għal proġetti identifikati għall-iż-żvilupp ta' netwerk tat-trasport trans-Ewropew biex jappoġġja proġetti tal-infrastruttura kif ukoll proġetti ta' riċerka u innovazzjoni biex titrawwem l-integrazzjoni ta' teknoloġiji ġodda u proċessi innovattivi fuq l-iskjerament ta' infrastruttura ġidha tat-trasport. L-ammont totali indikattiv għal dan il-programm huwa ta' EUR 8 013 miljun.

### **Impenji kuntrattwali oħrajn**

L-ammonti inklużi f'din id-divulgazzjoni jikkorrispondu għall-ammonti impenjati sabiex jitħallsu matul it-terminu tal-kuntratti. L-ikbar ammont inkluż hawnhekk huwa ta' EUR 2 572 miljun relatati ma' arranġamenti tal-akkwisti tal-Агентија Fużjoni għall-Enerġija fil-kuntest tal-proġett ITER. L-iktar ammont sinifikanti ta' wara dan huwa ta' EUR 438 miljun relatati mal-kuntratti tal-bini tal-Parlament.

## **6. KORREZZJONIJIET FINANZJARJI U RKUPRI**

### **6.1 INTRODUZZJONI**

Din in-nota tipprovd ħarsa ġenerali lejn il-korrezzjoni tal-iż-żbalji u l-irregolaritajiet identifikati, b'mod partikolari f'dik il-parti tal-baġit tal-UE li hija implementata taħt il-modalità tal-ġestjoni kondiviża (jiġifieri madwar 80% tal-baġit totali). Taħt il-ġestjoni kondiviża, il-Kummissjoni tħalli fidejn l-Istati Membri għall-implimentazzjoni tal-programm tal-UE, jiġifieri l-kontribuzzjoni tal-UE hija mħallsa lill-Istati Membri, ġenerallment lil aġenzija ta' ħlas spċċifika, li mbagħad tkun responsabbi mill-pagamenti li jitħallsu lill-benefiċjarji. Konsegwentement, l-Istati Membri huma dawk primarjament responsabbi għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' żbalji u irregolaritajiet imwettqa mill-benefiċjarji, filwaqt li l-Kummissjoni Ewropea tieħu rwol ta' superviżjoni ġenerali (jiġifieri tivverifika l-funzjonament effettiv tas-sistemi ta' ġestjoni u kontroll tal-Istati Membri).

Din in-nota tkopri biss korrezzjoni finanzjarji u rkupri li saru fil-livell tal-UE. Il-korrezzjoni li saru mill-Istati Membri wara l-awditjar propriu tagħhom mhumiex irreġistrati fis-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni għaliex fħafna mill-każżejjiet l-Istati Membri jistgħu jerġġu jużaw dawn l-ammonti għal nefqa eliġibbi oħra. Madankollu, l-Istati Membri huma mitluba jipprovd u l-kontribuzzjoni b'informazzjoni aġġornata dwar l-irtirar, l-irkupri u l-irkupri pendent ta' Fondi strutturali, u sabiex jidher kien b'mod separat il-korrezzjoni tal-UE fir-rapportar relatax mal-perjodu 2007-2013 biex jevitaw riskju ta' sovrap-pożizzjoni. Madankollu, din l-informazzjoni mhijiex iddivulgata hawn taħt għal raġunijiet ta' affidabilità peress li għad hemm dubji dwar il-kwalitā u l-kompletezza tad-dejta pperzentata minn xi Stati Membri u/jew għal xi programmi, kif ġie identifikat mis-sejbiet preliminari tal-UE fuq l-irkupri mwettqa fl-Istati Membri.

### 6.1.1 Korrezzjonijiet finanzjarji

Il-korrezzjonijiet finanzjarji huma l-għodda ewlenija użata għall-korrezzjoni tal-iżbalji u l-irregolaritajiet fil-kuntest ta' ġestjoni kondiviża. Il-korrezzjonijiet finanzjarji jsiru mill-Kummissjoni Ewropea sabiex tiġi eskużha nefqa mill-finanzjament tal-UE li mhijiex konformi mar-regoli u r-regolamenti applikabbli. Il-korrezzjonijiet finanzjarji jistgħu jiġu applikati wkoll wara l-identifikazzjoni ta' nuqqasijiet serji fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istat Membri. L-ġhan finali ta' dan il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni huwa li jiżgura li n-nefqa kollha ddikjarata mill-Istat Membru (jiġifieri dik li fuq il-bażi tagħha titħallas il-kontribuzzjoni tal-UE) hija regolari. Il-ħruġ ta' ordni ta' rkupru mill-Kummissjoni sabiex jiġu rkuprati ammonti li ma kellhomx jitħallsu huwa biss wieħed mill-metodi tal-implementazzjoni tal-korrezzjonijiet tal-finanzjament.

L-ipproċessar ta' korrezzjonijiet finanzjarji jsegti dawn it-tliet passi ewlenin:

#### (1) Korrezzjonijiet finanzjarji li għadhom għaddejjin:

L-istima ta' dan l-ammont hija stabbilita kif ġej:

- Għall-**Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali**, l-ammont ta' korrezzjonijiet finanzjarji li għaddejjin huwa bbażat fuq stima tal-ammont ta' nefqa li aktarx li tkun eskużha mill-finanzjament tal-UE permezz ta' deċiżjonijiet ta' konformità futuri. Peress li l-korrezzjonijiet tal-FAEG jiġu deċiżi għal kull sena finanzjarja tan-nefqa, huwa possibbli li tiġi kkalkolata l-medja ta' korrezzjonijiet finanzjarji għal kull sena finanzjarja magħluqa, u li dan il-perċentwal jiġi estrapolat għal snin finanzjarji iktar riċenti li għadhom għaddejjin kontrolli fuqhom. L-affidabilità ta' dan il-metodu hija vvalutata l-ħin kollu billi jitqabel l-ammont stmat mar-riżultati tal-awditjar ta' konformità mwettaq fis-snin ikkonċernati.
- Għall-**Politika ta' Koeżjoni**, l-ammont iddivulgat fil-korrezzjonijiet finanzjarji **li għadhom għaddejjin** huwa bbażat fuq is-sejbiet tal-awditjar tal-Kummissjoni u dawk tal-Qorti tal-Audituri jew l-OLAF, li kollha kemm huma huma segwiti mid-Direttorat Ġenerali relevanti permezz ta' proċeduri kontradittorji li ma jaqtgħux mal-Istat Membri kkonċernati. Din hija l-aħjar stima u hija wħda prudenti, hekk kif tieħu fkunsiderazzjoni l-qagħda attwali tas-segwitu tal-awditjar u l-ħruġ ta' ittri tal-pożizzjoni finali jew ittri ta' qabel is-sospensjoni fil-31 ta' Diċembru 2011 Dan l-ammont żgur li ser ikun soġġett għal bidla wara l-proċeduri kontradittorji, li matulhom l-Istat Membri jingħataw l-opportunità li jippreżentaw iktar evidenza biex jappoġġjaw il-pretensjonijiet tagħhom.

#### (2) Korrezzjoni finanzjarja deciżja/ikkonfermata:

L-ammont tal-korrezzjoni finanzjarja huwa stabbilit b'ċertezza u huwa definitiv, jew “**deciżiż**” permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni, jew “**ikkonfermat**” (jiġifieri aċċettat) mill-Istat Membri. Fil-qasam tal-**Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali** għall-perjodu 2007-2013, il-FAEG (jiġifieri l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija għall-Iżvilupp Rurali) ħadu post il-FAEG (jiġifieri l-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija 2000-2006). Id-deċiżjonijiet tal-korrezzjonijiet finanzjarji jitnedew l-iktar bħala konsegwenza tal-verifikasi tan-nefqa ddikjarata mill-Istat Membri li hija soġġetta għal proċeduri ta' approvazzjoni tal-kontijiet li ġejjin:

- Deċiżjoni annwali ta' approvazzjoni finanzjarja hija adottata mill-Kummissjoni sabiex taċċetta b'mod formali l-kontijiet annwali tal-aġenzi ta' ħlas fuq il-bażi ta' verifikasi u ċertifikazzjoni jiet tal-ġestjoni, li tinkludi wkoll deċiżjoni ta' approvazzjoni finanzjarja għan-nuqqas ta' rispett tad-dati ta' skadenza għall-ħlas. B'hekk jistgħu jiġi stabbiliti korrezzjonijiet finanzjarji għall-pagamenti li ma jirrispettawx dati ta' skadenza legali jew regolatorji;
- Deċiżjoni ta' approvazzjoni tal-konformità multiannwali hija adottata mill-Kummissjoni dwar il-konformità tan-nefqa ddikjarata mill-Istat Membri mar-regoli u r-regolamenti applikabbli tal-UE.

Fil-qasam tal-**Politika ta' Koeżjoni**, il-korrezzjonijiet finanzjarji deċiżi/ikkonfermati huma konsegwenza ta' kontrolli u awditjar tal-UE mill-Kummissjoni, il-Qorti Ewropea tal-Audituri jew l-OLAF.

(3) Korrezzjonijiet finanzjarji **implementati**:

Fil-każ tal-FAEG, il-korrezzjonijiet finanzjarji dejjem jiġu **implementati** permezz tat-tnaqqis fid-dikjarazzjonijiet ta' kull xahar. Għall-**Iżvilupp Rurali**, il-korrezzjonijiet finanzjarji huma implementati mill-ħruġ ta' ordnijiet ta' rkupru.

Il-korrezzjonijiet finanzjarji għall-**Politika ta' Koeżjoni** huma **implementati** kif ġej:

- (a) jekk l-Istat Membru ma jaqbilx mal-korrezzjoni meħtieġa jew mal-proposta mill-Kummissjoni, wara proċedura kontraditorja formali mal-Istat Membru li tinkludi s-sospensijni tal-pagamenti għall-programm; f'dan il-każ, il-Kummissjoni għandha tliet xhur mid-data tas-smiġ formal i-l-Istat Membru (sitt xhur għall-programmi tal-2007-2013) sabiex tadotta deċiżjoni formal ta' korrezzjoni finanzjarja u toħroġ **ordni ta' rkupru** sabiex tikseb ħlas lura mill-Istat Membru. Dawn il-każi jwasslu għal tnaqqis nett tal-kontribuzzjoni tal-UE għal programm operattiv speċifiku li huwa affettwat mill-korrezzjoni finanzjarja (l-ebda possibbiltà għall-Istat Membru sabiex juża mill-ġdid l-ammont ikkoreġut għal operazzjonijiet eliġibbli oħra);
- (b) jekk il-korrezzjoni tīgi aċċettata, l-Istat Membru jnaqqas (jiġbed) dan l-ammont minn pretensjoni ta' pagament sussegwenti lill-Kummissjoni, qabel ma jintemmu l-proċeduri ta' rkupru fuq livell nazzjonali (**għbid**), jew ladarba jintemmu l-proċeduri ta' rkupru fuq livelli nazzjonali u l-ammonti jiġu rkuprati b'mod effettiv mill-benefiċjarju (**irkupru fuq livell nazzjonali**); f-iż-żewġ każżejjiet (għid jew irkupru fuq livell nazzjonali mnaqqas mill-Istat Membru minn pretensjoni ta' pagament sussegwenti), is-sostituzzjoni tan-nefqa irregolarji bin-nefqa eliġibbli l-oħra tista' ssir skont ir-regolamenti applikabbli u tista' terġa tintuża għal operazzjonijiet eliġibbli oħra, li ġarrbu nefqa regolari. F'dawn il-każi mhemm ix-impatt fil-kontijiet tal-Kummissjoni, minħabba li ma jitnaqqas il-livell ta' finanzjament tal-UE għal programm speċifiku. Għaldaqstant, l-interessi finanzjarji tal-UE huma protetti kontra irregolaritajiet u frodi. Il-validazzjoni tal-ordni ta' rkupru jew tat-talba għall-pagament, skont il-każ, mill-uffiċċjal awtorizzanti fis-sistema tal-kontabbiltà hija pass neċessità sabiex tīgi stabilita l-implementazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji. Fil-każ ta' ordni ta' rkupru, l-implementazzjoni hija rikonoxxuta fil-ħruġ u qabel it-tisrif peress li l-ordnijiet ta' rkupru li jikkonċernaw korrezzjonijiet finanzjarji jinhā kontra Stati Membri, u dejjem jitħallsu qabel jew fid-data meta jkunu dovuti, jew ikkumpensati b'pagamenti sussegwenti.
- (c) Fl-għeluq tal-programm meta l-ebda użu mill-ġdid tal-fondi mill-Istat Membru ma jkun possibbli, l-ammont tal-korrezzjoni finanzjarja jew jitnaqqas mill-pretensjoni tal-ispiżja finali sottomessa mill-Istat Membru jew jiġi **diżimpenjat** mill-Kummissjoni.

#### 6.1.2 **Irkupri**

L-irkupru ta' ammonti huwa mezz ta' implementazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji li jistħoqqilhom divulgazzjoni separata minħabba li jikkonċernaw redditu attwali lura ta' flus fil-baġit (jew tpaċċija).

Skont ir-Regolament Finanzjarju, l-ordnijiet ta' rkupru għandhom jiġu stabiliti mill-uffiċċjal awtorizzanti għall-ammonti li ma kellhomx jitħallsu. Imbagħad, l-irkupri huma implementati permezz ta' trasferiment bankarju dirett mid-debitur (eż. Stat Membru) jew permezz ta' tpaċċija ma' ammonti oħra li l-Kummissjoni għandha tagħti lill-Istat Membru. Ir-Regolament Finanzjarju jipprevedi proċeduri addizzjonali sabiex jiżgura l-ġbir tal-ordnijiet ta' rkupru dovuti, li huma soġġetti għal segwit u speċifiku mill-Ufficijal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Fil-qasam tal-**Agrikoltura**, l-Istati Membri huma obbligati jidentifikaw l-iż-żbalji u l-irregolaritajiet u jridu jirkupraw l-ammonti mhalla bi żball skont ir-regoli u l-proċeduri nazzjonali. Għall-FAEG, l-ammonti rkuprati mill-benefiċjarji huma kkreditati lill-Kummissjoni, wara t-tnaqqis ta' 20% (bħala medja) applikat mill-Istati Membri, li jirregi strawhom bħala dħul fil-kont tal-eżitu ekonomiku. Għall-FAEŻR, l-irkupri jitnaqqus mill-pretensjoni tal-pagament li jmiss qabel ma tintbagħha lis-servizzi tal-Kummissjoni, u għaldaqstant, l-ammont relevanti jista' jerġa' tintuża għall-programm. Jekk Stat Membru ma jiftix li jikseb l-irkupru jew ma jkunx diliġenti fl-azzjonijiet tiegħu, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tintervjeni u timponi korrezzjoni finanzjarja fuq l-Istat Membru kkonċernat.

Fil-qasam tal-**Politika ta' Koeżjoni**, l-Istati Membri (u mhux il-Kummissjoni) huma primarjament responsabbli mill-irkupru, mingħand il-benefiċjarji, tal-ammonti li tħallu bi żball li żdiedu, fejn applikabbli, b'imħax fuq ħlas tard. L-ammonti rkuprati mill-Istati Membri mhumiex iddivulgati f'din in-nota, li

tippreżenta biss l-irkupri stabbiliti mill-Kummissjoni. Għall-perjodu tal-2007-2013, l-Istati Membri huma legalment meħtieġa jipprovdū lill-Kummissjoni b'deja ċara u strutturata dwar l-ammonti miġbuda mill-kofinanzjament qabel ma jintemm il-proċess nazzjonali ta' rkupru u qabel ma l-ammonti jiġu rkuprati b'mod effettiv mill-benefiċjarji fuq livell nazzjonali.

#### 6.1.3 *Sospensjonijiet u interruzzjonijiet tal-pagamenti*

Skont il-leġiżlazzjoni tas-settur, il-Kummissjoni tista' wkoll:

- **tinterrompi** d-data ta' skadenza għall-pagament għal perjodu massimu ta' 6 xhur għall-programmi tal-2007-2013 jekk:
  - (a) Hemm evidenza ta' nuqqas sinifikanti fil-funzjonament tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-Istat Membru kkonċernat;
  - (b) Is-servizzi tal-Kummissjoni jridu jwettqu verifikasi addizzjonali wara l-informazzjoni li nefqa f'dikjarazzjoni ċċertifikata tan-nefqa hija marbuta ma' irregolarità serja li ma ġietx ikkoreġuta.
- **tissospendi** l-ħlas interim kollu jew parti minnu għal Stat Membru kemm għall-programmi tal-2000-2006 kif ukoll tal-2007-2013 fit-tliet każijiet li ġejjin:
  - (a) Hemm evidenza ta' nuqqas serju fis-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-programm u l-Istat Membru ma ħax il-miżuri korrettivi meħtieġa; jew
  - (b) Nefqa f'dikjarazzjoni ċċertifikata tan-nefqa hija marbuta ma' irregolarità serja li ma ġietx ikkoreġuta; jew
  - (c) Hemm ksur serju minn Stat Membru tal-obbligi ta' ġestjoni u ta' kontroll tiegħu.

Fejn ma jittiħdux il-miżuri meħtieġa mill-Istat Membru, il-Kummissjoni tista' timponi korrezzjoni finanzjarja.

#### 6.1.4 *Tipi oħrajn ta' ġestjoni*

Rigward il-parti tal-baġit tal-UE li hija mmexxija bil-metodu ta' ġestjoni diretta, in-nefqa li mhijiex konformi mar-regoli u r-regolamenti applikabbli hija jew is-suġġett għal ordni ta' rkupru stabbilit mill-Kummissjoni jew titnaqqas mid-dikjarazzjoni tal-ispipa sussegwenti. Jekk it-tnaqqis isir direttament mill-benefiċjarju fid-dikjarazzjoni tal-ispipa, l-informazzjoni ma tistax tiġi rreġistrata fis-sistema ta' kontabbiltà tal-Kummissjoni. L-irkupru tal-ammonti mħallsa bi żball fil-metodi ta' ġestjoni deċentralizzati u ċentralizzati indiretti huwa r-repsonsabbiltà tal-Istati Membri, il-pajjiżi terzi jew l-aġenzi. Il-modalità ta' ġestjoni konġunta tapplika wkoll l-għodod korrettivi li huma definiti fil-ftehimiet konklużi ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

Kun af li c-ċifri kollha huma mqarba għall-eqreb miljun ta' Euro. Għandu jingħad ukoll li minħabba tqarrib taċ-ċifri, xi totali ta' ċifri finanzjarji fit-tabelli jistgħu ma jaqblux. L-ammonti murija bħala 0 jirrapp-reżentaw ċifri ta' inqas minn EUR 500 000. L-ammonti li jammontaw għal żero jintwerew bħala linja (-).

### 6.2 TABELLI TA' SINTEŻI

#### Korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri deċiżi/ikkonfermati fl-2011

	Nota	2011	2010	EUR miljuni
<b>Korrezzjonijiet finanzjarji:</b>				
Agrikoltura u Żvilupp Rurali	6.3.1	733	1 128	
Politika ta' Koeżjoni	6.4.1	673	925	
Oħrajn	6.5	0	0	
<b>Subtotal tal-Korrezzjonijiet Finanzjarji</b>		<b>1 406</b>	<b>2 053</b>	
<b>Irkupri</b>				
Agrikoltura u Żvilupp Rurali	6.3.1	335	292	
Politika ta' Koeżjoni	6.4.4	50	24	

	Nota	2011	2010	EUR miljuni
Oħrajn	6.5	377	301	
<b>Subtotal tal-Irkupri</b>		<b>762</b>	<b>617</b>	
<b>Total deċiżi/ikkonfermati fl-2011</b>		<b>2 168</b>	<b>2 670</b>	

**Korrezjonijiet finanzjarji u rkupri implementati fl-2011**

	Nota	2011	2010	EUR miljuni
<b>Korrezjonijiet finanzjarji:</b>				
Agrikultura u Żvilupp Rurali	6.3.2	483	814	
Politika ta' Koeżjoni	6.4.2	624	737	
Oħrajn	6.5	0	0	
<b>Subtotal tal-Korrezjonijiet Finanzjarji</b>		<b>1 107</b>	<b>1 551</b>	
<b>Irkupri</b>				
Agrikultura u Żvilupp Rurali	6.3.2	339	286	
Politika ta' Koeżjoni	6.4.4	48	25	
Oħrajn	6.5	346	274	
<b>Subtotal tal-Irkupri</b>		<b>733</b>	<b>585</b>	
<b>Total implementati fl-2011</b>		<b>1 840</b>	<b>2 136</b>	

**6.3 KORREZZJONIJIET FINANZJARJI U RKUPRI fl-AGRIKULTURA U L-İZVILUPP RURALI****6.3.1 Korrezjonijiet finanzjarji u rkupri deċiżi fl-2011**

	2011	2010	EUR miljuni
<b>FAEG:</b>			
Approvazzjoni finanzjarja u skadenzi għall-ħlas mhux rispettati	(63)	33	
Approvazzjoni tal-konformità	728	1 022	
<b>Żvilupp Rurali:</b>			
STŻR 2000-2006	3	49	
SAPARD 2000-2006	6	3	
FAEŻR 2007-2013	58	20	
<b>Subtotal tal-korrezjonijiet finanzjarji</b>	<b>733</b>	<b>1 128</b>	
<b>FAEG:</b>			
FAEG - irregolaritajiet	174	178	
<b>Żvilupp Rurali:</b>			
STŻR - irkupri	8	10	
SAPARD - irkupri	30	5	
FAEŻR - irregolaritajiet	123	98	
<b>Subtotal tal-irkupri</b>	<b>335</b>	<b>292</b>	
<b>Total</b>	<b>1 068</b>	<b>1 420</b>	

L-analiżi tal-ammonti tal-FAEG għal kull Stat Membru hija murija fl-Anness 1.

L-ammonti kollha ta' hawn fuq huma inklużi fil-kont tal-eżitu ekonomiku tal-Kummissjoni.

It-tnaqqis fil-proċeduri ta' approvazzjoni tal-konformità fl-2011 isegwi żieda preċedenti bejn l-2009 u l-2010. Il-figura tal-2010 kienet għolja b'mod eċċeżżjonali peress li l-proċeduri deċiżi fis-sena kien jinkludu proċedura ta' approvazzjoni kbira mhux eżegwita ta' EUR 471 miljun li ġiet adottata qabel tmiem is-sena, u eżegwita fl-2011. L-ammonti ta' proċeduri deċiżi għall-2011 issa jilħqu livelli paragunabbi mal-2009 u qabel.

L-ammont negattiv ta' approvazzjoni finanzjarja ta' EUR 63 miljun jirrappreżenta ammonti mhalla lil ċerti Stati Membri (l-iktar l-Italja u r-Renju Unit) li qabżu ammonti li għandhom jiġu rkuprati għas-sena.

Ta' min jinnota li l-ammonti rrapporati għall-Iżvilupp Rurali fil-korrezżjonijiet finanzjarji deċiżi/ikkonfermati, kif ukoll il-korrezżjonijiet finanzjarji ta' hawn taħt, jinkludu wkoll irkpri ta' irregolaritajiet għal EUR 0.2 miljun fl-2011 (2010: EUR 3 miljuni). Dawn l-ammonti jirrappreżentaw is-somom miġburin mill-Kummissjoni Ewropea wara l-irkupru ta' pagamenti mhux dovuti li saru mill-Istati Membri.

#### **6.3.2 Korrezżjonijiet finanzjarji u rkupri implementati fl-2011**

	2011	2010	EUR miljuni
<b>FAEG:</b>			
Approvazzjoni finanzjarja u skadenzi għall-ħlas mhux rispettati	(63)	33	
Approvazzjoni tal-konformità	506	728	
<b>Żvilupp Rurali:</b>			
STŻR 2000-2006	3	49	
SAPARD 2000-2006	6	3	
FAEŻR 2007-2013	31	0	
<b>Subtotal tal-korrezżjonijiet finanzjarji</b>	<b>483</b>	<b>814</b>	
<b>FAEG:</b>			
FAEG - irregolaritajiet	178	172	
<b>Żvilupp Rurali:</b>			
STŻR - irkpri	8	10	
SAPARD - irkpri	30	5	
FAEŻR - irregolaritajiet	123	98	
<b>Subtotal tal-irkupri</b>	<b>339</b>	<b>286</b>	
<b>Total</b>	<b>822</b>	<b>1 101</b>	

L-analiżi tal-ammonti tal-FAEG għal kull Stat Membru hija ddivulgata fl-Anness 2.

#### **6.3.3 Korrezżjonijiet finanzjarji – ċifri kumulattivi**

##### **Korrezżjonijiet finanzjarji tal-FAEG deċiżi – ċifri kumulattivi 1999 - 2011**

	Fi tmiem l- 2011	Fi tmiem l- 2010	EUR miljuni
<b>Proċeduri ta' approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG</b>	7 717	7 035	

L-analiżi tal-ammont akkumulat ta' approvazzjoni tal-FAEG għal kull Stat Membru hija ddivulgata fl-Anness 3.

Iċ-ċifri kumulattivi għall-2011 jikkorrispondu għall-ammonti skont id-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni tal-konformità Nru. 1 san-Nru. 36 meħuda għall-15 ta' Ottubru 2011, peress li dan il-jum jimmarka tmiem is-sena finanzjarja tal-FAEG. L-ammonti deċiżi fis-sena kalendarja 2011 jikkorrispondu għal EUR 728 miljun (ara n-nota **6.3.1**), u jinkludu EUR 682 miljun bħala l-ammont deċiżi fis-sena finanzjarja 2011, li jikkorrispondi għall-varjazzjoni bejn iċ-ċifri kumulattivi fi tmiem l-2011 u ċ-ċifri kumulattivi fi tmiem l-2010 tat-tabella ta' iktar 'il fuq.

Ta' min jinnota li d-deċiżjonijiet kollha ta' approvazzjoni tal-konformità ttieħdu b'mod formal permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni filwaqt li d-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni finanzjarja ġeneralment jieħdu iktar żmien biex jiproċed u sejrin iħallu impatt fuq is-snин li ġejjin.

#### Korrezzjonijiet tal-Iżvilupp Rurali deċiżi – ċifra kumulattiva 2000 - 2011

	Sa tmiem l-2011	Sa tmiem l-2010	EUR miljuni
<b>Korrezzjonijiet finanzjarji tal-Iżvilupp Rurali:</b>			
STŻR 2000-2006	64	61	
SAPARD 2000-2006	24	17	
FAEŻR 2007-2013	79	21	
<b>Total</b>	<b>167</b>	<b>98</b>	

#### 6.3.4 Korrezzjonijiet finanzjarji u rkupri li għaddejjin bħalissa

##### Korrezzjonijiet finanzjarji li għaddejjin bħalissa

	Korrezzj-onijiet finanzjarji li għaddejjin fil-31.12.2010	Korrezzj-onijiet finanzjarji ġodda li għaddejjin fl-2011	Korrezzj-onijiet finanzjarji deċiżi fl-2011	Aġġusta-menti fil-korrezzjoni finanzjarji deċiżi jew li għaddejjin fil-31.12.2010	Korrezzj-onijiet finanzjarji li għaddejjin fil-31.12.2011	EUR miljuni
<b>FAEG:</b>						
FAEG – konformità futura u deċiżjonijiet finanzjarji	2 288	573	(665)	8	2 204	
<b>Żvilupp Rurali:</b>						
STŻR 2000-2006	7	29	(3)	1	34	
SAPARD 2000-2006	68	36	(6)	(20)	77	
FAEŻR 2007-2013	123	179	(58)	261	505	
<b>Total ta' korrezzjonijiet finanzjarji li għaddejjin</b>	<b>2 486</b>	<b>818</b>	<b>(732)</b>	<b>250</b>	<b>2 821</b>	

L-ammont ta' korrezzjonijiet finanzjarji tal-FAEG li għaddejjin fi tmiem l-2011 juri l-konsolidazzjoni tal-metodu ta' stima għad-deċiżjonijiet dwar il-konformità fil-futur.

Il-programmi SAPARD u STŻR deħlin fil-fażi tal-għeluq u dan jispjega t-tnaqqis fl-ammont ta' korrezzjonijiet finanzjarji li għaddejjin.

Dwar il-FAEŻR, iż-żieda hija spiegata l-iktar minn bidla fil-metodu ta' stima. Sas-sena l-oħra, il-metodu ta' estrapolazzjoni użat kien ibbażat fuq dejta storika, jiġifieri każijiet reali miftuħin għall-FAEG 2000-06. Imbagħad din l-istima tqabblet mal-livell ta' każijiet reali miftuħin għall-ewwel snin tal-programmi tal-FAEŻR. Madankollu, is-sena l-oħra dan il-metodu wera li jagħti ammonti iktar baxxi minn dawk li fil-fatt huma kostitwiti miex każijiet miftuħin. Għaldaqstant, il-metodu ta' estrapolazzjoni ġie adattat u allinjat għal-dak tal-FAEG peress li, fil-verità, iż-żewġ fondi jikkondividu l-istess proċess ta' approvazzjoni. Issa l-ammonti rapportati li għaddejjin jagħtu dehra iktar realistika fuq il-korrezzjonijiet finanzjarji futuri.

### Irkupri li għaddejjin

	Korrezzj-onijiet finanzjarji li għaddejjin fil-31.12.2010	Korrezzj-onijiet finanzjarji ġodda li għaddejjin fl-2011	Korrezzj-onijiet finanzjarji deċiżi fl-2011	Aġġusta-menti fil-korrezzjoni jiet finanzjarji deċiżi jew li għaddejjin fil-31.12.2010	Irkupri li għad-dejin fil-31.12.2011
<b>FAEG:</b>					
FAEG - irregolaritajiet	323	199	(174)	(95)	253
<b>Żvilupp Rurali:</b>					
STŻR 2000-2006	7	6	(8)	7	12
SAPARD 2000-2006	94	6	(30)	(19)	50
FAEŻR 2007-2013	22	65	(123)	81	45
<b>Total ta' rkupri li għaddejjin</b>	<b>446</b>	<b>275</b>	<b>(335)</b>	<b>(26)</b>	<b>360</b>

### 6.4 KORREZZJONIJIET FINANZJARJI U RKUPRI FIL-POLITIKA TA' KOEŻJONI

#### 6.4.1 Korrezzjonijiet finanzjarji deċiżi/ikkonfermati fl-2011

##### Korrezzjonijiet finanzjarji deċiżi/ikkonfermati fl-2011 skont il-perjodu ta' programmazzjoni

	2011	2010	EUR miljuni
<b>Politika ta' Koeżjoni (ħidma tal-UE)</b>			
— Programmi 1994-1999	13	136	
— Programmi 2000-2006	440	788	
— Programmi 2007-2013	220	2	
<b>Total</b>	<b>673</b>	<b>925</b>	

L-analiżi ta' dawn l-ammonti għal kull Stat Membru hija ddivulgata fl-Anness 4.

Dwar il-perjodu ta' programmazzjoni 1994-99, ftit li xejn korrezzjonijiet finanzjarji ġew irrapportati fl-2011 peress li l-maġġoranza l-kbira huma magħluqin. Fil-futur, din iċ-ċifra sejra tkompli tonqos. Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2000-06, il-korrezzjonijiet finanzjarji huma rrapportati u kkonfermati matul il-proċess tal-għeluq li għaddej. Madankollu, għadu jsir awditjar anki fuq il-programmi magħluqin. Iż-żieda fl-ammont ta' korrezzjonijiet finanzjarji deċiżi/ikkonfermati għall-perjodu ta' rapportar 2007-13 meta mqabblin mas-sena l-oħra hija mistennija li tkompli fis-snin li ġejjin, minħabba awditjar li għaddej fuq il-post.

**Korrezzionijiet finanzjarji deċiżi/ikkonfermati fl-2011 u l-implementazzjoni tagħhom fl-2011**

	FEŻR	CF	FSE	SFGS/FES (l)	Gwida tal-FAEGG	EUR miljuni Total
Korrezzionijiet Finanzjarji 1994-1999:						
Implimentati permezz ta' diżimpenn/ tnaqqis fl-għeluq	6	—	—	—	—	6
Implimentati permezz ta' ordni ta' rkupru	2	—	1	0	1	4
Għadhom mhumiex implimentati	3	—	—	—	—	3
<b>Subtotal tal-perjodu 1994-1999</b>	<b>11</b>	<b>—</b>	<b>1</b>	<b>0</b>	<b>1</b>	<b>13</b>
Korrezzionijiet Finanzjarji 2000-2006:						
Implimentati permezz ta' diżimpenn/ tnaqqis fl-għeluq	217	72	8	0	0	297
Implimentati mill-Istati Membri	(10)	4	—	—	—	(6)
Implimentati permezz ta' ordni ta' rkupru	5	3	—	—	0	8
Għadhom mhumiex implimentati	199	(62)	0	3	—	140
<b>Subtotal tal-perjodu 2000-2006</b>	<b>411</b>	<b>17</b>	<b>9</b>	<b>3</b>	<b>0</b>	<b>440</b>
Korrezzionijiet Finanzjarji 2007-2013:						
Implimentati permezz ta' diżimpenn/ tnaqqis fl-għeluq	—	—	—	—	—	0
Implimentati mill-Istati Membri	2	—	158	—	—	160
Implimentati permezz ta' ordni ta' rkupru	—	—	—	—	—	0
Għadhom mhumiex implimentati	0	—	59	—	—	59
<b>Subtotal tal-perjodu 2007-2013</b>	<b>3</b>	<b>—</b>	<b>218</b>	<b>—</b>	<b>—</b>	<b>220</b>
<b>Total ta' korrezzionijiet finanzjarji deċiżi/ ikkonfermati fl-2011</b>	<b>424</b>	<b>17</b>	<b>227</b>	<b>3</b>	<b>1</b>	<b>673</b>
<b>Total ta' korrezzionijiet finanzjarji deċiżi/ ikkonfermati fl-2010</b>	<b>494</b>	<b>258</b>	<b>49</b>	<b>91</b>	<b>33</b>	<b>925</b>

(l) FES: il-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) sostitwit mill-Instrument Finanzjarju għall-Gwida tas-Sajd (SFGS) għall-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013.

Mill-ammont totali ta' EUR 673 miljun ikkonfermati fl-2011, EUR 233 miljun jinkludu ammonti kkonfermati fi snin preċedenti iżda li ma ġewx irrapportati qabel, kif ukoll aġġustament fuq ammonti rrapporati qabel. Min-naħa, dan huwa dovut għall-għamla estrakontrabilistika tal-ġestjoni tal-fajl tal-korrezzionijiet finanzjarji, li jagħmilha possibbli sabiex il-każjiet il-ġoddha jiġu rrapporati iktar tard, u fuq in-naħa l-oħra, għall-każjiet meta l-ammont finali ta' korrezzjoni finanzjarja imposta matul il-programm operazzjonali jkun magħruf biss fl-għeluq.

L-ammont ta' korrezzjonijiet finanzjarji deċiżi/ikkonfermati fis-sena u implementati permezz tal-ħruġ ta' ordni ta' rkupru mill-Kummissjoni (jiġifieri flus imroddija lura lill-Kummissjoni) huwa ta' EUR 12-il miljun, EUR 4 miljuni għall-perjodu 1994-99, u EUR 8 miljuni għall-perjodu 2000-06 (2010: EUR 158 miljun). Ta' min jinnota li l-implementazzjoni permezz ta' ordni ta' rkupru tirrappreżenta biss ammont limitat tal-korrezzjonijiet finanzjarji totali (jiġifieri inqas minn 3% tal-ammont implementat fl-2011) peress li l-leġiż-lazzjoni settorjali applikabbli tipprevedi l-possibilità li l-Istati Membri jaċċettaw il-korrezzjoni finanzjarja proposta mill-Kummissjoni u mbagħad sabiex in-nefqa irregolari jittiħdilha postha minn waħda regolari matul l-implementazzjoni tal-programm (iżda fl-għeluq ma għadux iktar possibbli li l-Istat Membru jippreżenta nefqa oħra biex tieħu post waħda irregolari) - b-hekk dan ifisser li ma hemm bżonn tinħareġ ebda ordni ta' rkupru mill-Kummissjoni. L-ordnijiet ta' rkupru jinħarġu biss mill-Kummissjoni fil-każijiet fejn l-Istat Membru jiċċad il-korrezzjoni finanzjarja u l-Kummissjoni għandha bżonn tieħu deċiżjoni formal ta' korrezzjoni, jew possibilment fl-istadju tal-għeluq tal-programm meta l-korrezzjoni finanzjarja imposta mill-Kummissjoni tkun oħla mill-ammont mitlub mill-Istat Membru.

Għall-FEŻR, l-ammonti ta' korrezzjoni għall-2011 għadhom jikkonċernaw l-iktar il-programmi 2000-2006, bl-għeluq li għaddej: wara l-analiżi tad-dikjarazzjoni jiet ta' stralċ, fl-2011 ġew ikkonfermati korrezzjonijiet ibbażati fuq l-estrapolazzjoni għal kull programm tar-riskji residwi kkalkolati mill-programm, u l-korrezzjonijiet sejrin ikomplu fl-2012. Il-korrezzjonijiet finanzjarji fl-għeluq jimplikaw tnaqqis nett tal-finanzjament tal-UE (jiġifieri tnaqqis tal-ammonti finali li jridu jitħallsu, jew irkupru ta' ammont jekk l-ammont finali li jrid jitħallas ikun inqas mill-korrezzjoni).

Dwar il-FSE, ħafna mill-ammont tal-korrezzjonijiet finanzjarji deċiżi/ikkonfermati fl-2011 huma relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 2007-13 minħabba n-numru li qiegħed jikber ta' awditjar li jitlesta hekk kif qiegħda tiżidied l-implementazzjoni tal-programmi. Għall-perjodu ta' programmazzjoni 2000-06, is-sostituzzjoni ta' nefqa irregolari ma' waħda regolari mill-Istat Membru ma għadhiex possibbli, madankollu, peress li l-programmi jinstabu fil-fażi tal-għeluq, l-Istati Membri indikaw fid-dokumenti tal-għeluq jekk il-korrezzjonijiet finanzjarji tnaqqsux, u dawn l-ammonti huma rrapportati fit-tabella iktar 'il fuq. Il-korrezzjonijiet finanzjarji deċiżi/ikkonfermati għall-perjodu ta' programmazzjoni 1994-99 huma relatati jew ma' korrezzjonijiet finanzjarji wara deċiżjoni tal-Kummissjoni jew mal-identifikazzjoni mill-Istat Membru ta' irregolaritajiet wara l-għeluq tal-programm operazzjonali li l-Kummissjoni tirkupra billi toħroġ ordni ta' rkupru.

Dwar is-SFGS/FES, l-ammont ta' EUR 3 miljun ta' korrezzjonijiet finanzjarji deċiżi/ikkonfermati jikkonċerna kemm il-proċess tal-għeluq fuq ċerti programmi kif ukoll il-konklużjoni tal-awditjar fuq oħrajn.

Dwar il-Gwida tal-FAEGG, mhux il-programmi kollha huma magħluqin. Il-korrezzjonijiet finanzjarji ser jibqgħu jiġu rrapportati fl-2012 u l-2013, anki jekk l-ammonti kkonċernati huma ferm limitati.

Ta' min jinnota li l-ammonti rrapportati fit-tabelli ta' hawn fuq għall-Fond ta' Gwida tal-FAEGG jinkludu wkoll irkpri ta' irregolaritajiet għal EUR 2 miljun fl-2011 (2010: EUR 3 miljun). Dawn l-ammonti jirrapportaw somom miġburin mill-Kummissjoni Ewropea permezz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill, wara l-irkupru ta' pagament mhux dovut imħallas mill-Istat Membri.

#### 6.4.2 Korrezzjonijiet finanzjarji implementati fl-2011

##### Korrezzjonijiet finanzjarji implementati fl-2011 skont il-perjodu ta' programmazzjoni

	2011	2010	EUR miljuni
<b>Politika ta' Koeżjoni (ħidma tal-UE)</b>			
— Programmi 1994-1999	32	476	
— Programmi 2000-2006	432	259	
— Programmi 2007-2013	160	2	
<b>Total</b>	<b>624</b>	<b>737</b>	

L-analiżi ta' dawn l-ammonti għal kull Stat Membru hija divulgata fl-Anness 5.

Ta' min jinnota li l-ammonti msemmija hawn fuq, speċjalment għall-perjodu ta' programmazzjoni 2000-06, ma jinkludux il-korrezzjonijiet finanzjarji kollha kemm huma li ġew irrapportati mill-Istati Membri fit-talbiet ta' ħlas finali riċevuti mill-Kummissjoni fl-2010, li għadhom fil-proċess li jiġu vvalidati. F'dan l-istadju, il-korrezzjoni finanzjarja hija implementata mill-Istat Membru li jiċċertifika t-tnaqqis tal-ammont tal-korrezzjoni finanzjarja mill-ammont tat-talba ta' ħlas finali. Madankollu, fil-kuntest tal-għeluq tal-programm, il-validazzjoni tat-talba mill-uffiċċjal tal-kontabilità fis-sistema konstabilistika hija soġġetta għal dati ta' skadenza regolatorji itwal qabel ma tkun tista' tīgħi pproċessata bis-sħiħ u jsiru l-pagamenti mill-Kummissjoni. It-talbiet ta' ħlas li daħlu qabel tmiem is-sena 2010 u li kienu għadhom mhux awtorizzati fi tmiem l-2011 jinkludu korrezzjonijiet finanzjarji, madankollu, peress li dawn it-talbiet ta' ħlas mhumiex sejrin jiġu pproċessati qabel l-2012 u s-snin ta' wara, l-ammont tal-korrezzjonijiet finanzjarji implementati ser jiġi rrapporġat wara l-verifikasi tad-dokumenti kollha tal-għeluq u validazzjoni sħiħa tat-tranżazzjonijiet finanzjarji relatati. Il-korrezzjonijiet għall-perjodu ta' programmazzjoni attwali 2007-13 għandhom jiżdiedu iktar fis-snin li ġejjin minħabba l-kontrolli attwali li qed isiru fuq il-post.

**Korrezzjonijiet finanzjarji implementati fl-2011 (deċiżi/ikkonfermati fl-2011 u fis-snin ta' qabel)**

	FEŻR	CF	FSE	SFGS/FES	Gwida tal-FAEGG	EUR miljuni Total 2010
Korrezzjonijiet Finanzjarji perjodu 1994-1999:						
Ikkonfermati fl-2011	8	—	1	0	1	10
Ikkonfermati fis-snin ta' qabel	22	—	0	—	0	22
<b>Subtotal Perjodu 1994-1999</b>	<b>30</b>	<b>—</b>	<b>1</b>	<b>0</b>	<b>1</b>	<b>32</b>
Korrezzjonijiet Finanzjarji 2000-2006:						
Ikkonfermati fl-2011	211	79	0	0	0	291
Ikkonfermati fis-snin ta' qabel	175	35	19	(90)	—	140
<b>Subtotal Perjodu 2000-2006</b>	<b>387</b>	<b>115</b>	<b>19</b>	<b>(90)</b>	<b>0</b>	<b>432</b>
Korrezzjonijiet Finanzjarji 2007-2013:						
Ikkonfermati fl-2011	2	—	157	—	—	160
Ikkonfermati fis-snin ta' qabel	0	—	1	—	—	1
<b>Subtotal Perjodu 2007-2013</b>	<b>2</b>	<b>—</b>	<b>158</b>	<b>—</b>	<b>—</b>	<b>161</b>
<b>Korrezzjonijiet Finanzjarji totali implementati fl-2011</b>	<b>419</b>	<b>115</b>	<b>178</b>	<b>(90)</b>	<b>1</b>	<b>624</b>
<b>Korrezzjonijiet finanzjarji totali implementati fl-2010</b>	<b>542</b>	<b>21</b>	<b>42</b>	<b>90</b>	<b>41</b>	<b>737</b>

Mill-ammont ta' EUR 624 miljun irrapportati bħala korrezzjoni finanzjarja implementata fl-2011, EUR 212 miljun jinkludu ammonti implementati fis-snin ta' qabel iżda li ma ġewx irrapportati qabel, kif ukoll aġġustamentu fuq ammonti rrapporġat qabel, għall-istess raġunijiet spjegati fin-nota **6.4.1**.

**Korrezzjonijiet finanzjarji implementati fl-2011 (skont it-tip ta' implementazzjoni)**

EUR miljuni

	FEŻR	CF	FSE	FIFG/EFF	Gwida tal-FAEGG	TOTAL
Korrezzjonijiet Finanzjarji 1994-99:						
Implementati permezz ta' diżimpenn/tnaqqis fl-għeluq	23	—	—	—	—	23
Implementati permezz ta' ordni ta' rkupru	7	—	1	0	1	9
<b>Subtotal Perjodu 1994-1999</b>	<b>30</b>	—	<b>1</b>	<b>0</b>	<b>1</b>	<b>32</b>
Korrezzjonijiet Finanzjarji 2000-2006:						
Implementati permezz ta' diżimpenn/tnaqqis fl-għeluq	237	94	19	0	0	351
Implementati mill-Istati Membri	142	17	—	(90)	—	69
Implementati permezz ta' ordni ta' rkupru	8	4	—	—	0	12
<b>Subtotal Perjodu 2000-2006</b>	<b>387</b>	<b>115</b>	<b>19</b>	<b>(90)</b>	<b>0</b>	<b>432</b>
Korrezzjonijiet Finanzjarji 2007-2013:						
Implementati permezz ta' diżimpenn/tnaqqis fl-għeluq	—	—	—	—	—	0
Implementati mill-Istati Membri	2	—	158	—	—	160
Implementati permezz ta' ordni ta' rkupru	—	—	—	—	—	0
<b>Subtotal Perjodu 2007-2013</b>	<b>2</b>	—	<b>158</b>	—	—	<b>160</b>
<b>Korrezzjonijiet finanzjarji totali implementati fl-2011</b>	<b>419</b>	<b>115</b>	<b>178</b>	<b>(90)</b>	<b>1</b>	<b>624</b>
<b>Korrezzjonijiet finanzjarji totali implementati fl-2010</b>	<b>542</b>	<b>21</b>	<b>42</b>	<b>90</b>	<b>41</b>	<b>737</b>

L-ammont ta' korrezzjonijiet finanzjarji implementati fis-sena permezz ta' ħruġ ta' ordni ta' rkupru mill-Kummissjoni (jiġifieri flus imroddija lura lill-Kummissjoni) huwa ta' EUR 21 miljun, EUR 9 miljun għall-perjodu 1994-99, u EUR 12-il miljun għall-perjodu 2000-06 (2010: EUR 158 miljun). Għar-raġunijiet mogħtija hawn fuq fin-nota **6.3.1**, l-implementazzjoni permezz ta' ordni ta' rkupru tirrapreżenta biss ammont ferm limitat ta' korrezzjonijiet finanzjarji (jiġifieri 3% tal-ammont implementat fl-2011).

Dwar il-FEŻR, ta' min jinnota li peress li t-talbiet ta' ħlas finali introdotti f'Settembru 2010 għadhom għaddejjin minn proċess ta' awtorizzazzjoni, ma ttiħdux fkunsiderazzjoni fiċ-ċifri tal-implementazzjoni ta' hawn fuq, u dan jispjega għaliex ir-rati ta' implementazzjoni huma relativament iktar kajmana b'65% u 78% għall-FEŻR u għall-Fond ta' Koeżjoni, rispettivament. Kważi l-ammonti kollha li jridu jiġu implementati ġejjin mill-għeluq li għaddej tal-programmi tal-2000-06: EUR 2.1 biljun (minn total pendent ta' EUR 2.2 biljun) huma inklużi fit-talbiet ta' ħlas finali tal-FEŻR/Fond ta' Koeżjoni riċevuti iżda sejrin jiġu rrapportati li huma implementati biss meta l-pagament finali jiġi awtorizzat fix-xhur li ġejjin.

Dwar il-FSE, il-korrezzjonijiet finanzjarji kollha li ġew implementati permezz tal-ħruġ ta' ordni ta' rkupru huma relatati mal-perjodu ta' programmazzjoni 1994-99 peress li l-programmi huma magħluqin. Għall-perjodu 2000-06, il-korrezzjonijiet huma jew identifikati mill-Istat Membru fid-dokumenti tal-għeluq jew inkella identifikati mill-Kummissjoni li mbagħad titlob lill-Istat Membru sabiex jikkonferma li dawk l-ammonti għandhom jitnaqqsu fl-għeluq. Għaldaqstant, ma jinħarġu ebda ordnijiet ta' rkupru. Ta' min jinnota li numru ikbar ta' programmi għadhom qegħdin jiġi analizzati, u konsegwentement, l-ammont ta' korrezzjonijiet finanzjarji implementati fl-għeluq sejjjer jiżdied fis-snin li ġejjin wara l-proċess ta' għeluq attwali (analiżi tad-dokumenti ta' għeluq u validazzjoni finanzjarja tal-aħħar talba ta' ħlas).

Dwar l-SFGS/FES, l-ammont negattiv ta' EUR 90 miljun jirrappreżenta aġġustament ta' bosta korrezzjonijiet finanzjarji għal Spanja li ġew irrapportati b'mod żbaljat bħala implementati fl-2010. L-Istat Membru naqqas l-ammonti inkwistjoni mit-talbiet miiegħu lill-Kummissjoni fl-2010, madankollu dawn it-talbiet kienu parti mid-dokumenti tal-għeluq ta' dan il-programm, u għadhom qegħdin jiġi pproċessati mil-Kummissjoni fil-31.12.2010. Skont id-definizzjoni tal-implementazzjoni, dan l-aġġustament huwa ppreżentat bħala ammont negattiv fiċ-ċifri tal-2011.

#### **6.4.3 Korrezzjonijiet finanzjarji – ċifri kumulattivi u rati ta' implementazzjoni**

##### **Korrezzjonijiet finanzjarji deċiżi/ikkonfermati – ċifri kumulattivi**

	Perjodu 1994-1999	Perjodu 2000-2006	Perjodu 2007-2013	Total sa tmiem l-2011	EUR miljuni Total sa tmiem l-2010
FEŻR	1 769	4 575	4	6 348	5 924
Fond ta' Koeżjoni	273	508	0	781	763
FSE	397	1 182	218	1 798	1 572
SFGS/FES	100	99	0	198	195
Gwida tal-FAEGG	125	41	0	166	165
<b>Total</b>	<b>2 663</b>	<b>6 405</b>	<b>222</b>	<b>9 291</b>	<b>8 619</b>

L-analiżi tal-ammont totali għal kull Stat Membru hija ddivulgata fl-Anness 4.

##### **Korrezzjonijiet finanzjarji implementati – ċifri kumulattivi**

	Perjodu 1994-1999	Perjodu 2000-2006	Perjodu 2007-2013	Total sa tmiem l-2011	EUR miljuni Total sa tmiem l-2010
FEŻR	1 766	2 359	3	4 128	3 709
Fond ta' Koeżjoni	266	342	0	608	493
FSE	396	1 165	159	1 720	1 542
SFGS/FES	100	4	0	104	194
Gwida tal-FAEGG	125	41	0	166	165
<b>Total</b>	<b>2 652</b>	<b>3 912</b>	<b>162</b>	<b>6 726</b>	<b>6 102</b>

L-analiżi tal-ammont totali għal kull Stat Membru hija ddivulgata fl-Anness 5.

Inklużi fit-tabella ta' hawn fuq hemm il-korrezzjonijiet finanzjarji li qegħdin jiġi appellati minn ċerti Stati Membri (ta' min jinnota li l-esperjenza fl-imgħoddi wriet li l-Kummissjoni kważi qatt ma kellha terġa' tħallas l-ammonti wara dawn il-każjiet). Għal iktar dettalji ara n-nota **5.4**.

**Korrezzjonijiet finanzjarji deċiżi/ikkonfermati sal-31 ta' Diċembru 2011 iżda li għadhom mhumiex implejmentati u r-rati ta' implejmentazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2011 (ċifri kumulattivi)**

	FEŻR	CF	FSE	SFGS/FSE	Gwida tal-FAEGG	Total 2011	EUR miljuni Total 2010
<b>Korrezzjonijiet finanzjarji programmi 1994-1999</b>							
Korrezzjonijiet finanzjarji kkonfermati/ deċiżi	1 769	273	397	100	125	<b>2 663</b>	<b>2 652</b>
Korrezzjonijiet finanzjarji implejmentati	1 766	266	396	100	125	<b>2 652</b>	<b>2 621</b>
Korrezzjonijiet finanzjarji kkonfermati/ deċiżi iżda li għadhom mhumiex implejmentati	3	8	1	0	0	<b>11</b>	<b>31</b>
Rata ta' implejmentazzjoni	100 %	97 %	100 %	100 %	100 %	<b>100 %</b>	<b>99 %</b>
<b>Korrezzjonijiet finanzjarji programmi 2000-2006</b>							
Korrezzjonijiet finanzjarji kkonfermati/ deċiżi	4 575	508	1 182	99	41	<b>6 405</b>	<b>5 965</b>
Korrezzjonijiet finanzjarji implejmentati	2 359	342	1 165	4	41	<b>3 912</b>	<b>3 480</b>
Korrezzjonijiet finanzjarji kkonfermati/ deċiżi iżda li għadhom mhumiex implejmentati	2 216	166	17	94	0	<b>2 493</b>	<b>2 485</b>
Rata ta' implejmentazzjoni	52 %	67 %	99 %	4 %	100 %	<b>61 %</b>	<b>58 %</b>
<b>Korrezzjonijiet finanzjarji 2007-2013 programmes</b>							
Korrezzjonijiet finanzjarji kkonfermati/ deċiżi	4	—	217	—	—	<b>222</b>	<b>2</b>
Korrezzjonijiet finanzjarji implejmentati	3	—	159	—	—	<b>162</b>	<b>2</b>
Korrezzjonijiet finanzjarji kkonfermati/ deċiżi iżda li għadhom mhumiex implejmentati	0	—	59	—	—	<b>60</b>	<b>0</b>
Rata ta' implejmentazzjoni	87 %	N/A	73 %	N/A	N/A	<b>73 %</b>	<b>84 %</b>
<b>Total Korrezzjonijiet finanzjarji</b>							
Korrezzjonijiet finanzjarji kkonfermati/ deċiżi	6 348	781	1 797	198	166	<b>9 291</b>	<b>8 619</b>
Korrezzjonijiet finanzjarji implejmentati	4 128	608	1 721	104	166	<b>6 726</b>	<b>6 102</b>
Korrezzjonijiet finanzjarji kkonfermati/ deċiżi iżda li għadhom mhumiex implejmentati	2 220	173	76	94	0	<b>2 565</b>	<b>2 516</b>
Rata ta' implejmentazzjoni	65 %	78 %	96 %	53 %	100 %	<b>72 %</b>	<b>71 %</b>

Dwar il-perjodu ta' programmazzjoni 2000-2006, ir-rata baxxa ta' implejmentazzjoni hija spjegata mill-proċess ta' għeluq li għaddej li fih, it-talbiet ta' ħlas riċevuti fi tmiem l-2010 għadhom mhumiex awtorizzati, u l-korrezzjonijiet finanzjarji relatati ma jistgħux jittieħdu f'kunsiderazzjoni fiċ-ċifri ta' implejmentazzjoni tal-2011.

#### 6.4.4 Irkupri

##### Irkupri kkonfermati fl-2011

	2011	2010	EUR miljuni
Tipi oħrajn ta' ġestjoni	50	24	

##### Irkupri implementati fl-2011

	2011	2010	EUR miljuni
Tipi oħrajn ta' ġestjoni	48	25	

Jekk jogħġbok kun af li xi ammonti inklużi fit-tabella ta' hawn uq ġew irrapportati qabel fin-nota **6.5** fl-2010.

#### 6.4.5 Korrezzjonijiet finanzjarji li għaddejjin

	Korrezzjonijiet finanzjarji li kienu għadhom għaddejin fil-31.12.2010	Korrezzjonijiet finanzjarji ġodda li kienu għadhom għaddejin fl- 2011	Korrezzjonijiet finanzjarji deċiżi fl-2011	Aġġustamenti fil-korrezzjonijiet finanzjarji deċiżi jew li kienu għadhom għaddejin fil-31.12.2010	Korrezzjonijiet finanzjarji li kienu għadhom għaddejin fil-31.12.2011	EUR miljuni
L-għanijiet tal-attivitàjet ta' ġestjoni tal-assi huma li jiġi investiti l-multi mhalla lill-Kummissjoni b'tali mod li:

- (a) ikun żgurat li l-fondi huma faċilment disponibbi meta jkunu meħtieġa, filwaqt li
- (b) jimmiraw sabiex, fċirkostanzi normali, irendu qligħ li bħala medja jkun daqs il-qligħ tan-Normattiva tal-BUFI bl-ispejjeż imġarrba mnaqqsa minnha.

Bażikament, l-investimenti huma ristretti għall-kategoriji li ġejjin: depożiti b'terminu mal-Banek Ċentrali taż-żona euro, aġenziji tad-dejn sovran fiż-żona tal-euro, banek kompletament tal-Istat jew garantiti mill-Istat jew istituzzjonijiet supranazzjonali; bonds, kambjali u Ċertifikati ta' Depożiti maħruġin minn entitajiet sovrani li joħolqu skopertura sovrana diretta fiż-żona euro jew li jinħarġu minn istituzzjonijiet supranazzjonali.

### **Fond ta' Garanzija**

Ir-regoli u l-prinċipji tal-ġestjoni tal-assi tal-Fond ta' Garanzija (ara n-nota 2.4) huma stipulati fil-Konvenzjoni bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ewropew għall-Investiment (BEI) bid-data tal-25 ta' Novembru 1994 u l-emendi sussegwenti bid-data tas-17/23 ta' Settembru 1996, it-8 ta' Mejju 2002, il-25 ta' Frar 2008 u d-9 ta' Novembru 2010. Il-Fond ta' Garanzija jopera biss bil-EUR. Huwa jinvesti biss

f'din il-munita sabiex jiġi evitat kull riskju tar-rati tal-kambju. Il-ġestjoni tal-assi se tkun ibbażata fuq ir-regoli tradizzjonal li jiġi osservati għall-attivitajiet finanzjarji. Hija meħtieġa tagħti attenzjoni partikolari sabiex jitnaqqsu r-riskji u sabiex jiġi żgurat li l-assi li jiġi ġestiti jistgħu jimbiegħu jew trasferiti mingħajr dewmien sinifikanti, filwaqt li jiġi kkunsidrati l-impenji koperti.

### 8.3 RISKJI TAL-MUNITI

#### Attivitajiet ta' Għoti u Teħid b'Self:

Il-biċċa l-kbira tal-assi u l-obbligazzjonijiet huma bl-EUR, u għalhekk f'dawn il-każijiet l-UE m'għandhiex ir-riskju tal-munita barranija. Madankollu, l-UE fil-fatt tagħti self bil-USD permezz tal-istru menti finanzjarji Euratom, li hu ffinanzjat mit-teħid b'self b'ammont ekwivalenti bil-USD (operazzjoni dahar-ma'-dahar). Fid-data tal-karta tal-bilanċ l-UE m'għandha l-ebda riskju tal-munita barranija rigward il-Euratom. Il-KEFA flikwidazzjoni għandha skopertura netta għall-munita barranija ekwivalenti għal EUR 1.3 miljun li ġejja minn self għad-djar ekwivalenti għal EUR 1.26 miljun u bilanċi tal-kont kurrenti ekwivalenti għal EUR 0.04 miljun.

*Teżor:*

Ir-riżorsi propriji mhalla mill-Istati Membri fmuniti oħra minbarra l-EUR jinżammu fil-kontijiet tar-riżorsi propriji, skont ir-Regolament dwar ir-Riżorsi Propriji. Huma jiġi kkonvertiti f'EUR meta jkunu meħtieġa sabiex ikopru l-eżekuzzjoni tal-ħlasijiet. Il-proċeduri applikati għall-ġestjoni ta' dawn il-fondi huma regolati mir-Regolament imsemmi hawn fuq. F-numru limitat ta' każijiet, jintużaw direttament għal ħlasijiet li jkollhom isiru fl-istess muniti.

Numru ta' kontijiet fmuniti tal-UE minbarra l-EUR, u fil-USD u CHF, huma miżmuma mill-Kummissjoni ma' numru ta' banek kummerċjali, sabiex jitwettqu hlasijet denominati fl-istess muniti. Dawn il-kontijiet huma riforniti skont l-ammont tal-ħlasijiet li jkollhom isiru; b'konsegwenza ta' dan, il-bilanċi tagħhom ma jirrappreżentawx skoperturi għal riskju tal-valuti.

Meta riċevuti mixxellanji (minbarra r-riżorsi propriji) jiġi riċevuti fmuniti oħra minbarra l-EUR, dawn jew jiġi trasferiti għal kontijiet tal-Kummissjoni fl-istess muniti, jekk ikunu meħtieġa sabiex ikopru l-eżekuzzjoni ta' ħlasijiet, jew jiġi konvertiti f'EUR u trasferiti għal kontijiet oħra tal-EUR. Il-kontijiet imprest miżmuma fmuniti oħra minbarra l-EUR huma riforniti skont l-istima tal-ħtiġijiet tal-ħlasijiet lokali fl-istess muniti għal perjodu qasir. Il-bilanċi fuq dawn il-kontijiet jinżammu fi ħdan il-limiti rispettivi tagħhom.

#### Multi msarrfa provviżorjament: portafoll (BUFI)

Minħabba li l-multi msarrfa provviżorjament huma imposti u mhalla bl-EUR, m'hemm l-ebda riskju tal-munita barranija.

#### Fond ta' Garanzija

L-assi finanzjarji huma bl-EUR u għalhekk m'hemmx riskju tal-munita.

### 8.4 RISKJU TAR-RATA TAL-IMGĦAX

#### Attivitajiet ta' Għoti u Teħid b'Self:

##### Teħid u għoti b'self b'rati tal-imgħax varjabbbli

Minħabba n-natura tal-attivitajiet tagħha ta' għoti u teħid b'self, l-UE għandha assi u obbligazzjonijiet sinifikanti li jrendu imġħax. It-teħid b'self tal-MFA u l-Euratom maħruġa b'rati varjabbbli jesponu lill-UE għal riskju tar-rati tal-imgħax. Madankollu, ir-riskji tar-rati tal-imgħax li jirriżultaw mit-teħid b'self jiġu kkumpensati minn self b'termini u kundizzjonijiet ekwivalenti (dahar-ma'-dahar). Fid-data tal-karta tal-bilanċi, l-UE għandha self (mogħiġi fammonti nominali) b'rati varjabbbli ta' EUR 0.8 biljun (2010: EUR 0.86 biljun), b'ipprezzar mill-ġdid li jseħħ kull 6 xhur.

##### Teħid u għoti b'self b'rati tal-imgħax fissi

L-UE għandha wkoll self tal-MFA u l-Euratom b'rati fissi li jammontaw għal total ta' EUR 236 miljun fl-2011 (2010: EUR 110 miljun) u li għandu data ta' maturità finali bejn sena u ħames snin (EUR 25 miljun) u iktar minn ħames snin (EUR 211-il miljun). Iktar importanti minn hekk, l-UE għandha ħdax-il self taħt l-istru menti finanzjarju BOP b'rati tal-imgħax li jammontaw għal total ta' EUR 11.4 biljun fl-2011 (2010: EUR 12.05 biljun) u b'maturità finali ta' bejn sena u ħames snin (EUR 7.2 biljun) u iktar minn ħames snin (EUR

4.2 biljun). Fl-istruмент finanzjarju EFSM, l-UE għandha għaxar ammonti mislufin b'rati tal-imgħax fissi li jammontaw għal total ta' EUR 28 biljun fl-2011 u b'maturitā finali ta' bejn sena u ħames snin (EUR 9.75 biljun) u iktar minn ħames snin (EUR 18.25 biljun).

Minħabba t-tip tal-aktivitajiet tagħha, il-KEFA flikwidazzjoni hija skoperta għal riskju tar-rata tal-imgħax. Normalment, ir-riskji tar-rata tal-imgħax li jseggū mit-teħid b'self huma kkompensati minn self ekwivalenti fit-termini u l-kundizzjonijiet. Fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-assi, ma hemm ebda bonds b'rati tal-imgħax varjabbl fil-portafoll tal-KEFA. Bonds bla kupun irrappreżentaw 15% tal-portafoll tal-bonds fid-data tal-karta tal-bilanċi.

**Teżor:**

It-teżor tal-Kummissjoni ma jissellifx flus; u bħala konsegwenza ta' dan mhuwiex espost għar-riskju tar-rata tal-imgħax. Madankollu, huwa jaqla' imgħax fuq il-bilanċi li jkollu fil-kontijiet tal-banek differenti. Il-Kummissjoni għalhekk poġġiet fis-seħħ miżuri biex tiżgura li l-imgħax li jiġi riċevut fil-kontijiet bankarji tagħha regolarmen jirrifletti r-rati tal-imgħax tas-suq, kif ukoll iċ-ċaqliq possibbli tagħhom.

Kontijiet li jinfetħu mat-Teżori tal-Istati Membri jew il-Banek Ċentrali Nazzjonali għar-riċevuti ta' riżorsi propriji m'għandhomx imgħaxxijiet u huma ħielsa minn tariffi. Rigward il-kontijiet l-oħra kollha li jinżammu mal-Banek Ċentrali Nazzjonali, ir-remunerazzjoni tiddependi fuq il-kundizzjonijiet speċifiċi offruti minn kull bank; ir-rati tal-imgħax applikati huma varjabbl u aġġustati skont iċ-ċaqliq fis-suq.

Bilanċi bejn jum u ieħor li jinżammu fuq kontijiet ta' banek kummerċjali jiggwadanjaw imgħax kuljum. Dan huwa bbażat fuq ir-rati varjabbl tas-suq li huwa applikat fuqhom marġni kuntrattwali (pożittiv jew negattiv). Għal ħafna mill-kontijiet il-kalkolu tal-imgħax huwa marbut mal-EONIA (rata medja tal-indiċi mil-lum għal għada tal-Euro), u huwa aġġustat sabiex jirrefletti ċ-ċaqliq ta' din ir-rata. Għal xi kontijiet oħra, il-kalkolazzjoni tal-imgħax hija marbuta mar-rata marġinali tal-BĊE għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewleni tiegħi. Bħala riżultat ma jeżisti l-ebda riskju li l-Kummissjoni tirċievi imgħax b'rati iktar baxxi mir-rati tas-suq.

### **Multi msarra provviżorjament: portafoll (BUFI)**

Mhemmx bonds b'rati tal-imgħax varjabbl fil-portafoll tal-BUFI. Bonds bla kupun irrappreżentaw 34 % tal-portafoll tal-bonds fid-data tal-karta tal-bilanċi.

### **Fond ta' Garanzija**

Titoli tad-dejn fil-Fond ta' Garanzija maħruġa b'rati varjabbl huma soġġetti għall-effetti tal-volatilità ta' dawn ir-rati, filwaqt li t-titoli tad-dejn b'rati fissi jesponuha għal riskju fir-rigward tal-valur ġust tagħhom. Bonds ta' rati fissi jirrapreżentaw bejn wieħed u ieħor 83% tal-portafoll tal-investiment fid-data tal-karta tal-bilanċ (2010: 93%).

## **8.5 RISKJU TAL-KREDITU**

### **Attivitajiet ta' Għoti u Teħid b'Self**

L-iskopertura għal riskju ta' kreditu hija ġestita, l-ewwel nett billi jinkisbu garanziji mill-pajjiżi fil-każ ta' Euratom, imbagħad permezz tal-Fond ta' Garanzija (MFA u Euratom), imbagħad permezz tal-possibilità ta' ġbir tal-fondi meħtieġa mill-kontijiet tar-riżorsi propriji mal-Istati Membri u finalment permezz tal-Baġit tal-UE. Il-leġiżlazzjoni dwar ir-Riżorsi Propriji tistabbilixxi l-limitu massimu għall-pagamenti bir-riżorsi propriji għal 1.23% tal-ING tal-Istati Membri u matul l-2011, 0.93% intużaw fil-fatt biex ikopru l-approprazzjonijiet tal-pagaamenti. Dan ifisser li fil-31 ta' Diċembru 2011 kien hemm marġni disponibbli ta' 0.3% biex ikopri dawn il-garanziji. Il-Fond ta' Garanziji għal azzjonijiet esterni twaqqafl 1994 biex ikopri riskji ta' inadem-pjenza relatati mat-teħid b'self li jiffinanza self lil pajjiżi barra l-Unjoni Ewropea. Fi kwalunkwe każ, l-iskopertura għar-riskju tal-kreditu hija mmītigata mill-possibilità li jiġi pprelevant mill-kontijiet tar-riżorsi propriji tal-Kummissjoni mal-Istati Membri minbarra l-assi fdawk il-kontijiet fkaż li debituri ma jkunx jista' jrodd lura kompletament l-ammonti dovuti. Għal dan il-għan, l-UE hija intitolata titlob lill-Istati Membri kollha biex jiżguraw li jikkonformaw mal-obbligu legali tal-UE lejn il-mutwanti tagħha.

Fdak li għandu x'jaqsam mal-operazzjonijiet tat-Teżor, iridu jiġu applikati l-linji gwida dwar l-għażla tal-kontropartijiet. Skont dan, l-unità operattiva sejra tkun tista' tidħol fneqqozjati biss ma' dawk il-banek eliġibbli li għandhom limiti tal-kontroparti suffiċċenti.

L-iskopertura tal-KEFA għar-riskju tal-kreditu hija amministrata permezz ta' analiżi regolari tal-abilità tal-mutwanti sabiex jissodisfaw l-obbligi ta' ħlas lura tal-imgħax u l-kapital. L-iskopertura għar-riskju tal-kreditu hija amministrata wkoll billi jinkiseb kollateral kif ukoll garanziji tal-pajjiż, korporativi

u personali. 61 % tal-ammont totali tas-self pendentii huwa kopert minn garanziji minn Stat Membru jew korp ekwivalenti (eż. istituzzjonijiet pubbliċi). 30% tas-self dovut ingħata lil banek jew ġie ggarantit minn banek. F'dak li jirrigwarda l-operazzjonijiet tat-teżor, għandhom jiġi applikati linji gwida dwar l-għażla tal-kontropartijiet. L-unità ta' operazzjoni hija awtorizzata li tidħol biss fi ftehim ma' banek eliġibbli li għandhom bieżżejjed limiti fuq il-kontropartijiet.

**Teżor:**

Il-biċċa l-kbira tar-riżorsi tat-teżor huma miżmuma, skont ir-Regolament tal-Kunsill 1150/2000, f'kontijiet miftuħa mill-Istati Membri għall-ħlas tal-kontribuzzjonijiet tagħhom (riżorsi proprii). Dawn il-kontijiet kollha huma miżmuma mat-teżori tal-Istati Membri jew mal-banek ċentrali nazzjonali. Dawn l-istituzzjonijiet m'għandhom prattikament l-ebda riskju tal-kreditu (jew tal-kontroparti) għall-Kummissjoni peress li l-iskopertura hija mal-Istati Membri tagħha. Rigward il-parti tar-riżorsi tat-teżor tal-Kummissjoni li jinżammu mal-banek kummerċjali sabiex tīgi koperta l-eżekuzzjoni tal-ħlasijiet, ir-riforniment ta' dawn il-kontijiet huwa ordnat biss fil-mument meta jkun meħtieġ u huwa awtomatikament ġestit mis-sistema tal-ġestjoni tal-flus tat-teżor. Livelli ta' flus minimi, proporzjonalni mal-ammont medju tal-ħlasijiet ta' kuljum eżegwiti minnu, jinżammu fuq kull kont. B'konsegwenza ta' dan, l-ammonti li jinżammu minn jum għall-ieħor f'dawn il-kontijiet huma dejjem baxxi ħafna (medja ta' madwar EUR 20 miljun u EUR 100 miljun, imqassma fuq aktar minn 20 kont bankarju) u b'hekk jiġi żgurat li l-Kummissjoni hija esposta biss b'mod limitat għar-riskju. Dawn l-ammonti għandhom jinqraw fir-rigward tal-bilanċi globali tat-teżor li jiċċa qilqu bejn EUR 1 biljun u EUR 35 biljun, u b'ammont globali ta' pagamenti eżegwiti fl-2011 li jaqbū l-EUR 128 biljun.

Minbarra dan, jiġi applikati linji gwida speċifiċi għall-ġħażla ta' banek kummerċjali sabiex jitnaqqas iktar ir-riskju tal-kontroparti li hija esposta għalih il-Kummissjoni:

- Il-banek kummerċjali kollha jintgħażlu b'sejħa għall-offerti. Il-klassifikazzjoni minima tal-kreditu għal perjodu qasir li hija meħtieġa għall-ammissioni fil-proċeduri tat-tfiegħ tal-offerti hija P-1 ta' Moody's jew ekwivalenti (S&P A-1 jew Fitch F1). Jista' jkun meħtieġ livell inqas għoli fċirkostanzi speċifiċi u ġġustifikati b'mod xieraq.
- Il-banek kummerċjali kollha jintgħażlu b'sejħa għall-offerti. Il-klassifikazzjoni minima tal-kreditu għal perjodu qasir li hija meħtieġa għall-ammissioni fil-proċeduri tat-tfiegħ tal-offerti hija P-1 ta' Moody's jew ekwivalenti (S&P A-1 jew Fitch F1). Jista' jkun meħtieġ livell inqas għoli fċirkostanzi speċifiċi u ġġustifikati b'mod xieraq. Barra minn hekk, l-ammont depożitat ma' kull bank huwa limitat għal ċertu percēntwal tal-fondi proprii tiegħu; il-kalkolu tat-tali limitu jieħu f'kunsiderazzjoni wkoll l-ammont ta' garanziji pendentii maħruġin lill-Kummissjoni mill-istess istituzzjoni.
- Il-kontijiet imprest jinżammu ma' banek lokali magħżula bi proċedura ssimplifikata ta' offerti. Ir-rekwiżi tal-klassifikazzjoni jiddependu fuq is-sitwazzjoni lokali u jistgħu jvarjaw ħafna minn pajjiż għal-ieħor. Sabiex tīgi limitata l-iskopertura għar-riskju tal-kreditu, il-bilanċi fuq dawn il-kontijiet jinżammu fl-aktar livell baxx possibbli (meta jitqiesu l-htigġijet operattivi); huma riforniti regolarmen, u l-limiti massimi applikati huma riveduti fuq bażi annwali.
- Il-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-banek kummerċjali fejn il-Kummissjoni għandha l-kontijiet jiġi riveduti mill-inqas darba fix-xahar, jew bi frekwenza ogħla jekk u meta jkun meħtieġ. Ġew adottati miżuri ta' monitoraġġ intensifikati u reviżjoni jiet ta' kuljum ta' klassifikazzjoni tal-banek kummerċjali fil-kutnest tal-kriżi finanzjarja, u baqgħu jintużaw matul l-2011.

Ammonti notevoli ta' garanziji maħruġin minn istituzzjonijiet finanzjarji jinżammu wkoll mill-Kummissjoni fir-rigward tal-multi li timponi fuq kumpaniji li jiksru r-regoli tal-UE dwar il-kompetizzjoni (ara n-nota **2.11.1**). Dawn il-garanziji huma pprovduti minn kumpaniji mmultati bħala alternativa minnflok ma jsiru pagamenti provvistorji. Il-politika ta' ġestjoni tar-riskji applikata għall-aċċettazzjoni tat-tali garanziji ġiet riveduta fix-xhur bikrija tal-2012 u ġiet definita tħalliha ġidha ta' rekwiżi ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u percēntwali limitati għal kull kontroparti (proporzjonalni għall-finanzi proprii ta' kull kontroparti) fid-dawl tal-ambjent finanzjarju attwali fl-UE. Għadha tiżgura kwalità għolja ta' kreditu għall-Kummissjoni. Il-konformità tal-garanziji pendentii mar-rekwiżi tal-politika applikabbli hija riveduta b'mod regolari.

## **Multi msarra provviżorjament: portafoll (BUFI)**

Għal investimenti minn multi msarra provviżorjament, il-Kummissjoni tieħu fidejha l-iskopertura għar-riskju tal-kreditu li huwa r-riskju li kontroparti mhijiex sejra tkun tista' tħallas l-ammonti sħaħ meta jasal iż-żmien. L-ogħla konċentrazzjoni ta' skopertura huwa lejn Franza u l-Ġermanja peress li kull wieħed minn dawn il-pajjiżi jirrapreżenta 62 % u 25 % rispettivament mill-volum total tal-portafoll.

### **Fond ta' Garanzija**

B'konformità mal-ftehim bejn l-UE u l-BEI dwar il-ġestjoni tal-Fond ta' Garanzija, kull investiment interbankarju għandu jinħareġ minn entità li jkollha klassifikazzjoni minima mingħand Moody's, jew ekwivalenti, ta' P-1. Sal-31 ta' Diċembru 2011 saru depožiți b'terminu fiss (EUR 300 miljun) mat-tali kontropartijiet (2010: EUR 124 miljun). Sal-31 ta' Diċembru 2011, il-fond ma kellu ebda investiment fil-karti ta' skont għat-terminu qasir. Għall-istess perjodu tas-sena l-oħra, il-fond investa f'erba' strumenti finanzjarji għal perjodu qasir u dawn l-investimenti kollha (EUR 69 miljun) saru ma' kontropartijiet li għandhom klassifikazzjoni minima ta' P-1 Moody's jew ekwivalenti. It-titoli kollha li jinżammu fil-portafoll disponibbli għall-bejħ huma konformi mal-linji gwida tal-ġestjoni.

## **8.6 RISKJU TAL-LIKWIDITÀ**

### **Attivitajiet ta' Għoti u Teħid b'self**

Ir-riskju tal-likwidità li jirriżulta mit-teħid b'self huwa ġeneralment ikkumpensat minn self ekwivalenti fit-termini u l-kundizzjonijiet (operazzjonijiet dahar ma' dahar). Għall-MFA u Euratom, il-Fond ta' Garanzija jservi bħala riżerva tal-likwidità (jew xibka ta' sigurtà) fkaż ta' inadempjenza ta' ħlas u dewmien fil-ħlas ta' dawk li jissellfu. Għall-BOP, ir-Regolament tal-Kunsill 431/2009 jipprovdī għal proċedura li tippermetti biżżejjed ħin sabiex jiġu mmobilizzati l-fondi permezz tal-kontijiet tar-riżorsi proprii tal-Kummissjoni mal-Istati Membri. Għall-EFSM, ir-Regolament tal-Kunsill 407/2010 jipprovdī għal proċedura simili.

Għall-ġestjoni tal-assi u l-obbligazzjoni tal-KEFA flikwidazzjoni, il-Kummissjoni tamministra r-rekwiżiti ta' likwidità fuq il-bażi tal-previżjonijiet ta' żborż miksuba permezz ta' konsultazzjonijiet mas-servizzi responsabbi tal-Kummissjoni.

Teżor:

Il-prinċipi tal-baġit tal-UE jiżguraw li r-riżorsi tal-flus ġenerali għas-sena huma dejjem suffiċjenti għall-eżekuzzjoni tal-ħlasijiet kollha. Fil-fatt, il-kontribuzzjonijiet totali tal-Istati Membri huma ekwivalenti għall-ammont tal-appropriazzjonijiet tal-ħlas għas-sena tal-baġit. Madankollu, il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri huma riċevi f'pagamenti bin-nifs kull xahar matul is-sena, filwaqt li l-ħlasijiet huma soġġetti għal ġerti staġjonalità. Sabiex jiġi żgurat li r-riżorsi tat-teżor dejjem ikunu suffiċjenti sabiex ikopru l-ħlasijiet li għandhom jiġu eżegwiti fi kwalunkwe xahar partikolari, proċeduri li jirrigwardaw ġerti tbassir tal-flus regolari huma fis-seħħ, u jistgħu jintalbu bil-quddiem riżorsi proprii jew finanzjament addizzjonali mill-Istati Membri, jekk ikun meħtieġ u taħbi ġerti kundizzjonijiet. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-operazzjonijiet ta' kuljum tat-teżor tal-Kummissjoni, l-għodod awtomatizzati tal-ġestjoni tal-flus jiżguraw li, ta' kuljum, tkun disponibbli likwidità suffiċjenti fuq kull wieħed mill-kontijiet bankarji tal-Kummissjoni.

### **Fond ta' Garanzija**

Il-fond huwa ġestit skont il-prinċipju li l-assi għandu jkollhom livell suffiċjenti ta' likwidità u mobilizzazzjoni fir-rigward tal-impenji rilevanti. Il-fond għandu jżomm minimu ta' EUR 100 miljun fportafoll b'maturità ta' < 12-il xahar li għandhom jiġu investiti fi strumenti monetarji. Sal-31 ta' Diċembru 2011 dawn l-investimenti ammontaw għal EUR 300 miljun. Barra minn hekk, minimu ta' 20% tal-valor nominali tal-fond għandu jinvolvi strumenti monetarji, bonds b'rata fissa b'maturità pendentii ta' mhux iktar minn sena u bonds b'rata varjabbli. Sal-31 ta' Diċembru 2011, dan il-proporzjon kien ta' 45%.

## **9. DIVULGAZZJONIJIET TAL-PARTIJIET RELATATI**

### **9.1 PARTIJIET RELATATI**

Il-partijiet relatati tal-Kummissjoni huma l-entitajiet ikkonsolidati l-oħrajn tal-UE u l-personal tal-amministrazzjoni prinċipali ta' dawn l-entitajiet. It-tranżazzjonijiet bejn dawn l-entitajiet iseħħu bħala parti mill-operazzjonijiet normali tal-UE u peress li dan huwa l-każ, l-ebda rekwiżit ta' divulgazzjonijiet speċifiċi ma huwa meħtieġ għal dawn it-tranżazzjonijiet skont ir-regoli ta' kontabilità tal-UE.

## 9.2 INTITOLAMENTI PRINCIPIALI TAL-ĠESTJONI

Għall-finijiet tal-preżentazzjoni tal-informazzjoni dwar tranżazzjonijiet ta' partijiet relatati li jirrigwardaw il-ġestjoni prinċipali tal-Kummissjoni Ewropea, dawn il-persuni jidhru hawn taħt fħames kategorji:

**Kategorija 1:** il-Presidenti tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni u l-President tal-Qorti tal-Ġustizzja

**Kategorija 2:** il-Viċi-President tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni Ewropea għall-Affarijiet Barranin u l-Politika tas-Sigurtà u l-Viċi-Presidenti l-Oħra tal-Kummissjoni

**Kategorija 3:** is-Segretarju-Ġenerali tal-Kunsill, il-Membri tal-Kummissjoni, l-Imħallfin u l-Avukati Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-President u l-Membri tal-Qorti Ġenerali, il-President u l-Membri tat-Tribunal Ewropew tas-Servizz Ċivili, l-Ombudsman u l-Kontrollur Ewropew tal-Protezzjoni tad-Data

**Kategorija 4:** il-President u l-Membri tal-Qorti tal-Awdituri

**Kategorija 5:** l-ogħla uffiċjali fiċ-ċivil tal-Istutuzzjonijiet u l-Aġenzijsi

Taqṣira tal-intitolamenti tagħhom tingħata hawn taħt – tista' tinkiseb iż-żejjed informazzjoni f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (187, 8.8.1967 kif ġie emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 202/2005 tat-18.1.2005 (L 33, 5.2.2005) u L 268, 20.10.1977 kif ġie emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1293/2004 tat-30.4.2004 (L 243, 15.7.2004)). Iktar informazzjoni tista' tinkiseb ukoll mir-Regolamenti tal-Persunal ippubblikati fuq il-websajt Europa li huma d-dokument uffiċjali li jiddeskrivi d-drittijiet u l-obbligi tal-uffiċjali kollha tal-UE. Il-personal prinċipali tal-ġestjoni ma rċieva l-ebda self preferenzjali mill-UE.

## INTITOLAMENTI FINANZJARJI PRINCIPIALI TAL-ĠESTJONI

Intitolament (għal kull impjegat)	Kategorija 1	Kategorija 2	Kategorija 3	Kategorija 4	Kategorija 5	EUR
<b>Salarju bażiku (fix-xahar)</b>	25 351,76	22 963,55 – 23 882,09	18 370,84 – 20 667,20	19 840,51 – 21 126,47	11 681,17 – 18 370,84	
<b>Benefiċċju Residenzjali/tal-Espatrijazzjoni</b>	15 %	15 %	15 %	15 %	16 %	
<b>Benefiċċji għall-familja:</b>						
Unità domestika (% salarju)	2 % + 170,52	2 % + 170,52	2 % + 170,52	2 % + 170,52	2 % + 170,52	
Tfal dipendenti	372,61	372,61	372,61	372,61	372,61	
Qabel l-iskola	91,02	91,02	91,02	91,02	91,02	
Edukazzjoni, jew	252,81	252,81	252,81	252,81	252,81	
Edukazzjoni barra mill-post tax-xogħol	505,39	505,39	505,39	505,39	505,39	
<b>Benefiċċji tal-imħallfin li jippresiedu</b>	N/A	N/A	500 - 810.74	N/A	N/A	
<b>Benefiċċji tar-rappreżentazzjoni</b>	1 418,07	0 - 911.38	500 - 607.71	N/A	N/A	
<b>Spejjeż tal-ivvjaġġar annwali</b>	N/A	N/A	N/A	N/A	Yes	
<b>Trasferiment lejn Stat Membru:</b>						
Benefiċċju tal-Edukazzjoni (¹)	Iva	Iva	Iva	Iva	Iva	
% tas-salarju (¹)	5 %	5 %	5 %	5 %	5 %	
% tas-salarju mingħajr cc	Mass. 25 %	Mass. 25 %	Mass. 25 %	Mass. 25 %	Mass. 25 %	
<b>Spejjeż ta' rappreżentazzjoni</b>	rimborżati	rimborżati	rimborżati	N/A	N/A	

EUR					
Intitolament (għal kull impjegat)	Kategorija 1	Kategorija 2	Kategorija 3	Kategorija 4	Kategorija 5
<b>Bidu tal-impieg:</b>					
Spejeż tal-installazzjoni	50 703,52	45 927,10 - 47 764,18	36 741,68 - 41 334,40	39 681,02 - 42 252,94	rimborżati
Spejeż tal-ivvjaġġar tal-familja	Rimborżati	rimborżati	rimborżati	Rimborżati	rimborżati
Spejeż tal-ispostament	rimborżati	rimborżati	rimborżati	rimborżati	rimborżati
<b>Tluq mill-kariga:</b>					
Spejeż ta' reinstallazzjoni	25 351,76	22 963,55 - 23 882,09	18 370,84 - 20 667,20	19 840,51 - 21 126,47	reimbursed
Spejeż tal-ivvjaġġar tal-familja	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati	rimborżati
Spejeż tal-ispostament	rimborżati	Rimborżati	Rimborżati	Rimborżati	rimborżati
Tranżizzjoni (% salaru) (?)	40 % - 65 %	40 % - 65 %	40 % - 65 %	40 % - 65 %	N/A
Assigurazzjoni fuq mard	koperta	kopera	koperta	koperta	fakultattiva
<b>Pensjoni</b> (% salaru, qabel it-taxxa)	Mass. 70 %	Mass. 70 %	Mass. 70 %	Mass. 70 %	Mass. 70 %
<b>Tnaqqis:</b>					
Taxxa tal-Komunità	8 % - 45 %	8 % - 45 %	8 % - 45 %	8 % - 45 %	8 % - 45 %
Assigurazzjoni għall-mard (% tas-salarju)	1,8 %	1,8 %	1,8 %	1,8 %	1,8 %
Imposta specjalji fuq is-salarju	5,5 %	5,5 %	5,5 %	5,5 %	5,5 %
Tnaqqis tal-pensjoni	N/A	N/A	N/A	N/A	11,6%
<b>Numru ta' persuni fi tmiem is-sena</b>	<b>3</b>	<b>8</b>	<b>90</b>	<b>27</b>	<b>97</b>

(<sup>1</sup>) bl-applikazzjoni tal-koeffiċċient ta' korrezzjoni ("cc")

(<sup>2</sup>) imħallsa għall-ewwel tliet snin wara t-tluq

#### 10. AVVENIMENTI WARA D-DATA TAL-KARTA TAL-BILANĊI

Fid-data tal-firma ta' dawn il-kontijiet, minbarra l-informazzjoni pprovduta hawn taħt, l-ebda kwistjoni materjali li kienet teħtieġ li tiġi ddivulgata separatament taħt din it-taqsimma ma ġiet indikata lill-uffiċċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni jew ġiet irrapportata lilu. Il-kontijiet annwal u n-noti relatati ġew ippreparati bl-użu tal-informazzjoni l-aktar riċenti disponibbli u dan huwa rifless fl-informazzjoni ppreżentata.

#### Talbiet addizzjonali għal għajnuna finanzjarja fi ħdan iż-żona Euro

Fid-25 ta' Ġunju 2012, il-Grupp tal-Euro laqa' l-applikazzjoni formali tal-Gvern Spanjol għal għajnuna finanzjarja. Fid-9 ta' Lulju, laħaq ftehim politiku dwar programm imfassal biex jgħin lil Spanja terġa' tikkapitalizza u tirristruttura l-istituzzjonijiet finanzjarji tagħha. Ladarba jiġi adottat il-memorandum ta' qbil, se jkun jista' jsir l-ewwel żborż. L-għajnuna finanzjarja għar-rikapitalizzazzjoni sejra tiġi pprovduta permezz tal-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF) sakemm ikun għad-dispożizzjoni l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES) u jieħu fidejħ dan il-kompli.

Fis-27 ta' Ġunju, il-Grupp tal-Euro laqa' wkoll it-talba tal-awtoritajiet ta' Ċipru għal għajnuna finanzjarja mill-Istati Membri taż-żona euro fir-rigward tal-isfidi li qiegħed iħabbat wiċċu magħhom Ċipru, speċjalment minħabba d-diffikaltà fis-settur bankarju u l-preżenza ta' ż-żbilanċi makroekonomiċi. Fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-htigġijiet finanzjarji, l-appoġġ finanzjarju taż-żona euro jiġi pprovdut fil-qafas ta' programm ta' aġġustament komprensiv. Il-pakkett ta' għajnuna finanzjarja għandu jiġi pprovdut mill-EFSF jew mill-MES fuq il-bażi tal-istumenti ta' finanzjament tiegħu.

Għal iktar tagħrif kemm fuq l-EFSF kif ukoll fuq il-MES, kif ukoll il-programm ta' għajnuna finanzjarja tal-UE, jekk jogħġibok ara n-nota 7.

## 11. KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-KONSOLIDAZZJONI

### 11.1 ENTITAJIET IKKONSOLIDATI

#### A. ENTITAJIET IKKONTROLLATI

##### 1. Istituzzjonijiet u korpi konsultattivi

Il-Kumitat tar-Reġjuni

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Il-Kummissjoni Ewropea

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (¹)

Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

L-Ombudsman Ewropew

Il-Parlament Ewropew

Il-Kunsill Ewropew

##### 2. Aġenziji tal-UE

L-Aġenċija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

L-Aġenċija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonal

L-Aġenċija Ewropea għall-Ambjent

L-Aġenċija Ewropea dwar is-Sigurtà tal-Ikel

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol

L-Aġenċija Ewropea għas-Sigurtà Marittima

L-Aġenċija Ewropea għall-Mediċini

L-Aġenċija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Fużjoni għall-Enerġija (L-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni)

Eurojust

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi

L-Aġenċija Eżekuttiva għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni

L-Aġenċija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura

L-Aġenċija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka

L-Aġenċija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (¹)

(¹) Ikkonsolidati għall-ewwel darba fl-2011

L-Awtorità Bankarja Ewropea (¹)

L-Uffiċċju għall-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (¹)

L-Āgenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali

L-Āgenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Informazzjoni

Il-Fondazzjoni Ewropea għat-Taħriġ

L-Āgenzija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Kooperazzjoni Operattiva fil-Fruntieri Esterni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea

Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni għall-Korpi tal-Unjoni Ewropea

L-Āgenzija Ewropea GNSS

L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (trade marks u disinji)

L-Āgenzija Ferrovjarja Ewropea

L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti

L-Āgenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd

Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga

Il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija (CEPOL)

L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (EUROPOL)

L-Āgenzija Eżekuttiva għas-Sħħa u l-Konsumaturi

L-Āgenzija Eżekuttiva tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport

L-Āgenzija Eżekuttiva għar-Riċerka

L-Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol (¹)

L-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (¹)

L-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija (¹)

### **3. Entitajiet ikkontrollati oħrajn**

Il-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar (flikwidazzjoni)

B. IMPRIŻI KONĠUNTI

L-Organizzazzjoni Internazzjonali ITER għall-Enerġija mill-Fużjoni

L-Impriża Konġunta SESAR

L-Impriża Konġunta FCH

L-Impriża Konġunta Galileo flikwidazzjoni

L-Impriża Konġunta IMI

C. ASSOĊJATI

Il-Fond Ewropew tal-Investiment

L-Impriża Konġunta "Clean Sky"

L-Impriża Konġunta ARTEMIS

L-Impriża Konġunta ENIAC

### **11.2 ENTITAJIET MHUX IKKONSOLIDATI**

Għalkemm l-UE tieħu ī-sieb il-ġestjoni tal-assi tal-entitajiet imsemmija hawn taħt, dawn ma jissodisfawx ir-rekwiżiti sabiex ikunu kkonsolidati u għalhekk mhumiex inklużi fil-kontijiet tal-Unjoni Ewropea.

(¹) Ikkonsolidati għall-ewwel darba fl-2011

### 11.2.1 Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ)

Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) huwa l-strument prinċipali għall-ġħajnejnha tal-Unjoni Ewropea għall-koperazzjoni għall-iżvilupp fil-pajjiżi tal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku (l-AKP) u l-Pajjiżi u t-Territorji Barranin (OCTs). It-Trattat ta' Ruma tal-1957 pprovda għall-ħolqien tiegħu bil-għan li tingħata ġħajnejn teknika u finanzjarja, inizjalment lil pajjiżi Afrikani li dak iż-żmien kienu għadhom ikkolonizzati u li magħhom xi Stati Membri kellhom rabtiet storiċi.

Il-FEŻ muhuwiex iffianżżat mill-baġit tal-Unjoni Ewropea iżda minn kontribuzzjonijiet diretti mill-Istati Membri, li jintla ħaqq qbil dwarhom f'negozjati fuq livell intergovernattiv. Il-Kummissjoni u l-BEI jamminis-traw ir-riżorsi tal-FEŻ. Kull FEŻ huwa normalment konkluż għal perjodu ta' madwar ħames snin. Sa mill-konklużjoni tal-ewwel konvenzjoni tas-sħubija fl-1964, iċ-ċikli ta' programmar tal-FEŻ ġeneralment segwew iċ-ċikli tal-ftehimiet/konvenzjoniċċi ta' sħubija.

Il-FEŻ jaqa' taħt ir-Regolament Finanzjarju tiegħu stess (ĠU L 78 tad-19/03/2008) li jipprevedi l-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tiegħu stess, separatament minn dawk tal-UE. Il-kontijiet annwali u l-ġestjoni tal-riżorsi tal-FEŻ huma soġġetti għall-kontroll estern tal-Qorti tal-Audituri u l-Parlament. Għall-finijiet ta' informazzjoni, il-karta tal-bilanċ u l-kont tal-eżitu ekonomiku tat-8, id-9 u l-10 FEŻ huma murija hawn taħt:

#### KARTA TAL-BILANĊI – it-8, id-9 u l-10 FEŻ

	EUR miljuni	
	31.12.2011	31.12.2010
ASSI MHUX KURRENTI	380	353
ASSI KURRENTI	2 510	2 151
Assi totali	<b>2 890</b>	<b>2 504</b>
OBBLIGAZZJONIJET KURRENTI	(1 033)	(1 046)
Total ta' obbligazzjoniċċi	<b>(1 033)</b>	<b>(1 046)</b>
Assi netti	<b>1 857</b>	<b>1 458</b>
FONDI U RIŻERVI		
Kapital imsejjaħ għall-fondi	26 979	23 879
Riżervi oħrajn	2 252	2 252
Eżitu ekonomiku riportat mis-snin ta' qabel	(24 674)	(21 908)
Eżitu ekonomiku tas-sena	(2 700)	(2 765)
Assi netti	<b>1 857</b>	<b>1 458</b>

#### KONT TAL-EŻITU EKONOMIKU – it-8, id-9 u l-10 FEŻ

	EUR miljuni	
	2011	2010
DĦUL OPERATTIV	99	140
SPEJJEŻ OPERATTIVI	(2 778)	(3 000)
BILANĊ NEGATTIV MINN ATTIVITAJIET OPERATTIVI	<b>(2 679)</b>	<b>(2 860)</b>
ATTIVITAJIET FINANZJARJI	(21)	95
EŻITU EKONOMIKU TAS-SENA	<b>(2 700)</b>	<b>(2 765)</b>

### 11.2.2 L-Iskema ta' Assigurazzjoni tal-Mard

L-Iskema ta' Assigurazzjoni tal-Mard hija l-iskema li tipprovdī assigurazzjoni medika lill-personal tad-diversi korpi tal-Unjoni Ewropea. Il-fondi tal-Iskema huma proprjetà tagħha stess u mhumiex kontrollati mill-Unjoni Ewropea, għalkem l-assi finanzjarji tagħha huma ġestiti mill-Kummissjoni. L-Iskema hija ffinanzjata minn kontribuzzjonijiet mill-membri tagħha (il-personal) u mill-impiegatū (il-Istittuzzjoniċċi/Aġenziji/korpi). Kull bilanċ pożittiv jibq'a' ġewwa l-Iskema.

L-iskema għandha erba' entitajiet separati – l-iskema ewlenija li tkopri l-persunal tal-Istituzzjonijiet, l-Aġenċiji tal-Unjoni Ewropea, u tliet skemi iżgħar li jkopru l-persunal tal-Università Ewropea ta' Firenze, l-iskejjel Ewropej u l-persunal li jaħdem barra l-UE bħall-persunal fid-delegazzjonijiet tal-UE. L-assi totali tal-Iskema fil-31 ta' Diċembru 2011 ammontaw għal total ta' EUR 294 miljun (2010: EUR 286 miljun).

#### **11.2.3 Il-Fond ta' Garanzija tal-Parteċipanti (PGF)**

Xi ammonti tal-prefinanzjament imħalla taħt is-7 Programm ta' Qafas għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku (FP7) huma effettivavent koperti minn Fond ta' Garanzija tal-Parteċipanti (PGF).

Dan huwa strument ta' benefiċċju reċiproku stabbilit sabiex ikopri r-riskji finanzjarji tal-UE u l-parteċipanti matul l-implementazzjoni tal-azzjonijiet indiretti tal-FP7, u l-kapital u l-imgħax tiegħu jikkostitwixxu sigurtà għall-implementazzjoni. Il-parteċipanti kollha fl-azzjonijiet indiretti li jieħdu l-forma ta' għotja jikkontribwi xixxu 5% tal-kontribuzzjoni totali tal-UE għall-kapital tal-PGF sakemm iddum l-azzjoni. Bħala tali l-parteċipanti huma s-sidien tal-PGF, u l-UE (rrappreżentata mill-Kummissjoni) hija l-ġġaż-żebbu tagħhom. Fit-tmiem ta' azzjoni indiretta, il-parteċipanti għandhom jirkupraw il-kontribuzzjoni sħiħa tagħhom għall-kapital b'mod sħiħ, ħliet meta l-PGF isofri telf dovut għal beneficijari inadempjenti – u, f'dan il-każ, il-parteċipanti għandhom jirkupraw, bħala minimu, 80% tal-kontribuzzjoni tagħhom. Għalhekk, il-PGF jiggarrantixxi l-interess finanzjarju kemm tal-UE kif ukoll tal-parteċipanti.

Sal-31 ta' Diċembru 2011, il-PGF kellu assi totali ta' EUR 1 171 miljun (2010: EUR 879 miljun). Il-fondi tal-PGF huma l-proprietà tiegħu stess u mhumiex ikkontrollati mill-Unjoni Ewropea, anki jekk l-assi finanzjarji tiegħu huma amministrati mill-Kummissjoni.

## PARTI II

**Rapporti konsolidati dwar l-implementazzjoni tal-baġit u noti ta' spjega****WERREJ**

	<i>Pagina</i>
<b>Rapporti konsolidati dwar l-implementazzjoni tal-baġit:</b>	
1. Eżitu tal-baġit tal-UE .....	98
2. Eżitu tal-baġit tal-UE 94 2. Dikjarazzjoni tal-paragun tal-baġit u l-ammonti attwali .....	98
<b>Dħul:</b>	
3. Sommarju tal-implementazzjoni tad-dħul tal-baġit .....	101
<b>Nefqa:</b>	
4. Analiżi u bidliet fl-appropriazzjonijiet ta' impenn u għal pagamenti b'intestatura tal-qafas finanzjarju .....	102
5. Implementazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' impenn skont l-intestatura tal-qafas finanzjarju .....	103
6. Implementazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagamenti skont l-intestatura tal-qafas finanzjarju .....	103
7. Il-movimenti fl-impenji pendenti skont l-intestatura tal-qafas finanzjarju .....	104
8. Analiżi tal-kummenti pendenti skont is-sena tal-oriġini skont l-intestatura tal-qafas finanzjarju .....	105
9. Analiżi u tibdili fl-impenji u l-appropriazzjonijiet ta' pagamenti skont il-qasam ta' politika .....	105
10. Implementazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' impenn skont il-qasam ta' politika .....	107
11. Implementazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' pagamenti skont il-qasam ta' politika .....	109
12. Movimenti fl-impenji pendenti skont il-qasam ta' politika .....	111
13. Analiżi tal-impenji pendenti skont is-sena tal-oriġini skont il-qasam ta' politika .....	113
<b>Istituzzjonijiet:</b>	
14. Sommarju tal-implementazzjoni tad-dħul tal-baġit skont l-Istituzzjoni .....	114
15. Implementazzjoni tal-appropriazzjonijiet ta' impenn u għal pagamenti skont l-Istituzzjoni .....	115
<b>Aġenziji:</b>	
16. Dħul tal-aġenzja: previżjonijiet tal-baġit, intitolamenti u ammonti riċevuti .....	117
17. Appropriazzjonijiet ta' impenn u għal pagamenti skont l-Aġenzija .....	118
18. Eżitu tal-baġit inklużi l-Aġenziji .....	119
<b>Noti ta' spjega mar-rapporti konsolidati dwar l-implementazzjoni tal-baġit:</b>	
1. Prinċipi, struttura u appropriazzjonijiet tal-baġit .....	120
2. Spjega tar-rapporti konsolidati dwar l-implementazzjoni tal-baġit .....	122

**IMPLEMENTAZZJONI TAL-BAĠIT<sup>(1)</sup>****RIŻULTAT TAL-IMPLEMENTAZZJONI TAL-BAĠIT TAL-UE**

1: EŻITU TAL-BAĠIT TAL-UE

UNJONI EWROPEA	2011	2010	EUR miljuni
Dħul għas-sena finanzjarja	<b>130 000</b>	<b>127 795</b>	
Pagamenti kontra l-appropjazzjonijiet tas-sena attwali	<b>(128 043)</b>	<b>(121 213)</b>	
Appropjazzjonijiet ta' pagament riportati għas-sena N+1	<b>(1 019)</b>	<b>(2 797)</b>	
Kanċellazzjoni ta' appropjazzjonijiet ta' pagamenti mhux użati riportati mis-sena N-1	<b>457</b>	<b>741</b>	
Differenzi fil-kambju għas-sena	<b>97</b>	<b>23</b>	
<b>Eżitu tal-baġit<sup>(1)</sup></b>	<b>1 492</b>	<b>4 549</b>	

<sup>(1)</sup> Li minnhom, l-ammonti tal-EFTA jilħqu total ta' EUR (5) miljun fl-2011 u EUR 9 miljun fl-2010.

Il-bilanċ pożittiv tal-baġit għall-Unjoni Ewropea jintrad lura lill-Istati Membri matul is-sena ta' wara permezz ta' tnaqqis tal-ammonti dovuti minnhom għal dik is-sena.

**2. DIKJARAZZJONI TAL-PARAGUN TAL-BAĠIT U L-AMMONTI ATTWALI****DĦUL**

Titolu	Baġit Oriġinali	Baġit Finali	Intitolamenti stabiliti	Dħul	Differenza Finali-Attwali	Dħul bħala % tal-baġit	Pendenti	EUR miljuni
	1	2	3	4	5 = 2 - 4	6 = 4/2	7 = 3 - 4	
1. Riżorsi propri	125 106	118 289	118 193	118 164	125	99,89 %	29	
3. Bilanċi pożittivi, bilanċi u aġġustamenti	0	6 354	6 472	6 370	(16)	100,25 %	102	
4. Dħul li ġej minn persuni li jaħdmu mal-istituzzjonijiet u ma' korpi oħrajin tal-Unjoni	1 182	1 182	1 213	1 207	(25)	102,12 %	6	
5. Dħul li ġej mill-operazzjoni amministrattiva tal-istituzzjonijiet	56	56	609	587	(531)	1 048,48 %	22	
6. Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet b'rabta mal-ftehimiet u l-programmi tal-Unjoni/Komunità	30	82	2 745	2 454	(2 372)	2 993,28 %	291	
7. Imġħax fuq pagamenti u multi mħallsa tard	123	733	13 943	1 183	(450)	161,37 %	12 761	
8. Operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self	0	0	159	1	0		159	
9. Dħul mixxellanju	30	30	44	34	(4)	111,86 %	11	
<b>Total</b>	<b>126 527</b>	<b>126 727</b>	<b>143 380</b>	<b>130 000</b>	<b>(3 273)</b>	<b>102,58 %</b>	<b>13 380</b>	

<sup>(1)</sup> Għandu jiġi nnotat li minħabba t-tqarrib tal-figuri għall-eqreb numru shiħi f'miljuni ta' euro, jista' jidher li xi dejta finanzjarja f'dawn it-tabelli baġitarji ma taqbilx fl-ġħadd finali

## NEFQA – SKONT L-INTESTATURA TAL-QAFAS FINANZJARJU

EUR miljuni

Intestatura tal-qafas finanzjarju	Baġit Oriġinali	Baġit Finali (1)	Pagamenti li saru	Differenza Finali-Attuali	%	Appropjazzjonijiet riportati	Appropjazzjonijiet li jiskadu
	1	2	3	4 = 2 - 3	5 = 3/2	6	7 = 2 - 3 - 6
1. Tkabbir sostenibbli	53 280	56 982	54 732	2 251	96,05 %	2 051	199
2. Preservazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali	56 379	58 887	57 374	1 513	97,43 %	1 416	97
3. Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja	1 459	2 008	1 827	181	91,00 %	144	37
4. L-UE bħala attur globali	7 238	7 366	7 102	264	96,42 %	145	118
5. Amministrazzjoni	8 172	9 716	8 359	1 357	86,03 %	1 012	345
6. Kumpensi							
<b>Total</b>	<b>126 527</b>	<b>134 960</b>	<b>129 395</b>	<b>5 565</b>	<b>95,88 %</b>	<b>4 768</b>	<b>797</b>

(1) inklusi appropjazzjonijiet riportati u dħul assenjat

## NEFQA – SKONT IL-QASAM TA' POLITIKA

EUR miljuni

Qasam ta' politika	Baġit Oriġinali	Baġit Finali (1)	Pagamenti li saru	Differenza Finali-attuali	%	Appropjazzjonijiet riportati	Appropjazzjonijiet li jiskadu
	1	2	3	4 = 2 - 3	5 = 3/2	6	7 = 2 - 3 - 6
01 Affarijiet ekonomiċi u finanzjarji	341	443	389	54	87,76 %	9	46
02 Intrapriża	1 210	1 485	1 336	149	89,99 %	123	25
03 Kompetizzjoni	93	104	94	10	90,73 %	9	1
04 Impieggi u affarijiet soċjali	9 163	10 498	10 392	106	98,99 %	75	30
05 Agrikoltura u żvilupp rurali	55 269	57 784	56 342	1 442	97,50 %	1 406	35
06 Mobilità u trasport	1 142	1 217	1 114	103	91,53 %	77	26
07 Ambjent u Azzjoni favur il-klima	390	379	332	47	87,54 %	24	23
08 Riċerka	4 117	5 476	4 604	872	84,08 %	861	10
09 Is-soċjetà tal-informazzjoni u l-midja	1 334	1 741	1 489	252	85,51 %	250	2
10 Riċerka diretta	396	832	441	391	53,01 %	384	6
11 Sajd u affarijiet marittimi	771	812	772	40	95,08 %	5	35
12 Suq intern	93	104	95	9	91,52 %	8	1
13 Politika regionali	33 317	33 052	32 995	57	99,83 %	51	5
14 Tassazzjoni u unjoni doganali	115	133	123	10	92,20 %	9	1
15 Edukazzjoni u kultura	1 996	2 725	2 414	310	88,62 %	305	5

Qasam ta' politika	Baġit Oriġinali	Baġit Finali (l)	Pagamenti li saru	Differenza Finali-attwali	%	Appropriazzjonijiet riportati	Appropriazzjonijiet li jiskadu
	1	2	3	4 = 2 - 3	5 = 3/2	6	7 = 2 - 3 - 6
16 Komunikazzjoni	253	279	259	21	92,61 %	17	4
17 Saħħa u ħarsien tal-konsumatur	596	659	623	37	94,40 %	27	10
18 Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja	885	1 014	944	70	93,10 %	40	30
19 Relazzjonijiet esterni	3 385	3 462	3 313	148	95,72 %	66	82
20 Kummerċ	104	113	104	8	92,51 %	8	1
21 Żvilupp u relazzjonijiet mal-Istati AKP	1 480	1 583	1 513	71	95,54 %	43	27
22 Tkabbir	1 013	970	928	42	95,63 %	38	4
23 Għajnuna umanitarja	839	1 090	1 068	22	97,96 %	10	12
24 Il-ġlieda kontra l-frodi	75	83	71	12	85,96 %	7	4
25 Koordinazzjoni tal-politika tal-Kummissjoni u konsulenza legali	191	221	197	24	89,07 %	21	4
26 Amministrazzjoni tal-Kummissjoni	1 017	1 274	1 063	211	83,45 %	196	15
27 Baġit	69	73	60	13	82,01 %	12	1
28 Awditjar	11	13	12	1	91,58 %	1	0
29 Statistiki	124	159	134	25	84,26 %	19	6
30 Pensjonijiet u nefqa relatata	1 278	1 273	1 257	16	98,75 %	0	16
31 Servizzi Lingwistiċi	393	501	442	60	88,11 %	56	3
32 Enerġija	1 535	1 087	963	123	88,63 %	44	79
40 Riżervi	100	0	0	0	0,00 %	0	0
90 Istituzzjonijiet Oħra	3 428	4 321	3 512	809	81,27 %	565	245
<b>Total</b>	<b>126 527</b>	<b>134 960</b>	<b>129 395</b>	<b>5 565</b>	<b>95,88 %</b>	<b>4 768</b>	<b>797</b>

(l) inklużi appropriazzjonijiet riportati u dħul assenjat

## 3. SOMMARJU TAL-IMPLEMENTAZZJONI TAD-DĦUL TAL-BAĠIT

EUR miljuni

Titolu	Approprijazzjonijiet tad-dħul		Intitolamenti stabbiliti			Dħul			Dħul bħala % tal-baġit	Pendenti
	Inizjali	Finali	Sena attwali	Riportati	Total	Fuq intitolamenti tas-sena attwali	Fuq intitolamenti riportati	Total		
1. Riżorsi propriji	125 106	118 289	118 111	81	118 193	118 121	43	118 164	99,89 %	29
3. Bilanċi pożittivi, bilanċi u aġġustamenti	0	6 354	6 308	164	6 472	6 308	62	6 370	100,25 %	102
4. Dħul li ġej minn persuni li jaħdmu mal-istituzzjonijiet u ma' korpi oħrajn tal-UE	1 182	1 182	1 206	7	1 213	1 201	6	1 207	102,12 %	6
5. Dħul minn operazzjonijiet amministrattivi ta' istituzzjonijiet	56	56	591	18	609	573	14	587	1 048,48 %	22
6. Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet b'rabta ma' ftehimiet u programmi tal-komunità	30	82	2 470	275	2 745	2 313	141	2 454	2 993,28 %	291
7. Imgħax fuq pagamenti u multi mħallsa tard	123	733	50	13 893	13 943	(172)	1 355	1 183	161,37 %	12 761
8. Operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self	0	0	37	122	159	1	0	1	195,64 %	159
9. Dħul mixxellanju	30	30	34	10	44	30	4	34	111,86 %	11
<b>Total</b>	<b>126 527</b>	<b>126 727</b>	<b>128 808</b>	<b>14 572</b>	<b>143 380</b>	<b>128 374</b>	<b>1 626</b>	<b>130 000</b>	<b>102,58 %</b>	<b>13 380</b>

**Titolu tad-Dettall 1: Riżorsi propriji**

Kapitolu	Approprijazzjonijiet tad-dħul		Intitolamenti stabbiliti			Dħul			Dħul bħala % tal-baġit	Pendenti
	Inizjali	Finali	Sena attwali	Riportati	Total	Fuq intitolamenti tas-sena attwali	Fuq intitolamenti riportati	Total		
11. Imposti fuq iz-zokkor	123	123	132	0	132	132	0	132	106,75 %	0
12. Dazji doganali	16 654	16 544	16 593	81	16 675	16 603	43	16 646	100,62 %	29
13. VAT	13 787	14 126	14 077	0	14 077	14 077	0	14 077	99,65 %	0
14. DNG	94 542	87 497	87 259	0	87 259	87 259	0	87 259	99,73 %	0
15. Korrezzjoni ta' żbilanċi baġitarji	0	0	52	0	52	52	0	52		0
16. Tnaqqis ta' kontribuzzjonijiet ibbażati fuq id-DNG ta' NL u S	0	0	(1)	0	(1)	(1)	0	(1)		0
<b>Total</b>	<b>125 106</b>	<b>118 289</b>	<b>118 111</b>	<b>81</b>	<b>118 193</b>	<b>118 121</b>	<b>43</b>	<b>118 164</b>	<b>99,89 %</b>	<b>29</b>

## Titolu tad-Dettall 3: Eċċessi, bilanċi u aġġustamenti

Kapitolu	Appropriazzjonijiet tad-dħul		Intitolamenti stabbiliti			Dħul			Dħul bħala % tal-baġit	Pendenti
	Iniziali	Finali	Sena attwali	Riportati	Total	Fuq intitolamenti tas-sena attwali	Fuq intitolamenti riportati	Total		
30. Bilanċ pożittiv mis-sena ta' qabel	0	4 539	4 539	0	4 539	4 539	0	4 539	100,00 %	0
31. Bilanċi mill-VAT	0	673	680	37	717	680	14	694	103,11 %	23
32. Bilanċi mid-DNG	0	1 142	1 135	128	1 263	1 135	48	1 183	103,64 %	80
34. Aġġustament għan-nuqqas ta' parteċipazzjoni fil-JHAP	0	0	0	0	0	0	0	0		0
35. Il-korrezzjoni tar-Renju Unit - aġġustamenti	0	0	(46)	0	(46)	(46)	0	(46)		0
<b>Total</b>	<b>0</b>	<b>6 354</b>	<b>6 308</b>	<b>164</b>	<b>6 472</b>	<b>6 308</b>	<b>62</b>	<b>6 370</b>	<b>100,25 %</b>	<b>102</b>

## 4. ANALIŻI U BIDLIET FL-APPROPRJAZZJONIJET TA' IMPENN U GĦAL PAGAMENTI SKONT L-INTESTATURA TAL-QAFAS FINANZJARJU

EUR miljuni

Intestatura tal-qafas finanzjarju	Appropriazzjonijiet ta' impenn						Appropriazzjonijiet ta' pagament					
	Appropriazzjonijiet adottati	Modifikasi (Trasferimenti u AB)	Riportati	Dħul assen-jat	Total addizzjonali	Total awtorizzati	Appropriazzjonijiet adottati	Modifikasi (Trasferimenti u AB)	Riportati	Dħul assen-jat	Total addizzjonali	Total awtorizzati
1	2	3	4	5 = 3 + 4	6 = 1 + 2 + 5	7	8	9	10	11 = 9 + 10	12 = 7 + 8 + 11	
L-implementazzjoni tal-baġit hija rregolata mir-Regolament Finanzjarju, li l-Artikolu 48(1) tiegħu jgħid: “il-Kummissjoni għandha timplimenta ... il-baġit skont dan ir-Regolament, fuq ir-responsabbiltà tagħha stess u fil-limiti tal-approprijazzjonijiet awtorizzati.” L-Artikolu 50 jgħid li l-Kummissjoni għandha tagħti lill-Istiuzzjonijiet il-poteri meħtieġa għall-implementazzjoni tat-taqsimiet tal-baġit li jikkonċernaw lilhom.

#### 1.6 IMPENJI PENDENTI (RAL)

Bl-introduzzjoni tal-approprijazzjonijiet differenzjati, żviluppat diskrepanza bejn l-impenji li ttieħdu u l-ħlasijiet imwettqa: din id-differenza, li tikkorrispondi mal-impenji pendenti, tirrappreżenta d-differenza ta' żmien bejn meta jittieħdu l-impenji u meta jsiru l-ħlasijiet li jikkorrispondu magħħom.

### 2. SPJEGA TAR-RAPPORTI KONSOLIDATI DWAR L-IMPLEMENTAZZJONI TAL-BAĠIT

#### 2.1 EŻITU TAL-BAĠIT GĦAS-SENA (*Tabella 1*)

##### 2.1.1 Čgenerali

L-ammonti ta' riżorsi proprii mdaħħla fil-kontijiet huma dawk kreditati matul is-sena għall-kontijiet miftuħa fisem il-Kummissjoni mill-gvernijiet tal-Istati Membri. Id-dħul jinkludi wkoll, fil-każ ta' bilanċ pożittiv, l-eżitu tal-baġit għas-sena finanzjarja preċedenti. Id-dħul l-ieħor imdaħħal fil-kontijiet huwa l-ammont fil-fatt irċevut matul is-sena.

Għall-iskopijiet tal-kalkolu tar-riżultat tal-eżekuzzjoni tal-baġit għas-sena, in-nefqa tinkludi l-ħlasijiet magħ-mula mill-approprijazzjonijiet ta' pagamenti għas-sena flimkien mal-approprijazzjonijiet għal dik is-sena li huma riportati għas-sena ta' wara. Pagamenti magħmula kontra l-approprijazzjonijiet ta' pagament għas-sena jfissru pagamenti li jsiru mill-uffiċċjal tal-kontabilità sal-31 ta' Diċembru tas-sena finanzjarja. Fil-każ tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija, il-pagamenti huma dawk li saru mill-Istati Membri bejn is-16 ta' Ottubru N-1 u l-15 ta' Ottubru N, sakemm l-uffiċċjal tal-kontabilità kien notifikat bl-impenn u l-awtorizzazzjoni sal-31 ta' Jannar N+1. In-nefqa tal-FAEG tista' tkun suġġetta għal deċiżjoni ta' konformità wara kontrolli fl-Istati Membri.

Ir-riżultat tal-eżekuzzjoni tal-baġit jinkludi żewġ elementi: ir-riżultat tal-Unjoni Ewropea u r-riżultat tal-parteċipazzjoni tal-pajjiżi tal-EFTA li huma fiż-ŻEE. Fkonformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 1150/2000 dwar ir-riżorsi propri, dan ir-riżultat tal-eżekuzzjoni jirrappreżenta d-differenza bejn:

- id-dħul totali riċevut għal dik is-sena;
- u l-pagamenti totali li saru kontra l-appropriazzjonijiet għal dik is-sena flimkien mal-ammont totali tal-appropriazzjonijiet għal dik is-sena riportati għas-sena ta' wara.

Dawn li ġejjin huma miżjudha mal-figura li tirriżulta jew imnaqqsa minnha:

- il-bilanċ nett tal-kanċellazzjonijiet ta' appropriazzjonijiet ta' pagamenti riportati mis-snin ta' qabel u kull pagament li, minħabba ċ-ċaqliq fir-rata tal-euro, ikun akbar mill-appropriazzjonijiet mhux differenzjati riportati mis-sena ta' qabel;
- il-bilanċ tal-qligħ u t-telf mir-rati tal-kambju rreġistrati matul is-sena.

**L-eżitu tal-baġit jingħata lura lill-Istati Membri matul is-sena sussegwenti permezz ta' tnaqqis mill-ammonti dovuti minnhom għal dik is-sena finanzjarja.**

L-appropriazzjonijiet riportati mis-sena finanzjarja ta' qabel fir-rigward ta' kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi u ħidmiet għalihom, li min-natura tagħhom qatt ma jiskadu, huma inklużi mal-appropriazzjonijiet addizzjonali għas-sena finanzjarja. Dan jiispjega d-differenza bejn it-trasferimenti mis-sena ta' qabel fid-dikjarazzonijiet tal-implementazzjoni tal-baġit tal-2011 u dawk trasferiti għas-sena ta' wara fid-dikjarazzonijiet tal-implementazzjoni tal-baġit tal-2010. L-appropriazzjonijiet ta' pagamenti biex jerġgħu jintużaw u l-appropriazzjonijiet li jerġgħu jkunu disponibbli wara l-ħlas lura tal-ħlasijiet akkont mhumiex ikkalkulati meta jkun qed jinħadem ir-riżultat tal-eżekuzzjoni għas-sena.

L-appropriazzjonijiet ta' pagament riportati jinkludu: riporti awtomatiċi u riporti b'deċiżjoni. Il-kanċellazzjoni ta' appropriazzjonijiet ta' pagament mhux użati riportati mis-sena ta' qabel turi t-tħassir ta' appropriazzjonijiet riportati awtomatikament u b'deċiżjoni. Dan jinkludi wkoll it-tnaqqis fl-appropriazzjonijiet fuq dħul assenjat riportati għas-sena ta' wara meta mqabbel mal-2010.

### 2.1.2 Ir-rikonċilazzjoni tal-eżitu tal-baġit mar-riżultat ekonomiku

Ir-riżultat ekonomiku għas-sena huwa kkalkulat abbażi tal-prinċipi tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti. L-eżitu tal-baġit huwa madankollu bbażat fuq ir-regoli tal-kontabilità bbażata fuq il-ħlasijiet immodifikati, fkonformità mar-Regolament Finanzjarju. Minħabba li dawn huma t-tnejn li huma r-riżultat tal-istess tranżazzjonijiet, huwa kontroll utli li jiġi aċċertat li huma rikonċiljabbi. It-tabella ta' hawn fuq turi din ir-rikonċilazzjoni, u tenfasizza l-ammonti ewlenin tar-rikonċilazzjoni, maqsuma bejn il-partiti tad-dħul u l-infiq.

#### RIKONĊILAZZJONI: RIŻULTAT EKONOMIKU – EŻITU TAL-BAĠIT

	EUR miljuni	
	2011	2010
<b>EŻITU EKONOMIKU GĦAS-SENA</b>	<b>(1 789)</b>	<b>17 232</b>
<b>Dħul</b>		
Intitolamenti stabbiliti fis-sena attwali iżda li għadhom ma nġabru	(371)	(3 132)
Intitolamenti stabbiliti fis-snin preċedenti u miġbura fis-sena attwali	2 072	1 346
Introjtu dovut (nett)	(236)	(371)
<b>Nefqa</b>		
Spejeż dovuti (netti)	3 410	(7 426)
Spejeż tas-sena preċedenti mħallsa fis-sena attwali	(936)	(386)
Effett nett tal-prefinanzjament	1 131	(678)

	EUR miljuni	
	2011	2010
Appropriazzjonijiet ta' pagament riportati għas-sena ta' wara'	(1 211)	(2 798)
Pagamenti magħmula minn ammonti riportati u tħassir ta' Appropriazzjonijiet ta' pagament mhux użati	2 000	1 760
Moviment fil-provvedimenti	(2 109)	(323)
Oħrajn	(378)	(257)
<b>Riżultat ekonomiku tal-Aġenziji u l-KEFA</b>	(91)	(418)
<b>Eżitu tal-baġit għas-sena</b>	<b>1 492</b>	<b>4 549</b>

### Il-partiti ta' rikonċiljazzjoni - Dħul

Id-dħul baġitarju effettiv għal sena finanzjarja jikkorrispondi għad-dħul migħbur minn intitolamenti stabbiliti matul il-kors tas-sena u ammonti miġbura minn intitolamenti stabbiliti fis-snin ta' qabel. Għalhekk, **l-intitolamenti stabbiliti matul is-sena attwali iżda li għadhom mhux miġbura** għandhom jitnaqqsu mill-eżiġi ekonomiku għall-finijiet tar-rikonċiljazzjoni għax ma jiffurmawx parti mid-dħul baġitarju. Għall-kuntrarju, **l-intitolamenti stabbiliti fis-snin ta' qabel u miġbura matul is-sena attwali** għandhom jiżdiedu mar-riżultat ekonomiku għall-finijiet tar-rikonċiljazzjoni.

**L-introjtu dovut nett** jikkonsisti l-aktar fintrojtu dovut għall-imposti agrikoli, ir-riżorsi propri u l-imgħax u d-dividendi. Jitqies biss l-effett nett, jiġifieri l-introjtu dovut għas-sena attwali bl-introjtu dovut mit-treġgħiġ lura mis-sena ta' qabel imnaqqas minnu.

### Il-partiti tar-rikonċiljazzjoni - Spejjeż

**L-ispejjeż dovuti netti** jikkonsisti l-aktar f'dovuti magħmula għall-finijiet tal-għeluq fl-aħħar tas-sena, jiġifieri spejjeż eliġibbli mġarra mill-benefiċjarji tal-fondi tal-UE iżda li jkunu għadhom mhux irrapportati lill-Kummissjoni.

Filwaqt li l-ispejjeż dovuti mhumiex meqjusin bħala nefqa tal-baġit, **il-ħlasijiet magħmula fis-sena attwali fir-rigward tal-fatturi rreġistrati matul is-snin preċedenti** huma parti min-nefqa baġitarja tas-sena attwali.

**L-effett nett tal-prefinanzjament** huwa taħlita ta' (1) l-ammonti l-ġodda tal-prefinanzjament imħallsa matul is-sena attwali u rikonoxxuti bħala nfiq baġitarju għas-sena u (2) ir-rilaxx tal-prefinanzjament imħallas fis-sena attwali jew fis-snin preċedenti billi jiġu aċċettati l-ispejjeż eliġibbli. Dawn tal-aħħar jirappreżentaw spiżza ftermini tad-dovuti iżda mhux fil-kontijiet tal-baġit ladarba l-ħlas tal-prefinanzjament inizjali diġà kien ġie kkunsidrat bħala nefqa baġitarja fiż-żmien ta' meta tħallas.

Minbarra l-ħlasijiet magħmula kontra l-appropriazzjonijiet tas-sena, l-appropriazzjonijiet għal dik is-sena li huma **riportati għas-sena ta' wara'** jridu wkoll jitqiesu biex jiġi kkalkulat l-eżitu tal-baġit għas-sena (f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 1150/2000). L-istess japplika għall-ħlasijiet tal-baġit magħmula matul is-sena attwali minn **ammonti riportati u t-tħassir ta' appropriazzjonijiet ta' pagament mhux użati**.

**Il-moviment fil-provvedimenti** għandu x'jaqsam mal-istimi ta' tmiem is-sena magħmulin fil-kontijiet ibbażati fuq id-dovuti (l-aktar beneficijji tal-impiegati) li m'għandhomx impatt fuq il-kontijiet tal-baġit. **Ammonti oħrajn ta' rikonċiljazzjoni** jikkonsisti felementi differenti bħad-deprezzament tal-assi, l-akkwisti tal-assi, il-ħlasijiet tal-lokazzjoni kapitali u l-parteċipazzjonijiet finanzjarji li għalihom it-trattament tal-baġit u tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti huma differenti.

## 2.2 TQABBIL TAL-AMMONTI TAL-BAĠIT U DAWK ATTWALI (Tabella 2)

Fil-baġit inizjali adottat, iffirmsat mill-President tal-Parlament Ewropew fis-17 ta' Diċembru 2009, l-ammont ta' appoprjazzjonijiet ta' pagamenti kien ta' EUR 126 527 miljun u l-ammont li għandu jiġi ffinanzjat mir-riżorsi propriji ammonta għal EUR 125 106 miljun. L-istimi tad-dħul u l-ispejjeż fil-baġit inizjali huma normalment aġġustati matul is-sena tal-baġit, b'dawn il-modifikasi jiġu ppreżentati f'baġits ta' emenda. Aġġustamenti fil-ħlasijiet tar-riżorsi propriji bbażati fuq id-DNG tal-Istati Membri jiżguraw li d-ħħul ibbagħit jaħalli huwa eżattament daqs l-infiq ibbagħit. Fkonformità mal-prinċipju tal-ekwilibriju, id-ħħul u l-infiq tal-baġit (appoprjazzjonijiet ta' pagamenti) għandhom ikunu f'bilanċ.

### Dħul:

Matul l-2011 ġew adottati seba' baġits emendantorji. Meta jitqiesu, id-ħħul finali totali tal-baġit tal-2011 ammonta għal EUR 126 727 miljun. Dan ġie ffinanzjat mir-riżorsi propriji li jammontaw għal EUR 118 289 miljun (b'hekk EUR 6 816 miljun inqas minn dak li kien previst inizjalment) u l-bqija minn dħul ieħor. Il-ħtieġa mnaqqsa għar-riżorsi propriji rriżultat primarjament mill-inklużjoni ta' EUR 4 539 miljun relatati mal-bilanċ pożittiv tas-sena preċedenti. Finalment, il-bidliet fil-previżjoni tad-ħħul fil-Baġit Emendantorju Nru 6/2011 irriżulta fi tnaqqis supplimentari.

F-dak li jikkonċerna l-eżitu tar-riżorsi propriji, il-ġbir tar-riżorsi propriji tradizzjonali kważi laħaq l-ammonti previsti. L-aktar għaliex l-istimi tal-baġit li kienu mmodifikati fiziż-żmien meta kien stabbilit il-Baġit Emendantorju Nru. 4/2011 (dawn żidiedu b'EUR 1 090 miljun skont il-previżjoni makroekonomiċi l-ġoddha tar-rebbiegħa 2011), reġgħu ġew emendantati fil-Baġit Emendantorju Nru 6/2011 sabiex jieħdu fkunsiderazzjoni r-rittlu attwali tal-ġġib. B'hekk, tnaqqsu minn EUR 1 200 sabiex jerġa' jiġi stabbilit kważi l-ammont oriġinali.

Il-ħlasijiet finali tal-VAT u d-DNG tal-Istati Membri wkoll kienu jikkorrispondu mill-qrib ħafna mal-istima finali tal-baġit. Id-differenzi bejn l-ammonti previsti u l-ammonti li tkom il-ħallsu realment huma spjegati permezz tad-differenzi fir-rati tal-euro użati għall-finijiet tal-baġit u r-rati fis-seħħi fiż-żmien meta dawk l-Istati Membri li ma jiffurmawx parti mill-EMU effettivament għamlu l-pagamenti tagħhom.

### Nefqa:

Is-sena 2011 kienet il-ħames sena tal-perjodu ta' programmazzjoni attwali, b'ħafna programmi kbar li raw aċċelerazzjoni fl-implementazzjoni tal-pagamenti. Madankollu, minħabba l-kuntest ġenerali tal-konsolidazzjoni fiskali fl-Istati Membri, iż-żieda ta' appoprjazzjonijiet ta' pagamenti fil-Baġit kienet waħda limitata, u wriet li mhix biżżejjed biex tissodisa l-bżonnijiet ta' pagament matul is-sena. Kienet ukoll taħt livell, li kien ikollu effett fuq it-tnejja tal-volum tal-impenji pendent (RAL = reste à liquider).

Għall-impenji, il-Baġit awtorizzat, u għaldaqstant, il-miri politiċi stabbiliti ġew implementati bis-sħiħ (99.6%) L-aġġustamenti matul is-sena kkonċernaw EUR 240 miljun għall-Fond Ewropew ta' Solidarjetà, nefqa imprevedibbli fl-għamla naturali tagħha, u EUR 41 miljun għat-Titolu 18 Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (l-iktar għall-FRONTEX). L-implementazzjoni totali ta' EUR 141 204 miljun ħalliet EUR 617 miljun mhux użati. Wara r-riport għall-2012, skada ammont ta' EUR 316 miljun, kif ukoll ir-riżerva mhux mobilizzata għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ta' EUR 371 miljun u appoprjazzjonijiet mhux użati ta' EUR 2 miljun.

L-implementazzjoni totali ta' appoprjazzjonijiet ta' pagamenti, EUR 125 145 miljun, tirrappreżenta rata ta' implementazzjoni ta' 98.8%. L-appoprjazzjonijiet totali ġew emendantati matul is-sena, b'EUR 200 miljun addizzjonal awtorizzati fil-Baġit Emendantorju Nru 6/2011 għall-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Ammont ieħor ta' EUR 253 miljun reġa' ġie allokat mill-Iż-żvilupp Rurali għall-FSE fdan il-Baġit emendantorju, u t-trasferiment DEC 52/2011 mill-awtorità tal-Baġit ipprova EUR 601 miljun oħrajn għal dan il-Fond. Minkejja dawn il-miżuri, żieda fit-talbiet ta' pagamenti fl-aħħar tliet ġimħaq tas-sena, u nuqqas tal-appoprjazzjonijiet ta' pagamenti meħtieġa, fissru li madwar EUR 11-il biljun f'talbiet mħumiex sejrin jiġi sodisfatti qabel l-2012.

L-appropriazzjonijiet ivvotati mhux użati, eskuži r-riżervi li ammontaw għal EUR 1 580 miljun (2010: EUR 3 243 miljun) u wara r-riport għall-2012, skadew total ta' EUR 560 miljun (2010: EUR 1 730 miljun), l-iktar fl-Intestaturi 2 u 4. EUR 2 miljun ta' appropriazzjonijiet ta' pagamenti transitorji baqgħu mhux użati.

Analiżi iktar dettaljata tal-aġġustamenti baġitarji, il-kuntest relevanti tagħhom, il-ġustifikazzjoni tagħhom u l-impatt tagħhom hija ppreżentata fir-Rapport tal-Kummissjoni dwar il-Ġestjoni Baġitarja u Finanzjarja 2011, Parti A "Ħarsa Ġenerali lejn il-livell tal-baġit" u l-Parti B li tittratta kull waħda mill-intestaturi tal-qafas finanzjarju multiannwali.

### 2.3 DĦUL (Tabella 3)

Id-dħul mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jista' jinqasam fżewġ kategoriji prinċipali: riżorsi proprii u dħul iċhor. Dan huwa stabbilit fl-Artikolu 311 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jgħid: "Salv kull dħul iċhor, l-istimi għandhom ikunu ffinanzjati kompletament minn riżorsi proprii." Il-biċċa l-kbira tan-nefqa tal-baġit hija ffinanzjata mir-riżorsi proprii. Id-dħul l-ieħor jirrappreżenta biss parti żgħira mill-finanzjament totali.

Hemm tliet kategoriji ta' riżorsi proprii: ir-riżorsi proprii tradizzjonali, ir-riżorsa tal-VAT u r-riżorsa tad-DNG. Ir-riżorsi proprii tradizzjonali jikkonsistu fid-dazji agrikoli, l-imposti fuq iz-zokkor u d-dazji doganali. Mekkaniżmu ta' korrezzjoni favur ir-Renju Unit kif ukoll tnaqqis gross fil-kontribuzzjoni annwali bbażata fuq id-DNG tal-Pajjiżi Baxxi u l-Isvezja jifforma wkoll parti mis-sistema tar-riżorsi proprii.

L-allokazzjoni tar-riżorsi proprii ssir skont ir-regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2007/436/KE, Euratom tas-7 ta' Ġun 2007 dwar is-sistema tar-riżorsi proprii tal-Komunitajiet Ewropej (ORD 2007). Fl-1 ta' Marzu 2009 daħlet fis-seħħi l-ORD 2007. Madankollu, daħlet fis-seħħi fl-1 ta' Jannar 2007. Konsegwentement, l-effetti retroattivi ttieħdu fkunsiderazzjoni fis-sena finanzjarja 2009.

#### 2.3.1 Riżorsi proprii tradizzjonali

Riżorsi proprii tradizzjonali: L-ammonti kollha stabbiliti ta' riżorsi proprii tradizzjonali għandhom jitniżżlu fwieħed jew iċhor mill-kontijiet miżmura mill-awtoritajiet kompetenti.

- Fil-kont ordinarju stipulat mill-Artikolu 6(3)(a) tar-Regolament Nru 1150/2000: kull ammont irkuprat jew garantit.
- Fil-kont separat stipulat mill-Artikolu 6(3)(b) tar-Regolament Nru 1150/2000: kull ammont li jkun għadu ma ġiex irkuprat u/jew garantit; ammonti garantiti imma kkontestati jistgħu jiddaħħlu wkoll f'dan il-kont.

Għall-kont separat, l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni dikjarazzjoni kull tliet xħur li tinkludi:

- il-bilanċ li għandu jiġi rkuprat matul l-istess trimestru,
- l-intitolamenti stabbiliti matul it-trimsestru inkwistjoni,
- aġġustamenti għall-bażi (korrezzjonijiet/kanċellazzjonijiet) matul l-istess trimestru,
- ammonti mħassra mill-kontijiet (li ma jistgħux ikunu disponibbli skont l-Artikolu 17(2) tar-Regolament 1150/2000),
- l-ammonti rkuprati matul l-istess trimestru,
- il-bilanċ li għandu jkun irkuprat fi tmiem l-istess trimestru.

Ir-riżorsi proprii tradizzjonali jridu jiddaħħlu fil-kont tal-Kummissjoni mat-Teżor jew mal-korp maħtur mill-Istat Membru sa mhux aktar tard mill-ewwel jum ta' xogħol wara d-dsatax-il jum tat-tieni xahar wara x-xahar li matulu jkun stabbilit l-intitolament (jew irkuprat fil-każ ta' kont separat). L-Istati Membri jżommu, bħala spejjeż tal-ġbir, 25 % tar-riżorsi proprii tradizzjonali. L-intitolamenti kontinġenti tar-riżorsi proprii huma aġġustati fuq il-bażi ta' kemm hu probabbli li jiġi rkuprati.

### 2.3.2 Riżorsi bbażati fuq il-VAT u riżorsi bbażati fuq id-DNG

Ir-riżorsi proprii bbażati fuq il-VAT joħorġu mill-applikazzjoni ta' rata uniformi, għall-Istati Membri kollha, għall-bażi tal-VAT armonizzata stabbilita skont ir-regoli tal-Artikolu 2(1)(b) tal-ORD 2007. Ir-rata uniformi hija stabbilita għal 0.30% minbarra għall-perjodu 2007-2013 li fih ir-rata tas-sejħa għall-Awstrija hija stabbilita għal 0.225, għall-Ġermanja għal 0.15 % u għall-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja għal 0.10 %. Il-bażi tal-VAT għandha limitu massimu ta' 50% tad-DNG għall-Istati Membri kollha.

Ir-riżorsa bbażata fuq id-DNG hija riżorsa varjabbli maħsuba biex tipprovd d-dħul meħtieġ, fi kwalunkwe sena partikolari, biex tkopri n-nefqa li taqbeż l-ammont miġbur minn riżorsi proprii tradizzjoni, riżorsi tal-VAT u dħul mixxellanju. Id-dħul jinkiseb mill-applikazzjoni ta' rata uniformi għad-DNG aggregat tal-Istati Membri kollha. Ir-riżorsi bbażati fuq il-VAT u d-DNG huma ddeterminati fuq il-bażi ta' previżjonijiet ta' bažiżiet tal-VAT u tad-DNG meta jkun qiegħed jitħejja l-abbozz tal-baġit preliminary. Imbagħad, dawn il-previżjonijiet jiġu riveduti; il-figuri jiġu aġġornati matul is-sena finanzjarja inkwistjoni permezz ta' baġit emendatorju.

Il-figuri attwali għall-bažiżiet tal-VAT u DNG huma disponibbli matul is-sena wara s-sena finanzjarja inkwistjoni. Il-Kummissjoni tikkalkula d-differenzi bejn l-ammont dovuti mill-Istati Membri b'referenza għall-bažiżiet attwali u s-somom attwalment imħalla fuq il-bażi tal-previżjonijiet (riveduti). Dawn il-VAT u l-bilanċi mill-VAT u d-DNG, kemm pożittivi kif ukoll negattivi, jintalbu mill-Kummissjoni mingħand l-Istati Membri għall-ewwel jum ta' ħidma ta' Diċembru tas-sena ta' wara s-sena finanzjarja inkwistjoni. Xorta jkunu jistgħu jsiru korrezzjonijiet fil-bažiżiet attwali tal-VAT u d-DNG matul l-erba' snin ta' wara, sakemm ma tinhargix riżerva. Il-bilanċi kkalkolati iktar kmieni jiġi aġġustanti u d-differenza tintalab fl-istess ħin bħala l-bilanċi mill-VAT u d-DNG għas-sena finanzjarja ta' qabel.

Meta tkun qed twettaq kontrolli tad-dikjarazzjonijiet tal-VAT u d-dejta tad-DNG, il-Kummissjoni tista' tinnotifika lill-Istati Membri b'riżervi dwar ċerti punti li jista' jkollhom konsegwenzi għall-kontribuzzjonijiet tagħhom għar-riżorsi proprii. Dawn il-punti, pereżempju, jistgħu jirriżultaw minn nuqqas ta' dejta aċċettabbli, jew il-ħtieġa li tigħiż żviluppata metodoloġija xierqa. Dawn ir-riżervi għandhom jitqiesu bħala pretenzjonijiet potenzjal fuq l-Istati Membri għal ammont mhux stabbiliti għalek l-impatt finanzjarju tagħhom ma jistax jiġi kkalkulat bi preċiżjoni. Meta l-ammont preċiż ikun jista' jiġi stabbilit, ir-riżorsi li jikkorrispondu miegħu tal-VAT u d-DNG jingħabru jew b'konnessjoni mal-bilanċi tal-VAT u d-DNG jew b'sejħa individwali għall-fondi.

### 2.3.3 Korrezzjoni tar-Renju Unit

Dan il-mekkaniżmu jnaqqas il-ħlasijiet tar-riżorsi proprii tar-Renju Unit proporzjonalment għal dak li hu magħruf bħala "l-iżbilanċ baġitarju" tagħha u jżid il-ħlasijiet tar-riżorsi proprii tal-Istati Membri l-oħra b'mod li jikkorrispondi ma' dan it-tnaqqis. Il-mekkaniżmu ta' korrezzjoni tal-iżbilanċ baġitarju favur ir-Renju Unit ġie stabbilit mill-Kunsill Ewropew ta' Fontainebleau (Ġunju 1984) u d-Deċiżjoni tar-Riżorsi Proprii tas-7 ta' Mejju 1985 li ħarġet minnu. L-iskop tal-mekkaniżmu kien li jnaqqas l-iżbilanċ baġitarju tar-Renju Unit permezz ta' tnaqqis fil-ħlasijiet tiegħu lill-UE. Il-Ġermanja, l-Awstrija, l-Isvezja u l-Pajjiżi l-Baxxi jibbenefikaw minn finanzjament imnaqqas tal-korrezzjoni (limitat għal parti waħda minn erbgħa tas-sehem normali tagħhom).

### 2.3.4 Tnaqqis gross

Il-Kunsill Ewropew tal-15 u s-16 ta' Diċembru 2005 wasal għall-konklużjoni li l-Pajjiżi l-Baxxi u l-Isvezja għandhom jibbenefikaw minn tnaqqis gross fil-kontribuzzjonijiet annwali tagħhom li huma bbażati fuq id-DNG matul il-perjodu 2007-2013. B'hekk, dan il-mekkaniżmu ta' kumpens jistipula li l-Pajjiżi l-Baxxi għandhom jibbenefikaw minn tnaqqis gross fil-kontribuzzjoni annwali tad-DNG ta' EUR 605 miljun u l-Isvezja minn tnaqqis gross fil-kontribuzzjoni annwali tad-DNG ta' EUR 150 miljun, imkejla fi prezziżjet tal-2004.

## 2.4 NEFQA (Tabelli 4 sa 13)

### 2.4.1 Qafas Finanzjarju 2007-2013

	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	EUR miljuni
1. Tkabbir sostenibbli	53 979	57 653	61 696	63 555	63 974	67 614	70 147	
2. Preservazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali	55 143	59 193	56 333	59 955	59 888	60 810	61 289	

	EUR miljuni						
	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013
3. Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja	1 273	1 362	1 518	1 693	1 889	2 105	2 376
4. L-UE bħala attur globali	6 578	7 002	7 440	7 893	8 430	8 997	9 595
5. Amministrazzjoni	7 039	7 380	7 525	7 882	8 091	8 523	9 095
6. Kumpensi	445	207	210	0	0	0	0
<b>Appropjazzjonijiet ta' impenn:</b>	<b>124 457</b>	<b>132 797</b>	<b>134 722</b>	<b>140 978</b>	<b>142 272</b>	<b>148 049</b>	<b>152 502</b>
<b>Total tal-appropjazzjonijiet ta' pagamenti:</b>	<b>122 190</b>	<b>129 681</b>	<b>120 445</b>	<b>134 289</b>	<b>133 700</b>	<b>141 360</b>	<b>143 911</b>

Din it-taqsima tiddekskrixi l-kategoriji prinċipali tan-nefqa tal-UE, ikklassifikati skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju 2007-2013. Is-sena finanzjarja tal-2011 kienet il-ħames waħda koperta mill-qafas finanzjarju 2007-2013. Il-limitu ġenerali fuq l-appropjazzjonijiet ta' impenni għall-2011 jammonta għal EUR 142 272 miljun, ekwivalenti għal 1.15 % tad-DNG. Il-limitu korrispondenti fuq l-appropjazzjonijiet ta' pagamenti jammonta għal EUR 133 700 miljun, jiġifieri 1.08 % tad-DNG. It-tabella ta' hawn fuq turi l-qafas finanzjarju bil-prezzijiet attwali.

### Intestatura 1 – Tkabbir sostenibbli

Din l-Intestatura hija maqsuma f'żewġ komponenti li huma separati, iżda marbutin bejniethom:

- 1a. Il-kompetittivitā għat-tkabbir u l-impjieg, li tkopri n-nefqa fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ, in-netwerks trans-Ewropej, il-politika soċjali, is-suq intern u l-politiki li jakkumpanjawhom.
- 1b. Il-koeżjoni għat-tkabbir u l-impjieg, imfassla sabiex issahħħah il-konverġenza tal-Istati Membri u r-reġjuni l-anqas żviluppati, sabiex tikkumplimenta l-istrateġija tal-UE għall-iżvilupp sostenibbli barra r-reġjuni li għandhom livell aktar baxx ta' prosperità u tappoġġja l-koperazzjoni interregionali.

### Intestatura 2 – Preservazzjoni u ġestjoni tar-riżorsi naturali

L-intestatura 2 tinkludi l-politiki komuni tal-agrikoltura u s-sajd, l-iżvilupp rurali u l-miżuri ambjentali, b'mod partikolari Natura 2000. L-ammont iddedikat għall-politika agrikola komuni jirrifletti l-ftiehim milħuq fil-Kunsill Ewropew ta' Brussel l-Ottubru 2002.

### Intestatura 3 – Ċittadinanza, libertà, sigurtà u ġustizzja

L-intestatura l-ġidha nru 3 (Ċittadinanza, libertà, sigurtà, u ġustizzja) tirrifletti l-importanza dejjem tikber marbuta ma' ċerti oqsma fejn l-UE ġiet allokata dmirijiet ġoddha – il-ġustizzja u l-affarrijiet interni, il-ħarsien tal-fruntieri, il-politika dwar l-immigrazzjoni u l-ażil, is-saħħa pubblika u l-ħarsien tal-konsumatur, il-kultura, iż-żgħażaq, l-informazzjoni u d-djalogu maċ-ċittadini. Hija maqsuma f'żewġ komponenti:

- 3a. Libertà, sigurtà u ġustizzja
- 3b. Ċittadinanza

### Intestatura 4 – L-UE bħala attur globali

L-intestatura 4 tkopri l-azzjoni esterna kollha, inklużi l-istumenti ta' qabel l-adeżjoni. Għalkemm il-Kummissjoni kienet ipproponiet li l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) jiġi integrat fil-qafas finanzjarju, il-Kunsill Ewropew u l-Parlament Ewropew qablu li dan jitħalla barra.

### Intestatura 5 – Amministrazzjoni

Din l-intestatura tkopri l-infıq amministrattiv tal-istituzzjonijiet kollha, il-pensionijiet u l-Iskejjel Ewropej. Għall-İstittuzzjonijiet l-oħra barra l-Kummissjoni, dawn l-ispejjeż jiffurmaw il-parti l-kbira tan-nefqa tagħ-hom, iżda l-Aġenziji u l-entitajiet l-oħra għandhom infi kemm amministrattiv kif ukoll operattiv.

## **Intestatura 6 – Kumpensi**

F'konformità mal-ftehim politiku li l-Istati Membri l-ġodda ma jsirux kontributuri netti għall-baġit fil-bidu nett tas-sħubija tagħhom, kien previst kumpens taħt din l-intestatura. Dan l-ammont kien disponibbli bħala trasferimenti lilhom sabiex jibbilanċja d-dħul u l-kontribuzzjonijiet baġitarji tagħhom.

### **2.4.2 Oqsma politiċi**

Bħala parti mill-użu tagħha tal-Ġestjoni Bbażata fuq l-Attivitajiet (ABM) il-Kummissjoni implementat Ibbagħiġtar Ibbażat fuq l-Attivitajiet (ABB) fil-proċessi tal-ippjanar u l-ġestjoni tagħha. L-ABB jinvolvi struttura tal-baġit li fiha l-intestaturi tal-baġit jikkorrispondu mal-oqsma ta' politika u l-kapitoli tal-baġit mal-attivitajiet. L-ABB jara li jipprovd qafas ċar biex jittraduċi l-għanijiet tal-politika tal-Kummissjoni fazzjoni, permezz ta' mezzu leġiżlattivi, finanzjarji jew ta' politika pubblika oħraejn. Billi x-xogħol tal-Kummissjoni jkun strutturat f'termini ta' attivitajiet, tinkiseb stampa ċara tal-impenji tal-Kummissjoni u fl-istess ħin ikun stabbilit qafas komuni għat-tfassil tal-prioritajiet. Ir-riżorsi huma allokat għall-prioritajiet matul il-proċedura tal-baġit, bl-użu tal-Attivitajiet bħala l-elementi bażiċi għall-finjiet tal-ibbagħiġtar. Billi tkun stabbilita din ir-rabta bejn l-attivitajiet u r-riżorsi allokatil lilhom, l-ABB għandu l-għan li jżid l-effiċjenza u l-effikaċċja fl-użu tar-riżorsi fil-Kummissjoni.

Qasam ta' politika jista' jiġi definit bħala grupp omoġenju ta' Attivitajiet li jikkostitwixxu partijiet tal-ħidma tal-Kummissjoni, li huma rilevanti għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Kull qasam ta' politika jikkorrispondi, b'mod ġenerali, għal DGC, u jiġibor fih medja ta' madwar 6 jew 7 attivitajiet individwali. Dawn l-oqsma ta' politika huma fil-biċċa l-kbira operattivi, peress li l-attivitajiet ċentrali tagħhom għandhom l-iskop li minnhom jibben aktar jibbenefikaw terzi, kull wieħed fl-ambitu rispettiv tal-attivit. Il-baġit operattiv jitlesta bin-nefqa amministrattiva neċċessarja għal kull qasam ta' politika.

### **2.5 ISTITUZZJONIJIET U AĠENZIJI (Tabelli 14 sa 18)**

Ir-rapporti kkonsolidati dwar l-implementazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea jinkludu, bħal fis-snini preċedenti, l-implementazzjoni tal-baġit tal-Istituzzjonijiet kollha peress li fi ħdan il-baġit tal-UE, huwa stabbilit baġit separat għal kull Istituzzjoni. L-Aġenziji m'għandhomx baġit separat fi ħdan il-baġit tal-UE u huma parżjalment iffinanzjati minn sussidju tal-baġit tal-Kummissjoni.

Dwar is-SEAE, ta' min jinnota li, minbarra l-baġit propriu tiegħu, jirċievi wkoll kontribuzzjonijiet mill-Kummissjoni (EUR 202 miljun) u l-FEŻ (EUR 50 miljun). Dawn il-krediti tal-baġit jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tas-SEAE (bħala dħul assenjat) sabiex ikopru primarjament l-ispejjeż tal-personal tal-Kummissjoni li jaħdem fid-delegazzjonijiet tal-UE, b'dawn id-delegazzjonijiet jiġu ġestiti fil-livell amministrattiv mis-SEAE.

Sabiex tkun ipprovduta d-dejta tal-baġit kollha rilevanti għall-Αġenziji, il-parti baġitarja tal-kontijiet annwali kkonsolidati tħinkludi rapporti separati dwar l-implementazzjoni tal-baġits individwali tal-āġenziji tradizzjonali kkonsolidati.

**ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI TAL-QORTI MOGĦTIJA LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL – RAPPORT TAL-AWDITUR INDIPENDENTI**

(2012/C 348/02)

I. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) il-Qorti vverifikat:

- (a) il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea li jikkonsistu fir-rapporti finanzjarji konsolidati <sup>(1)</sup> u r-rapporti konsolidati dwar l-implementazzjoni tal-baġit <sup>(2)</sup> għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011; u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

**Responsabbiltà tal-manġġment**

II. Skont l-Artikoli 310 sa 325 tat-TFUE u r-Regolament Finanzjarju, il-manġġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżen-tazzjoni ġusta tal-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati:

- (a) Ir-responsabbiltà tal-manġġment fir-rigward tal-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea tinkludi: it-tfassil, l-implementazzjoni u ż-żamma ta' kontroll intern relevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkunu ħielsa minn dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba fi frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki tal-kontabilità xierqa, abbażi tar-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni <sup>(3)</sup>; u t-tiswir ta' stimi kontabilistiċi li jkunu raġonevoli skont iċ-ċirkostanzi. Skont l-Artikolu 129 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni tapprova l-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea wara li l-uffiċċjal tal-kontijiet (kontabilità) tal-Kummissjoni jkun ikkonsolidahom abbażi tal-informazzjoni ppreżentata mill-istituzzjonijiet u l-korpi l-oħra u jkun stabbilixxa nota, li takkumpanja lill-kontijiet konsolidati, li tiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu assigurazzjoni raġonevoli li jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni Ewropea fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Il-mod li bih il-manġġment iħaddem ir-responsabbiltà tiegħu biex jiżgura l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi jiddependi fuq il-metodu ta' implementazzjoni tal-baġit previst fir-Regolament Finanzjarju. Il-kompieti ta' implementazzjoni għandhom jikkonformaw mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba, li jeħtieġ tfassil, implementazzjoni u żamma ta' kontroll intern effettiv u effiċċienti li jinkludi miżuri ta' sorveljanza adegwati u xierqa biex jiġu evitati l-irregolaritajiet u l-frodi u, jekk ikun meħtieġ, jintużaw proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa b'mod ħażin jew użati b'mod mhux korrett. Ikuu xi jkun il-metodu ta' implementazzjoni applikat, il-Kummissjoni terfa' r-responsabbiltà finali għal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-Unjoni Ewropea (l-Artikolu 317 tat-TFUE).

**Responsabbiltà tal-awditure**

III. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li tipprovdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, abbażi tal-verifika tagħha, b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Il-Qorti mexxiet l-awditu (verifika) tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar (Verifika) u l-Kodiċiċjet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-İstittuzzjonijiet Supremi tal-Verifika tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġi li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu (verifika) biex tikseb aċċertament (assigurazzjoni) raġonevoli dwar jekk il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

<sup>(1)</sup> Ir-rapporti finanzjarji konsolidati jinkludu l-karta tal-bilanċ, il-kont tar-riżultat ekonomiku, it-tabella tal-likwidità, ir-rapport tat-tibdin fl-attivi netti u sommarju tal-politiki tal-kontabilità sinifikanti u noti oħra ta' spiegazzjoni (inkluż ir-rappurtar fuq is-segmenti).

<sup>(2)</sup> Ir-rapporti konsolidati dwar l-implementazzjoni tal-baġit jinkludu r-rapporti konsolidati dwar l-implementazzjoni tal-baġit u sommarju tal-prinċipji baġitarji u noti oħra ta' spiegazzjoni.

<sup>(3)</sup> Ir-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni huma meħudin mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fl-assenza ta' dawn, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabilità (IAS)/ l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord Internazzjonali tal-Istandards tal-Kontabilità. Skont ir-Regolament Finanzjarju, ir-rapporti finanzjarji konsolidati għas-sena finanzjarja 2011 kienu ppreparati (bħalma kienu sa mis-sena finanzjarja 2005) abbażi ta' dawn ir-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni, li Jadattaw il-prinċipji tal-kontabilità bbażata fuq id-dovuti għall-ambjent spċificu tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li r-rapporti konsolidati dwar l-implementazzjoni tal-baġit għadhom ibbażati primarjament fuq il-moviment tal-flus.

IV. Awditu (Verifika) jinvolvi t-twettiq ta' proċeduri sabiex tinkiseb evidenza tal-awditjar (verifika) dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet (żvelar) fil-kontijiet konsolidati u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati. Il-proċeduri jintgħażlu skont il-ġudizzju tal-awditur, inkluża valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijet konsolidati u ta' nuqqas ta' konformità materjali tat-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti tal-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawk ir-riskji, l-awditur iqis il-kontroll intern relevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet konsolidati u tas-sistemi ta' sorveljanza u kontroll implimentati biex ikunu aċċertati (żgurati) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, sabiex ifassal il-proċeduri tal-awditjar (verifika) li jkunu xierqa skont iċ-ċirkostanzi. Awditu (Verifika) jinkludi wkoll evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-politiki kontabilistiċi li jkunu qed jiġu applikati u r-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi magħmula, kif ukoll evalwazzjoni tal-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet konsolidati u r-rapporti ta' attivitā annwali.

V. Fil-kuntest tad-dħul, il-verifika mill-Qorti tar-riżorsi proprii bbażati fuq it-taxxa fuq il-valur miżjud u fuq l-introjtu nazzjonali gross, tieħu bħala l-punt tat-tluq tagħha, il-wasla għand il-Kummissjoni tal-aggregati makroekonomiċi mħejjija mill-Istati Membri, u mbagħad tivvaluta s-sistemi tal-Kummissjoni għall-ipproċessar tad-data sakemm jiġi inklużi fil-kontijiet konsolidati u sakemm il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri jkunu ġew irċevuti. Għar-riżorsi proprii tradizzjonali, il-Qorti teżamina l-kontijet tal-awtoritajiet doganali u tanalizza l-fluss tad-dazji sakemm l-ammonti jiġi rreġistrati fil-kontijet u jaslu għand il-Kummissjoni.

VI. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar (verifika) miksuba hija suffiċjenti u adegwata biex tipprovd bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

## Affidabbiltà tal-kontijiet

*Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet*

VII. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet konsolidati tal-Unjoni Ewropea jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Unjoni fil-31 ta' Diċembru 2011, u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus (likwidità) tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju u r-regoli tal-kontabilità adottati mill-uffiċjal tal-kontabilità tal-Kummissjoni.

## Legalità u regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet

D h u 1

*Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tad-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet*

VIII. Fl-opinjoni tal-Qorti, id-dħul li fuqu huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011 huwa legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

## Impenji

*Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tal-impenji li fuqhom huma bbażati l-kontijiet*

IX. Fl-opinjoni tal-Qorti, l-impenji li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

## Pagamenti

*Bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet*

X. Il-Qorti tikkonkludi li s-sistemi ta' sorveljanza u kontroll eżaminati huma parżjalment effettivi biex jiżguraw il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet. Il-gruppi tal-politika agrikoltura; suq u appoġġ direkt; żvilupp rurali, ambjent, sajd u saħħa; politika regionali, enerġija u trasport; impjieg u affarrijiet soċjali kif ukoll riċerka u politiki interni oħra huma materjalment milquta minn żball. L-istima mill-Qorti hija ta' 3,9 % għar-rata tal-iż-żball l-aktar probabbli għall-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet.

*Opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet*

XI. Fl-opinjoni tal-Qorti, minħabba s-sinifikat tal-kwistjonijiet deskritti fil-bażi għal opinjoni avversa dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti li fuqhom huwa bbażat il-paragrafu dwar il-kontijiet, il-pagamenti li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2011 huma materjalment milquta minn żball.

Is-6 ta' Settembru 2012

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

*President*

Il-Qorti Ewropea tal-Audituri

12, rue Alcide de Gasperi, 1615 Luxembourg, LUXEMBOURG



## **PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)**

Il-Ġurnal Ufficijali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa ufficijali tal-UE	EUR 1 200 fis-sena
Il-Ġurnal Ufficijali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa ufficijali tal-UE	EUR 1 310 fis-sena
Il-Ġurnal Ufficijali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa ufficijali tal-UE	EUR 840 fis-sena
Il-Ġurnal Ufficijali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa ufficijali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Ufficijali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa ufficijali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Ufficijali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea, li joħroġ fil-lingwi ufficijali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Ufficijali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Ufficijali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Ufficijali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika ufficijali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikiesta, l-abbonament f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Ufficijali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

### **Bejgħ u Abbonamenti**

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea, huma disponibbli mill-ufficiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-ufficiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

[http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)

**EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>**

